32005R0713

13.5.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 121/1

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 713/2005

## ta' l-10 ta' Mejju 2005

## li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti antibijotiċi li għandhom użu wiesa' li joriġinaw mill-Indja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2026/97 tas-6 ta' Ottubru 1997 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li m'humiex membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 18 u 19 tiegħu

Wara li kkunsidra l-proposta sottomessa mill-Kummissjoni wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### A. **PROĊEDURA**

#### I. **Stħarriġ li sar qabel u miżuri eżistenti**

(1) Il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 2164/98 [2], impona dazju kumpensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti antibijotiċi li għandhom użu wiesa' b'mod partikolari *amoxicillin trihydrate, ampicillin trihydrate* u *cefalexin*, li m'humiex konfezzjonati f'dożi mkejla jew f'forom jew ippakkjar għal bejgħ bl-imnut ("il-prodott konċernat"), u li jaqgħu fl-ambitu tal-kodiċi NM ex 2941 10 10, ex 2941 10 20 u ex 2941 90 00, li joriġinaw mill-Indja. Il-miżuri kienu ta' natura ta' dazju *ad valorem* li jvarja bejn 0 % u 12 % impost fuq importazzjonijiet minn esportaturi identifikati individwalment li għandhom rata residwa ta' dazju ta' 14,6 % imposta fuq importazzjonijiet minn esportaturi oħra.

#### II. **Talba għal reviżjoni magħquda ta' skadenza u ta' natura temporanja**

(2) Wara l-pubblikazzjoni ta' avviż ta' skadenza imminenti [3] tal-miżuri definittivi li kienu fis-seħħ, il-Kummissjoni rċeviet talba minn produtturi Komunitarji relatati ma' prodott simili, Sandoz GmbH, l-Awstrija, u Sandoz Industrial Products S.A., Spanja, ("l-applikanti"), biex jingħata bidu għal reviżjoni magħquda ta' skadenza u ta' natura temporanja tar-Regolament (KE) Nru 2164/98 skond l-Artikoli 18(2) u 19(2) tar-Regolament bażiku. L-applikanti jirrappreżentaw l-ikbar sehem, f'dan il-każ aktar minn 40 %, tal-produzzjoni totali tal-Komunità ta' ċerti antibijotiċi li għandhom użu wiesa'.

(3) It-talba kienet mibnija fuq l-argument li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx li kienet ser toħloq kontinwazzjoni jew ripetizzjoni ta' sussidjar u ta' dannu għall-industrija tal-Komunità u li l-livell tal-miżuri fis-seħħ kien allegatament mhux biżżejjed biex jilqa' għas-sussidjar li kien qiegħed joħloq il-ħsara.

---

[1] ĠU L 288, 21.10.1997, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).
[2] ĠU L 273, 9.10.1998, p. 1.
[3] ĠU C 8, 14.1.2003, p. 2.

(4) Qabel ma ngħata bidu għar-reviżjoni magħquda ta' skadenza u ta' natura temporanja u skond l-Artikoli 22(1) u 10(9) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni avżat lill-Gvern ta' l-Indja ("il-GOI") illi kienet irċeviet talba għal reviżjoni li kienet dokumentata kif suppost. Il-GOI kien mistieden għall-konsultazzjonijiet bil-għan li jiċċara s-sitwazzjoni rigward il-kontenut tat-talba u s-sejbien ta' soluzzjoni għal ftehim reċiproku. Il-GOI ma laqax l-istedina tal-Kummissjoni għall-konsultazzjoni.

## III. **Bidu ta' reviżjoni magħquda ta' skadenza u ta' natura temporanja**

(5) Il-Kummissjoni eżaminat ix-xiehda mressqa mill-applikanti u qisitha biżżejjed sabiex tiġġustifika l-bidu tar-reviżjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 18(2) u 19(2) tar-Regolament bażiku. Wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, il-Kummissjoni tat bidu għar-reviżjoni magħquda ta' skadenza u ta' natura temporanja tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2164/98 permezz ta' avviż ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea ([1]).

## IV. **Perijodu ta' l-investigazzjoni**

(6) L-investigazzjoni damet mill-1 ta' April 2002 sal-31 ta' Marzu 2003 ("il-perijodu ta' l-investigazzjoni ta' reviżjoni" jew "IP"). Ħarsa mill-qrib tax-xejriet fil-kuntest ta' ħsara kkawżata ħadet bħala żmien mill-1 ta' Jannar 1999 sa l-aħħar tal-perijodu ta' investigazzjoni tar-reviżjoni ("il-perijodu kkunsidrat").

## V. **Partijiet involuti fl-investigazzjoni**

(7) Il-Kummissjoni għarrfet uffiċjalment bil-bidu ta' l-investigazzjoni lill-applikanti, lil produtturi oħra magħrufa fil-Komunità, lill-produtturi esportaturi, lill-importaturi, lill-fornituri qrib is-sors, lill-utenti, u lill-GOI. Il-partijiet interessati kellhom iċ-ċans li jressqu fehmithom bil-miktub u li jitolbu smigħ. Ingħata widen għall-kummenti bil-miktub u verbali mressqa mill-partijiet u, fejn kien xieraq, dawn ġew ikkunsidrati.

(8) Għall-investigazzjoni dwar is-sussidjar, ittieħdet deċiżjoni li jintużaw metodi ta' teħid ta' kampjuni skond l-Artikolu 27 tar-Regolament bażiku minħabba n-numru kemmxejn imdaqqas ta' *produtturi esportaturi* tal-prodott konċernat fl-Indja li kienu mniżżla fit-talba.

(9) Madankollu kien biss numru żgħir ta' *produtturi esportaturi* li resqu 'l quddiem u li taw it-tagħrif meħtieġ għat-teħid tal-kampjuni. Għaldaqstant, l-użu ta' tekniċi ta' teħid ta' kampjuni ma baqax iktar meqjus ta' ħtieġa.

(10) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-partijiet kollha li kienu magħrufa li huma konċernati li resqu 'l quddiem u identifikaw ruħhom fiż-żmien stipulat fl-avviż tal-bidu. Waslu tweġibiet minn ħames produtturi Komunitarji, seba' *produtturi esportaturi*, importatur wieħed, żewġ fornituri qrib is-sors u l-GOI.

(11) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li dehrilha meħtieġ għad-deċiżjoni dwar is-sussidjar u l-ħsara mġarrba kif ukoll għad-deċiżjoni dwar jekk hemmx possibilità ta' tkomplija jew ripetizzjoni ta' sussidjar u ħsara, u jekk iż-żamma jew it-tibdil tal-miżuri jmorrux kontra l-interess Komunitarju. Saru żjarat ta' verifika fil-bini ta' dawn il-partijiet interessati:

1. Produtturi Komunitarji

DSM Anti-Infectives B.V., Delft (Olanda), li wieġbet ukoll għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni f'isem DSM Anti-Infectives Deretil S.A., Almeria, (Spanja) u DSM Anti-Infectives Chemferm S.A., Santa Perpetua de Mogoda, (Spanja). Minn hawn 'il quddiem, dawn it-tliet kumpanniji lkoll flimkien, ser ssir referenza għalihom bħala "DSM".

Sandoz GmbH (magħrufa qabel bħala Biochemie GmbH), Kundl (Awstrija), li wieġbet ukoll għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni f'isem Sandoz Industrial Products S.A. (li qabel kienet magħrufa bħala Biochemie S.A.), Barċellona (Spanja). Iż-żewġ kumpanniji minn hawn 'il quddiem ser ssir referenza għalihom bħala "Sandoz".

([1]) ĠU C 241, 8.10.2003, p. 7.

2. Gvern ta' l-Indja

Il-Ministeru tal-Kummerċ, New Delhi.

3. Produtturi esportaturi fl-Indja

KDL Biotech Ltd. (li qabel kienet magħrufa bħala Kopran Ltd.), Mumbai,

Orchid Pharmaceuticals and Chemicals Ltd., Chennai,

Nectar Lifesciences Ltd., Chandigarh,

Nestor Pharmaceuticals Ltd., New Delhi,

Ranbaxy Laboratories Ltd., New Delhi,

Torrent Gujarat Biotech Ltd., Ahmedabad,

Surya Pharmaceutical Ltd., Chandigarh.

## VI. **Twassil tat-tagħrif u kummenti dwar proċedura**

(12) Il-GOI u l-partijiet l-oħra interessati kienu mgħarrfa bil-fatti ewlenin u bil-konsiderazzjonijiet li fuqhom kien hemm ħsieb li tkun proposta t-tkomplija tal-miżuri. Huma ngħataw ukoll żmien raġonevoli sabiex jikkummentaw. Uħud mill-partijiet ressqu l-kummenti tagħhom bil-miktub. Barra minn hekk, il-GOI u tliet *produtturi esportaturi* ressqu l-pożizzjonijiet tagħhom f'laqgħat ta' smigħ li saru wara t-twassil tat-tagħrif u segwew dan permezz ta' sottomissjonijiet wara s-smigħ li taw ġabra fil-qosor tal-pożizzjonijiet tagħhom. Kull sottomissjoni u kumment ingħataw l-attenzjoni xierqa kif spjegat hawn taħt.

(13) Il-GOI u produttur esportatur wieħed enfasizzaw, waqt is-smigħ ta' wara t-twassil tat-tagħrif, li l-applikanti ma pproduċewx tip wieħed tal-prodott simili, jiġifieri *cefalexin*, u għaldaqstant talbu li, fir-rigward ta' dan it-tip partikolari, il-bidu ta' l-investigazzjoni għandha titħassar.

(14) Bi tweġiba għal din is-sottomissjoni, wieħed għandu jfakkar li kien diġà ġie stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali li t-tipi kollha tal-prodott mistħarreġ (ara Taqsima B hawn isfel) jikkostitwixxu kategorija waħda tal-prodott ([1]). It-tipi kollha jappartjenu għall-istess kategorija, jiġifieri antibijotiċi semi-sintetiċi u ta' użu wiesa' fi kwantitajiet kbar, u li għandhom l-istess użu u ċioè, dak li jkunu magħduda fil-prodott finali ta' dożaġġ finali li jkunu effettivi fil-kura ta' varjetà ta' mard li jittieħed. Għaldaqstant, l-argument imressaq mill-applikanti kellu jiġi miċħud minħabba li t-tipi kollha jiffurmaw prodott waħdani għall-iskop ta' dan il-proċediment.

(15) Il-GOI u produttur esportatur wieħed sostnew li t-tweġibiet għall-kwestjonarju mhux kunfidenzali mill-produtturi Komunitarji ma kinux dettaljati biżżejjed u ma kinux imressqa skond l-Artikolu 29 tar-Regolament bażiku. Kien allegat li nuqqas ta' tagħrif fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mhux kunfidenzali tellef lill-esportaturi kollaboraturi opportunità effettiva biex jiddefendu l-interessi tagħhom rigward l-analiżi tal-ħsara u tar-rabta kawżali.

(16) Għandu jiġi nnotat f'dan il-kuntest illi skond it-Taqsima E hawn isfel, l-industrija Komunitarja fl-investigazzjoni preżenti tikkonsisti f'żewġ partijiet biss, jiġifieri Sandoz u DSM. Barra minn hekk, parti waħda pproduċiet biss *amoxicillin trihydrate* u *ampicillin trihydrate*, filwaqt li l-oħra pproduċiet *cefalexin* ukoll. Dawn iċ-ċirkostanzi partikolari fir-rigward ta' l-industrija Komunitarja kabbru n-natura kunfidenzali ta' ċertu tagħrif mogħti matul l-investigazzjoni. Fi kwalunkwe każ, il-fajl li hu aċċessibbli għall-ispezzjoni minn partijiet interessati fih tweġibiet mhux kunfidenzali mogħtija fil-kwestjonarju taż-żewġ produtturi-kollaboraturi Komunitarji, fejn it-tagħrif kunfidenzali kien ippreżentat f'forma ta' indiċi sabiex jippermetti fehim raġonevoli tas-sustanza tat-tagħrif ippreżentat b'mod kunfidenzali. Għaldaqstant, it-tweġibiet għall-kwestjonarju mhux kunfidenzali mgħoddi lill-produtturi Komunitarji huma xorta meqjusa konformi ma' l-Artikolu 29 tar-Regolament bażiku. Ta' min iżid ukoll illi t-tagħrif dwar ħsara ppreżentat f'indiċi kif mistqarr u mfassal fit-Taqsima F ta' dan ir-Regolament jagħti stampa preċiża biżżejjed tas-sitwazzjoni bejn il-ħsara u l-kawżalità lill-partijiet kollha interessati sabiex dawn jagħrfu jeżaminaw l-analiżi u jiddefendu l-interessi tagħhhom.

([1]) ĠU L 166, 11.6.1998, p. 17, premessa (9).

## B. PRODOTT KONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

### I. Prodott konċernat

(17) Il-prodott kopert b'din ir-reviżjoni hu l-istess wieħed bħal dak konċernat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2164/98, jiġifieri *amoxicillin trihydrate, ampicillin trihydrate* u *cefalexin* li m'humiex konfezzjonati f'dożi mkejla jew f'forom jew ippakkjar għall-bejgħ bl-imnut skond il-kodiċi NM ex 2941 10 10, ex 2941 10 20 u ex 2941 90 00 li joriġinaw mill-Indja ("il-prodott konċernat").

### II. Prodott Simili

(18) Matul il-laqgħa ta' smigħ ta' wara t-twassil tat-tagħrif, il-GOI u produttur esportatur wieħed ġibdu l-attenzjoni għall-fatt li produttur Komunitarju wieħed semma ċerti differenzi fl-"istabbiltà, purità, assaġġ, karatteristiċi galeniċi eċċ." fit-tqabbil bejn il-prodott konċernat u l-prodott simili. Barra minn hekk, l-uniku importatur kollaboratur semma differenzi fir-rigward tas-solubilità fl-ilma.

(19) Iżda kemm il-prodott konċernat kif ukoll il-prodott simili għandhom jikkorrispondu għall-istess farmakopea internazzjonali permezz ta' ċerti speċifikazzjonijiet. Għaldaqstant, għalkemm ma jkunux l-istess fl-aspetti kollha, ikunu jixxiebhu mill-qrib skond kif mitlub mill-Artikolu 1(5) tar-Regolament bażiku.

(20) Riżultat ta' dan, l-investigazzjoni kkonfermat li *amoxicillin trihydrate, ampicillin trihydrate* u *cefalexin* prodotti u mibjugħin fil-Komunità mill-produtturi Komunitarji kellhom karatteristiċi fiżiċi u użu identiku jew jixxiebhu sew mal-prodott konċernat u kienu għaldaqstant prodott simili skond it-tifsira ta' l-Artikolu 1(5) tar-Regolament bażiku.

## Ċ. SUSSIDJI

### I. Introduzzjoni

(21) Abbażi tat-tagħrif miġbur fit-talba għar-reviżjoni u fit-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni, kienu investigati dawn l-iskemi li ġejjin li allegatament jinvolvu l-għoti ta' sussidji:

1. Skemi fuq bażi Nazzjonali

(a) Skema ta' Liċenza minn Qabel,

(b) Skema tal-Ktieb tad-Dritt għad-Dazju,

(ċ) Skema taż-Żoni Ekonomiċi Speċjali/Unitajiet Orjentati għall-Esportazzjoni,

(d) Skema ta' Promozzjoni ta' l-Esportazzjoni ta' Beni Kapitali,

(e) Skemi ta' Taxxa fuq id-Dħul,

— Skema ta' Eżenzjoni ta' Taxxa fuq id-Dħul mill-Esportazzjoni,

— Inċentiv ta' Taxxa fuq id-Dħul għal Riċerka u Żvilupp,

(f) Skema ta' Kreditu għall-Esportazzjoni.

(22) L-iskemi (a) sa (d) speċifikati hawn fuq huma bbażati fuq l-Att ta' l-1992 dwar il-Kummerċ Barrani (Żvilupp u Regolamentazzjoni) (Numru 22 ta' l-1992) li daħal fis-seħħ fis-7 ta' Awissu 1992 ("Att dwar il-Kummerċ Barrani"). L-Att dwar il-Kummerċ Barrani jawtorizza lill-GOI sabiex joħroġ notifiki rigward il-politika ta' l-esportazzjoni u ta' l-importazzjoni. Dawn huma miġbura fil-qosor fid-dokumenti "Politika dwar l-Esportazzjoni u l-Importazzjoni" li jinħarġu mill-Ministeru tal-Kummerċ kull ħames snin u jkunu aġġornati regolarment. Dokument wieħed tal-Politika dwar l-Esportazzjoni u l-Importazzjoni hu rilevanti għall-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni ta' dan il-każ; jiġifieri pjan ta' ħames snin li jkopri l-perijodu mill-1 ta' April 2002 sal-31 ta' Marzu 2007 ("politika EXIM 02-07"). Barra minn hekk, il-GOI jistabbilixxi wkoll il-proċeduri li jirregolaw il-politika EXIM 02-07 fil-"Manwal ta' Proċeduri — 1 ta' April 2002 sal-31 ta' Marzu 2007, l-Ewwel Volum" "HOP I 02-07" ([1]). Il-Manwal ta' Proċeduri hu aġġornat ukoll fuq bażi regolari.

(23) L-Iskemi tat-Taxxa fuq id-Dħul speċifikati hawn fuq taħt (e) huma bbażati fuq l-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dħul ta' l-1961, li hu emendat kull sena mill-Att dwar il-Finanzi.

(24) L-Iskema ta' Kreditu għall-Esportazzjoni speċifikata hawn fuq taħt (f) hi bbażata fuq it-taqsima 21 u 35A ta' l-Att dwar ir-Regolamentazzjoni Bankarja 1949 li jippermetti lill-Bank tar-Riżervi ta' l-Indja ("RBI") li jiggwida banek kummerċjali fil-qasam tal-krediti ta' l-esportazzjoni.

2. Skemi Reġjonali

(25) Skond it-tagħrif miġbur fit-talba għar-reviżjoni u t-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni investigat ukoll numru ta' skemi li allegatament ingħataw minn gvernijiet jew awtoritajiet reġjonali f'ċerti stati Indjani.

(a) Stat tal-Punjab,

— Skema għal Inċentivi Industrijali fil-Punjab.

— Din l-iskema hi bbażata fuq il-politika industrijali u l-kodiċi dwar l-inċentivi tal-Gvern tal-Punjab.

(b) Stat ta' Gujarat,

— Skema ta' Inċentivi Industrijali fil-Gujarat,

— Rimborż ta' Dazju fuq l-Elettriku.

— L-ewwel skema hi bbażata fuq il-politika dwar l-inċentivi industrijali fil-Gujarat filwaqt li t-tieni skema hija bbażata fuq l-Att dwar id-Dazju fuq l-Elettriku ta' Bombay ta' l-1958.

(ċ) Stat ta' Maharashtra,

— Pakkett ta' Skema ta' Inċentivi tal-Gvern ta' Maharashtra ("il-GOM"). Din l-iskema hi mibnija fuq riżoluzzjonijiet tad-Dipartiment ta' l-Industriji, Enerġija u Xogħol tal-GOM.

(26) Skema waħda dwar taxxa fuq id-dħul (inċentiv tat-taxxa fuq id-dħul għal riċerka u żvilupp) u tliet skemi reġjonali (inċentivi industrijali tal-Punjab, inċentivi industrijali ta' Gujarat u r-rifużjoni tad-dazju fuq l-elettriku ta' Gujarat) ma kinux imsemmija fit-talba għar-reviżjoni. Għaldaqstant, skond l-Artikoli 22(1) u 11(10) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni nnotifikat lill-GOI dwar il-possibilità ta' twessigħ ta' l-iskop ta' l-investigazzjoni sabiex ikunu inklużi dawn l-iskemi. Il-GOI kien mistieden għal taħditiet bl-għan li tkun iċċarata s-sitwazzjoni fattwali rigward l-iskemi allegati u sabiex tinstab soluzzjoni bi ftehim reċiproku. Bħala riżultat ta' dawn it-taħditiet u fin-nuqqas ta' soluzzjoni milħuqa bi ftehim reċiproku dwar dawn l-erba' skemi, il-Kummissjoni inkludiet dawn l-iskemi fl-investigazzjoni dwar is-sussidjar.

([1]) Notifikazzjoni Nru 1/2002-07 tal-31.3.2002 tal-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija tal-GOI.

3. Kummenti ġenerali ta' l-għeluq dwar is-sussidjar

(27) Żewġ *produtturi esportaturi* sostnew li l-Iskema ta' Liċenza minn Qabel, l-Iskema tat-Taxxa fuq id-Dħul għal Riċerka u Żvilupp u l-Iskema dwar Kreditu għall-Esportazzjoni għandhom jitħallew barra mill-iskop ta' l-investigazzjoni preżenti minħabba li reviżjoni għandha tkopri biss skemi li kienu investigati oriġinarjament. F'dan il-każ, dawn it-tliet skemi u l-iskemi reġjonali investigati ma kinux investigati matul l-investigazzjoni oriġinali.

(28) Madankollu, id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament bażiku dwar ir-reviżjoni temporanja u ta' skadenza ma jistipulawx tali trattament ristrettiv fir-reviżjonijiet. Per eżempju, reviżjoni temporanja tista' twassal għal żieda ta' miżuri skond l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku jekk dawk eżistenti ma kinux biżżejjed biex iwaqqfu sussidju kumpensattiv. L-Artikolu 19(4) tar-Regolament bażiku jitlob ukoll eżami sabiex jiġi "kkunsidrat jekk iċ-ċirkostanzi dwar is-sussidju … inbidlux b'mod sinifikanti." Għalhekk reviżjoni intermedjarja li tittratta sussidjar tista' twassal *per ser* għal evalwazzjoni mill-ġdid sħiħa tal-qafas ta' sussidjar u mhux sempliċement ta' l-iskemi ta' sussidji oriġinarjament investigati, li possibbilment jistgħu jagħtu vantaġġ lill-prodott konċernat. Barra minn hekk, reviżjoni ta' skadenza mhux bilfors tiffoka biss fuq skemi oriġinarjament investigati. Artikolu 18(2) tar-Regolament bażiku b'mod ġenerali jirreferi għal "kontinwazzjoni jew rikorrenza tas-sussidjar", u mhux għal skemi ta' sussidjar oriġinarjament investigati. Bħala riżultat, ir-reviżjonijiet m'humiex limitati għall-iskemi oriġinarjament investigati imma jeħtieġu eżami tas-sussidjar kemm preżenti kif ukoll futur fosthom ta' programmi mhux investigati oriġinarjament. Fil-fatt hu trattament bħal dan li jwassal għal analiżi xierqa tas-sitwazzjoni li tikkonċerna sussidjar matul perijodu ta' l-investigazzjoni ta' reviżjoni partikolari. Inkella l-gvernijiet jistgħu effettivament iħarsu lilhom infushom minn dixxiplini sussidjarji billi sempliċement jagħtu isem ġdid lil skema jew billi jagħmlulha xi bidliet żgħar strutturali. Dan ifixkel l-għan u l-iskop tal-miżuri kumpensatorji, li hu li jpatti għas-sussidjar ta' dannu.

## II. **Skemi ta' Skala Nazzjonali**

1. *Skema ta' Liċenza minn Qabel ("ALS")*

(a) Bażi legali

(29) Id-deskrizzjoni dettaljata ta' l-iskema tinsab fil-paragrafi 4.1.1 sa 4.1.14 tal-politika EXIM-02-07 u fil-kapitoli 4.1 sa 4.30 tal-HOP I 02-07.

(b) Eliġibilità

(30) L-ALS tikkonsisti f'sitt sotto-skemi, kif inhu deskritt f'aktar dettall fi premessa (31), liema sotto-skemi huma differenti *inter alia* fl-iskop ta' l-eliġibilità. Esportaturi manifatturi u esportaturi negozjanti "assoċjati ma" manifatturi ta' appoġġ huma eliġibbli għal esportazzjoni fiżika u għar-rekwiżit annwali ta' l-ALS. Esportaturi manifatturi li jfornu lill-esportatur finali huma eliġibbli għall-ALS għal fornitura intermedjarja. Kuntratturi ewlenin li jfornu lill-kategoriji "esportazzjoni meqjusa" msemmija fil-paragrafu 8.2 tal-politika EXIM 02-07, bħal fornituri ta' qasam orjentat lejn it-trasport (*export oriented unit* "EOU") huma eliġibbli għal esportazzjoni meqjusa ta' l-ALS. Eventwalment, il-fornituri intermedjarji ta' l-esportaturi manifatturi huma eliġibbli għal benefiċċji esportazzjoni meqjusa taħt is-sotto-skemi msejħa Ordni ta' Rilaxx bil-Quddiem ("ARO") u ittra ta' kreditu interna tip *back to back*.

(ċ) Implimentazzjoni prattika

(31) Liċenzi preliminari jistgħu jinħarġu għal:

(i) *Esportazzjonijiet fiżiċi:* Din hija s-sotto-skema ewlenija. Tippermetti importazzjonijiet bla dazju ta' materjali meħtieġa għall-manifattura ta' prodott speċifiku ta' l-esportazzjoni. F'dan il-kuntest "fiżiku" jfisser li l-prodott ta' l-esportazzjoni jrid jitlaq mit-territorju Indjan. Il-liċenza tispeċifika l-importazzjoni awtorizzata u l-obbligu ta' esportazzjoni flimkien mat-tip ta' prodott ta' l-esportazzjoni.

(ii) *Ħtieġa annwali:* Din it-tip ta' liċenza mhix marbuta ma' prodott speċifiku ta' l-esportazzjoni, imma ma' grupp aktar wiesa' tal-prodott (eż. prodotti kimiċi u oħrajn relatati). Id-detentur ta' liċenza jista' — sa ċertu livell ta' valur milħuq stabbilit mill-prestazzjoni ta' l-esportazzjoni tal-passat — jimporta bla dazju kull tip ta' materjal li jista' jintuża fil-produzzjoni ta' kwalunkwe oġġett li jifforma parti mill-grupp tal-prodott. Jista' jagħżel li jesporta kwalunkwe prodott lest li jagħmel parti mill-grupp tal-prodott li jużа tali materjal eżentat mid-dazji.

(iii) *Provvisti intermedji:* Din is-sotto-skema tkopri każijiet fejn żewġ manifatturi jridu jaħdmu prodott wieħed għall-esportazzjoni u jaqsmu bejniethom il-proċess tal-produzzjoni. L-esportatur manifattur joħloq il-prodott intermedju u jista' jimporta materjali meħtieġa għall-manifattura li huma bla dazju grazzi għall-ALS li hija mfassla għal dan il-għan għal provvisti intermedji. L-esportatur finali jiffinalizza l-produzzjoni u hu obbligat li jesporta l-prodott lest.

(iv) *Esportazzjonijiet meqjusin:* Din is-sotto-skema tippermetti lil kuntrattur ewlieni li jimporta bla dazju materjali użati għall-produzzjoni li huma meħtieġa għall-manifattura ta' oġġetti li jinbiegħu bħala "esportazzjonijiet meqjusin" lill-kategoriji ta' klijenti msemmija fil-paragrafu 8.2 (b) sa (f), (g), (i) u (j) tal-politika EXIM 02-07. Skond il-GOI, esportazzjonijiet meqjusin jirreferu għal dawk il-ħidmiet li fihom l-oġġetti fornuti ma jitilqux mill-pajjiż. Hemm numru ta' kategoriji ta' forniment li jitqiesu bħala esportazzjonijiet meqjusin basta dawn ikunu magħmulin fl-Indja, eż. fornitura ta' oġġetti lil EOU jew lil kumpannija li tinsab ibbażata f'żona ekonomika speċjali ("SEZ").

(v) *ARO:* Id-detentur ta' ALS bil-ħsieb li jġib materjal użat fil-produzzjoni minn sorsi indiġeni, minflok importazzjoni diretta jista' jagħmel dan permezz ta' ARO. F'tali każijiet, il-Liċenzi bil-Quddiem huma validati bħala ARO u jiġu approvati lill-fornitur indiġenu mat-tqassim ta' l-oġġetti speċifikati fihom. L-approvazzjoni ta' l-ARO tintitola lill-fornitur indiġenu lokali għal benefiċċji li jgawdu minnhom esportazzjonijiet meqjusin skond kif spjegat fil-paragrafu 8.3 tal-politika EXIM 02-07 (jiġifieri ALS għal provvisti intermedji/esportazzjoni meqjusa, rimborż ta' esportazzjoni meqjusa u rifużjoni ta' dazju tas-sisa terminali). Il-mekkaniżmu ARO jirrifondi taxxi u dazji lill-fornitur u mhux lill-esportatur finali u dan isir permezz ta' teħid lura/rifużjoni ta' dazji. Ir-rifużjoni tattaxxi/dazji hi disponibbli kemm għal dħul lokali kif ukoll għall-*iiii* importati.

(vi) *Ittra ta' kreditu interna tat-tip back to back:* Din is-sotto-skema għal darba oħra tkopri provvisti lokali għal min għandu ALS. Detentur ta' ALS jista' javviċina bank għal ftuħ ta' ittra ta' kreditu interna favur fornitur indiġenu. Il-liċenza tiġi konvalidata mill-bank għal importazzjoni diretta f'każ biss li l-valur u l-volum ta' l-oġġetti jinġieb b'mod indiġenu u mhux b'importazzjoni. Il-fornitur indiġenu ikun intitolat għal għajnuna ta' esportazzjoni meqjusa skond kif spjegat fil-paragrafu 8.3 tal-politika EXIM 02-07 (jiġifieri ALS għal provvisti intermedji/esportazzjoni meqjusa, rimborż ta' esportazzjoni meqjusa u rifużjoni ta' dazju tas-sisa terminali).

Kien stabbilit li matul il-perijodu ta' investigazzjoni tar-reviżjoni l-esportaturi kollaboraturi akkwistaw biss vantaġġi taħt erba' sotto-skemi marbuta mal-prodott konċernat, jiġifieri (i) esportazzjoni fiżika ALS, (ii) ALS għal rekwiżit annwali, (iii) ALS għal provvisti intermedji bħala fornitur ta' esportatur finali u (iv) esportazzjoni meqjusa ta' ALS bħala fornitur ta' EOUs/oqsma f'SEZs. Għaldaqstant mhux meħtieġ li tkun stabbilita n-natura kumpensatorja ta' (v) l-iskema ARO u (vi) l-iskema ta' ittra ta' kreditu interna tat-tip *back to back*.

(32) Għal skopijiet ta' verifika l-awtoritajiet Indjani jobbligaw legalment lil detentur ta' liċenza li jżomm "kont veritier u korrett tal-konsum u l-użu ta' oġġetti importati skond il-liċenza" f'format speċifiku (kapitolu 4.30 u appendiċi 18 HOP I 02-07), jiġifieri reġistru ta' konsum effettiv ("appendix 18 register").

(33) Rigward is-sotto-skemi (i), (iii) u (iv) elenkati hawn fuq fil-premessa (31), kemm il-benefiċċju għall-importazzjoni u l-esportazzjoni obbligatorja (inkluż l-esportazzjoni meqjusa) huma fissi bil-volum u bil-valur mill-GOI u huma dokumentati fuq il-liċenza. Barra minn hekk, l-operazzjonijiet li jsiru fil-mument ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni jiġu dokumentati minn uffiċjali tal-Gvern fuq il-liċenza. Il-volum ta' l-importazzjoni permess taħt din l-iskema hu stabbilit mill-GOI abbażi ta' normi *standard* ta' *input-output* ("SIONs"). Is-SIONs jeżistu għal ħafna mill-prodotti fosthom il-prodott konċernat u huma ppubblikati fil-HOP II 02-07.

(34) Fil-każ tas-sotto-skema (ii) elenkata hawn fuq fil-premessa (31) (ALS għal rekwiżit annwali), il-benefiċċju għall-importazzjoni biss jiġi dokumentat fuq il-liċenza u dan skond il-valur. Detentur ta' liċenza hu obbligat li "jżomm ir-rabta bejn il-materjali importati għall-manifattura tal-prodott u l-prodott lest" (paragrafu 4.24A(ċ) HOP I 02-07).

(35) Il-materjali użati fil-manifattura li jiġu impurtati m'humiex trasferibbli u jridu jintużaw fit-tiswir tal-prodott lest għall-esportazzjoni. L-obbligu ta' l-esportazzjoni għandu jintlaħaq f'qafas ta' żmien stipulat wara li tinħareġ il-liċenza (18-il xahar b'ċans bil-possibiltà ta' żewġ estensjonijiet ta' 6 xhur-il waħda). F'każ ta' ALS bħala rekwiżit annwali, ma hija permessa l-ebda estensjoni fil-qafas ta' żmien.

(36) Matul l-investigazzjoni tar-reviżjoni kien stabbilit li l-materjali importati għall-manifattura tal-prodott skond l-benefiċċju għall-importazzjoni bla dazju SION taħt id-diversi sotto-skemi mill-esportaturi kollaboraturi qabeż il-materjal li kellhom bżonn biex jipproduċu l-kwantità ta' referenza tal-prodott lest għall-esportazzjoni. Għaldaqstant, is-SIONs tal-prodott konċernat ma kinux eżatti. Barra minn hekk, matul iż-żmien ta' stħarriġ tar-reviżjoni, l-ebda wieħed mill-esportaturi kollaboraturi ma żamm reġistru ta' konsum reali b'mod korrett u effettiv. Ma nżamm l-ebda reġistru f'erba' każijiet minkejja l-obbligu legali li dan isir (ara l-premessa (32) hawn fuq). F'żewġ każijiet il-kumpanniji ma rreġistraw l-ebda konsum effettiv. La l-esportaturi investigati u lanqas il-GOI ma setgħu jippruvaw li l-eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni ma wasslitx għal remissjoni żejda.

(d) Kummenti dwar it-tagħrif imwassal

(37) Il-GOI u ħames esportaturi kollaboraturi ressqu kummenti dwar l-ALS. Huma saħqu li l-ALS taħdem bħala sistema leġittima ta' rimborż jew ta' sostituzzjoni ta' rimborż li allegatament tixbah is-sistema Komunitarja ta' l-ipproċessar *inward*, b'sistema ta' verifika konformi mad-dispożizzjonijiet ta' l-Annessi I, II u III tar-Regolament bażiku mfassla biex tissorvelja r-rabta bejn materjali użati għall-manifattura importati bla dazju u l-prodotti lesti għall-esportazzjoni. Il-GOI u żewġ esportaturi komplew isostnu li hija biss remissjoni żejda ta' dazji li tista' tiġi kkumpensata. Dwar sistema ta' verifika, huma insistew li kien hemm fis-seħħ sistema ta' verifika adegwata. F'dan il-kuntest irreferew għal numru ta' elementi ta' verifika li kienu disponibbli għall-GOI għal tali verifika, fosthom: SIONs, tagħrif ta' kwantità dwar dokumenti ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni, reġistru doganali ta' *bonds* ta' importazzjoni u esportazzjoni taħt l-ALS, reġistru ta' konsum, ktieb ta' Ċertifikazzjoni ta' l-Esportazzjoni ta' l-Intitolament tad-Dazju ("Ktieb DEEC"), verifika ta' rimborż wara li jkunu kompluti l-importazzjoni u l-esportazzjoni, kontrolli ulterjuri fil-kuntest ta' l-amministrazzjoni tad-dazji doganali u tas-sisa Indjani, verifiki perijodiċi ta' kontabilità u prosekuzzjonijiet legali f'każ ta' devjazzjoni. Minkejja dan, il-GOI u esportatur wieħed ammettew li s-SIONs "jistgħu jnaqqsu dak li fil-verità jiġi kkonsmat". Aktar minn hekk, l-ebda esportatur ma ġab biżżejjed provi li wettaq l-obbligu li jżomm reġistru tal-konsum reali skond kif mitlub mill-politika EXIM. U iżjed, żewġ esportaturi sostnew li l-awtorità investigattiva kellha tikkalkula r-remissjoni żejda hi stess. Fl-aħħarnett, kien sostnut li l-KE hi marbuta bi preċedenti passati sabiex ma tagħtix kumpens minħabba fl-ALS. Esportatur wieħed ipprovda kalkolu tad-dazji żejda rifużi u dan wara li ntemm is-smigħ wara li twassal it-tagħrif.

(e) Konklużjoni

(38) L-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni hi sussidju skond it-tifsira ta' l-Artikolu 2(1)(a)(ii) u l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, jiġifieri hi kontribut finanzjarju tal-GOI li tat vantaġġ lill-esportaturi investigati.

(39) Barra minn hekk, il-liċenzi marbuta ma' esportazzjonijiet fiżiċi ALS, ir-rekwiżit annwali ALS, u l-provvista intermedjarja ALS skond il-liġi huma ċertament dipendenti fuq il-prestazzjoni ta' l-esportazzjoni, u għaldaqstant huma meqjusa bħala speċifiċi u kumpensattivi taħt l-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament bażiku. Mingħajr impenn ta' esportazzjoni, kumpannija ma tistax tikseb benefiċċji taħt dawn l-iskemi.

(40) Skond il-modalitajiet tal-każ preżenti, esportazzjoni meqjusa ta' ALS hija *de facto* dipendenti fuq il-prestazzjoni ta' l-esportazzjoni. Intużat biss minn kumpannija waħda b'mod limitat, u f'każ biss ta' provvista lil EOUs jew lil oqsma f'SEZ, liema żewġ kategoriji ssemmew fil-paragrafu 8.2(b) tal-politika EXIM 02-07. Din il-kumpannija saħqet li l-klijenti tagħha eventwalment esportaw il-prodott konċernat. L-objettiv ta' EOU/SEZ huwa l-esportazzjoni kif stipulata fil-paragrafu 6.1 tal-politika EXIM 02-07. Għal dan il-għan fornitur Indjan igawdi taħt l-esportazzjoni meqjusa ta' l-ALS għaliex il-GOI jantiċipa l-qligħ ta' l-esportazzjoni li sussegwentament jirċievi l-esportatur li jinsab f'EOU/SEZ. Skond l-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament bażiku, sussidju għandu jkun meqjus bħala dipendenti fuq l-esportazzjoni meta l-fatti juru li l-għoti ta' tali sussidju, għalkemm skond il-liġi mhuwiex dipendenti fuq il-prestazzjoni ta' l-esportazzjoni, hu effettivament marbut ma' qligħ ta' l-esportazzjoni reali jew antiċipata.

(41) L-ebda waħda mill-erba' sotto-skemi użati fil-każ preżenti m'għandha tkun meqjusa bħala sistema leġittima ta' rimborż ta' dazju jew ta' sostituzzjoni ta' rimborż skond it-tifsira ta' l-Artikolu 2(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Din il-konklużjoni ġiet ikkonfermata wara li kienu mgħarbla s-sottomissjonijiet li ngħataw fit-tagħrif imwassal. L-iskemi ma jikkonformawx mar-regoli stretti mniżżla fl-Anness I punt (i), fl-Anness II (tifsira u regoli għar-rimborż) u fl-Anness III (tifsira u regoli għas-sostituzzjoni ta' rimborż) tar-Regolament bażiku. Il-GOI ma applikax b'mod effettiv is-sistema tiegħu ta' verifika jew il-proċedura li tikkonferma jekk u f'liema ammonti l-materjali użati fil-produzzjoni kienu kkunsmati fit-tiswir tal-prodott esportat (Anness II(II)(4) tar-Regolament bażiku u, fil-każ ta' skemi sostituti ta' rimborż, l-Anness III(II)(2) tar-Regolament bażiku). Is-SIONs tal-prodott konċernat ma kinux preċiżi biżżejjed. L-ebda kumment żvelat fit-tagħrif miġbur ma bidel din il-konklużjoni. Għall-kuntrarju, saħansitra l-GOI ammetta li s-SIONs ma kienux preċiżi. Għalhekk qiegħed jiġi kkonfermat li s-SIONs infushom ma jistgħux jitqiesu bħala sistema ta' verifika tal-konsum reali minħabba li t-tifsil ta' dawk in-normi *standard* eċċessivament ġenerużi ma jħallux lill-GOI jivverifika bi preċiżjoni xierqa kemm kien l-ammont ta' materjali ikkonsmat fil-produzzjoni għall-esportazzjoni. Iktar u iktar ma twettaqx il-kontroll effettiv mill-GOI abbażi ta' reġistru reali miżmum kif suppost ("reġistru ta' l-appendiċi 18"). Barra minn hekk, il-GOI ma wettaqx eżami ieħor ibbażat fuq il-materjal realment użat fil-produzzjoni, għalkemm dan normalment jitwettaq fin-nuqqas ta' sistema ta' verifika applikata b'mod effettiv (Anness II(II)(5) u Anness III(II)(3) tar-Regolament bażiku), u lanqas ma rnexxielu jipprova li ma ngħatat ebda remissjoni eċċessiva. L-allegat tixbih bejn l-ALS u s-sistema Komunitarja ta' proċessar *inward* hu irrilevanti minħabba li s-sistema Komunitarja mhix soġġetta għall-investigazzjoni preżenti.

(42) L-elementi l-oħra ta' verifika li kienu mressqa waqt il-ġbir tat-tagħrif jew ma jeżistux aktar (per eżempju, il-ktieb DEEC tneħħa mill-politika EXIM 02-07) jew m'humiex kredibbli fin-nuqqas ta' kontroll effettiv tar-reġistri tal-konsum reali (jiġifieri tagħrif dwar dokumenti ta' importazzjoni-esportazzjoni, reġistru doganali tal-*bonds*, kontroll ta' rimborż ta' ALS), għaliex jidher li huma bbażati fuq il-ġenerożità wiesgħa tas-SIONs. Ma kinux ipprovduti rapporti ta' kontabilità mill-awtoritajiet Indjani rigward il-*produtturi esportaturi* investigati.

(43) Finalment, minħabba li l-ALS qatt ma kienet analizzata qabel fuq fatti li setgħu jitqabblu ma' dawk stabbiliti fl-investigazzjoni preżenti, ma jeżisti l-ebda preċedent vinkolattiv li ma jkunx hemm kumpens għall-iskema, b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' preċiżjoni tas-SIONs tal-prodott konċernat.

(44) Għaldaqstant dawn l-erba' sotto-skemi jirriżultaw li jistgħu jkunu kumpensatorji.

(f) Kalkolu ta' l-ammont ta' sussidju

(45) Fin-nuqqas ta' sistemi leġittimi ta' rimborż ta' dazji jew ta' sostituzzjoni ta' rimborż, il-benefiċċju kumpensatorju jinsab fir-remissjoni tat-total ta' dazji fuq l-importazzjoni li normalment huma dovuti fuq l-importazzjoni ta' materjal użat fil-produzzjoni. Kuntrarjament għas-sottomissjonijiet żvelati fil-ġbir tat-tagħrif mill-GOI u minn żewġ esportaturi, ir-Regolament bażiku ma jikkontemplax biss kumpens ta' remissjoni "żejda" ta' dazji. Skond l-Artikolu 2(1)(a)(ii) u l-Anness I(i) tar-Regolament bażiku hija biss ir-remissjoni eċċessiva ta' dazji li tista' tiġi kkumpensata ġaladarba jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet ta' l-Annessi II u III tar-Regolament bażiku. Iżda dawn il-kundizzjonijiet ma ntlaħqux fil-każ preżenti.

Għaldaqstant, jekk ikun stabbilit nuqqas ta' proċess ta' sorveljar addattat, l-eċċezzjoni msemmija hawn fuq rigward skemi *drawback* ma tkunx applikabbli u tapplika r-regola normali tal-kumpens ta' l-ammont ta' dazji mhux mħallsa, iktar minn rimborż eċċessiv preżunt. Bħalma hu mfisser fl-Annessi II(II) u III(II) tar-Regolament bażiku, il-piż tal-kalkolu tar-rimborż żejjed ma jaqax fuq l-awtorità investigattiva. Għall-kuntrarju, skond l-Artikolu 2(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku, għandhom ikunu biss stabbiliti biżżejjed provi li juru l-inkapaċità ta' l-allegata sistema ta' verifika. Għandu jkompli jiġi osservat illi fin-nuqqas ta' sistema ta' verifika applikata b'mod effettiv, l-awtoritajiet Indjani jridu jagħmlu eżami ulterjuri li jinħtieġ li jsir fi żmien xieraq, u normalment dan ifisser li jrid isir qabel il-verifika ta' fuq il-post li ssir matul l-investigazzjoni dwar id-dazji ta' kumpens. Il-kalkolu ta' l-għoti lura tad-dazju żejjed ipprovdut minn esportatur wieħed wara l-għoti tat-tagħrif la sar fiż-żmien li kien xieraq, u lanqas ma sar mill-GOI. Għaldaqstant, għandu jiġi skartat.

(46) L-ammonti tas-sussidju għall-esportaturi li użaw l-ALS kienu maħduma fuq id-dazji inevitabbli fuq l-importazzjoni (dazju doganali bażiku u dazju doganali speċjali addizzjonali) fuq il-materjal importat taħt l-erba' sotto-skemi użati għall-prodott konċernat matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni, bħalma hu sottolineat fil-premessa (31) (numeratur). Skond l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku, fejn saru talbiet ġustifikati, tnaqqsu mill-ammonti tas-sussidju dawk l-ispejjeż li kienu meħtieġa jsiru biex jinkiseb is-sussidju. Skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, dawn l-ammonti ta' sussidji kienu allokati fuq il-fatturat ta' l-esportazzjoni ġġenerat mill-prodott konċernat matul iż-żmien ta' stħarriġ tar-reviżjoni (denominatur), u dan għaliex is-sussidju hu kkalkulat fuq il-prestazzjoni ta' l-esportazzjoni u mhux skond il-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.

(47) Sitt kumpanniji bbenefikaw minn din l-iskema matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni u kisbu sussidji ta' bejn 22,0 % u 25,8 % (ara t-tabella fil-premessa (154) hawn taħt).

### 2. *Skema tal-Ktieb tad-Dritt għad-Dazju ("DEPBS")*

#### (a) Bażi Legali

(48) Id-deskrizzjoni dettaljata tad-DEPBS tinstab fil-paragrafu 4.3 tal-politika EXIM 02-07 u fil-kapitolu 4 tal-HOP I 02-07.

#### (b) Eliġibilità

(49) Kwalunkwe esportatur manifattur jew esportatur negozjant hu eliġibbli għal din l-iskema.

#### (ċ) Tħaddim prattiku tad-DEPBS

(50) Esportatur eliġibbli jista' japplika għal krediti ta' DEPBS li huma kkalkulati bħala perċentwali tal-valur tal-prodotti esportati taħt din l-iskema. Dawn it-tip ta' rati DEPBS kienu stabbiliti mill-awtoritajiet Indjani għal bosta mill-prodotti, fosthom il-prodott konċernat. Huma kkalkulati skond is-SIONs, fejn ikun meqjus il-kontenut preżunt ta' l-importazzjoni ta' materjali użati fil-manifattura tal-prodott għall-esportazzjoni u l-inċidenza ta' dazju doganali fuq dawn l-importazzjonijiet preżunti, irrispettivament minn jekk tħallsux jew le d-dazji fuq l-importazzjoni.

(51) Biex kumpannija tkun eliġibbli għall-għajnuna taħt din l-iskema trid tesporta. Fil-mument ta' l-operazzjoni ta' esportazzjoni, l-esportatur għandu jagħmel dikjarazzjoni ma' l-awtoritajiet ta' l-Indja fejn jindika li l-esportazzjoni qiegħda ssir taħt id-DEPBS. Sabiex l-oġġetti jiġu esportati, l-awtoritajiet tad-dwana Indjana joħorġu fattura ta' esportazzjoni bil-baħar matul il-proċedura ta' dispaċċ. Id-dokument irid juri, *inter alia*, l-ammont ta' krediti DEPBS li għandu jingħata għal dik l-operazzjoni ta' esportazzjoni. F'dan il-punt partikolari l-esportatur ikun jaf x'benefiċċji ser jirċievi. Ġaladarba l-awtoritajiet tad-dwana joħorgu l-fattura ta' esportazzjoni bil-baħar, il-GOI ma jkollhiex diskrezzjoni fuq l-għoti ta' kreditu DEPBS. Ir-rata rilevanti ta' DEPBS sabiex tkun maħduma l-għajnuna hi dik applikata fiż-żmien meta ssir id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni. Għaldaqstant, m'hemmx possibbiltà ta' emenda retroattiva fil-livell tal-benefiċċju.

(52) Instab li skond l-*istandards* tal-kontabilità Indjani, krediti DEPBS jistgħu jkunu reġistrati fuq bażi ta' akkumulazzjoni bħala dħul fil-kontijiet kummerċjali meta jitwettaq l-obbligu ta' l-esportazzjoni.

(53) Tali krediti jistgħu jintużaw għal ħlas ta' dazji tad-dwana fuq importazzjoni sussegwenti ta' kwalunkwe oġġett li m'hemmx restrizzjoni ta' importazzjoni, ħlief għal beni kapitali. Oġġetti importati bis-saħħa ta' dawn il-krediti jistgħu jinbiegħu fis-suq domestiku (soġġetti għal taxxa fuq il-bejgħ) jew użati mod ieħor.

(54) Krediti DEPBS huma trasferibbli bla xkiel u validi għal perijodu ta' 12-il xahar mid-data tal-ħruġ.

(55) Applikazzjoni għal krediti DEPBS tista' tkopri sa 25 operazzjoni ta' esportazzjoni u, jekk issir b'mod elettroniku, tkopri ammont bla limitu ta' tali l-operazzjonijiet. *De facto*, ma jeżistu ebda skadenzi riġidi fl----- applikazzjoni għal DEPBS minħabba li l-perijodi ta' żmien imsemmija fil-kapitolu 4.47 HOP I 02-07 huma dejjem ikkalkulati mill-aktar l-operazzjoni ta' esportazzjoni riċenti inkluża f'applikazzjoni DEPBS partikolari.

(d) Kummenti fuq it-tagħrif mogħti

(56) Fl-għoti tat-tagħrif tliet esportaturi li rċivew benefiċċji taħt din l-iskema kkummentaw dwar l-analiżi tad-DEPBS kif sottolineata hawn fuq. Huma sostnew illi (i) kuntrarjament għas-sejbiet fil-premessi (53) u (59), materjali importati taħt DEPBS għandhom jintużaw għall-produzzjoni ta' l-esportazzjoni u krediti DEPBS jistgħu jinkisbu biss jekk ikunu esportati l-oġġetti li fuqhom hemm dazji fuq l-importazzjoni fuq il-materjal użat fil-produzzjoni tagħhom, (ii) il-metodu ġdid ta' kalkolu ta' l-ammonti kumpensattivi (il-qofol tiegħu hi l-operazzjoni ta' esportazzjoni, ara isfel il-premessa (61) sa (62)) m'għandux jintuża għaliex il-benefiċċju hu allegatament mogħti biss bl-użu tal-kreditu u għar-raġuni li l-avviċinament il-ġdid jiddevja b'mod diskriminatorju mill-prassi preċedenti Komunitarja, (iii) id-DEBPS tista' biss tiġi kontrobilanċjata sakemm tali krediti jinkisbu għall-prodott konċernat u (iv) għandu jkun meqjus it-tnaqqis fir-rata-DEBPS li seħħet fi Frar 2004.

(e) Konklużjonijiet dwar id-DEPBS

(57) Id-DEPBS tipprovdi sussidji skond it-tifsira ta' l-Artikolu 2(1)(a)(ii) u l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Kreditu DEPBS hu kontribut finanzjarju mill-GOI peress li l-kreditu eventwalment ser jintuża biex ipaċi dazji fuq l-importazzjoni u għaldaqstant inaqqas lill-GOI id-dħul ta' dazji li kieku kienu jkunu dovuti. Barra minn hekk, il-kreditu DEPBS jibbenefika lill-esportatur għaliex itejjiblu l-likwidità.

(58) Barra dan, skond il-liġi, id-DEPBS hi dipendenti fuq il-prestazzjoni ta' l-esportazzjoni, u għalhekk hi meqjusa bħala speċifika u kumpensatorja taħt l-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament bażiku.

(59) Din l-iskema ma tistax titqies bħala xi sistema leġittima ta' rimborż ta' dazji jew waħda sostituta ta' rimborż skond l-Artikolu 2(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Ma taqbilx mar-regoli stretti stabbiliti fl-Anness I punt (i), fl-Anness II (tifsira u regoli għal rimborż) u fl-Anness III (tifsira u regoli għal sostituzzjoni ta' rimborż) tar-Regolament bażiku. Esportatur ma jaqa' taħt l-ebda obbligi li jikkonsma attwalment oġġetti importati bla dazju fil-proċess tal-produzzjoni u l-ammont ta' kreditu mhuwiex ikkalkolat skond il-materjali użati fil-produzzjoni attwali. Barra minn hekk, m'hemmx sistema jew proċedura preżenti li tikkonferma liema materjali użati fil-manifattura huma kkunsmati fil-proċess ta' produzzjoni tal-prodott esportat jew jekk kienx hemm ħlas żejjed ta' dazji fuq l-importazzjoni skond kif spjegat fil-punt (i) ta' l-Anness I u l-Annessi II u III tar-Regolament bażiku. Fl-aħħarnett, esportatur jista' jgawdi mill-benefiċċji DEPBS irrispettivament minn jekk, wara kollox, kinux fil-fatt importati xi materjali użati fil-produzzjoni. Sabiex jinkiseb il-benefiċċju jkun biżżejjed għal esportatur li sempliċement jesporta merkanzija mingħajr il-bżonn li juri li kien hemm importazzjoni ta' xi materjal użat fil-produzzjoni. Għaldaqstant, anki esportaturi li jakkwistaw il-materjali kollha għall-produzzjoni tagħhom lokalment u ma jimpurtaw l-ebda merkanzija li tista' tintuża fil-produzzjoni huma xorta intitolati għall-benefiċċju tad-DEPBS.

(60) La kienet sostanzjata t-talba magħmula minn esportatur wieħed li materjali importati taħt din l-iskema għandhom jintużaw għall-produzzjoni ta' l-esportazzjoni, u lanqas l-allegazzjoni li l-krediti-DEPBS jistgħu jkunu miksuba biss taħt il-kundizzjoni li l-materjal użat fil-produzzjoni jimponi piż ta' dazju ta' l-importazzjoni. F'dan il-kuntest għandu wkoll jkun innotat illi l-GOI fl-ebda ħin ma kkontesta d-deskrizzjoni fattwali tad-DEPBS kif spjegata hawn fuq. Għaldaqstant, dawn it-talbiet għandhom jiġu miċħuda.

(f) Kalkolu ta' l-ammont ta' sussidju

(61) Skond l-Artikoli 2(2) u 5 tar-Regolament bażiku, l-ammont ta' sussidji kompensatorji kien ikkalkulat f'termini tal-benefiċċju mogħti lil min jirċevih, konklużjoni milħuqa matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni. F'dan ir-rigward, kienet il-fehma li l-benefiċċju jingħata lir-reċipjent f'dak il-mument meta l-operazzjoni ta' l-esportazzjoni ssir taħt din l-iskema. F'dan il-mument il-GOI għandu tendenza jaħfer id-dazji tad-dwana li jikkostitwixxu kontribut finanzjarju skond it-tifsira ta' l-Artikolu 2(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Bħalma ntqal fil-premessa (51) hawn fuq, ġaladarba l-awtoritajiet tad-dwana joħorġu fattura għal esportazzjoni bil-baħar li turi, *inter alia*, l-ammont tal-kreditu tad-DEPBS li għandu jingħata għall-operazzjoni ta' l-esportazzjoni, il-GOI ma jkollux diskrezzjoni dwar jekk jagħtix is-sussidju jew le u lanqas m'għandu diskrezzjoni fuq l-ammont ta' sussidju. Ukoll, kif intqal hawn fuq fl-istess premessa, kwalunkwe bidla fir-rati DEPBS bejn l-esportazzjoni attwali u l-ħruġ ta' liċenza DEPBS m'għandhiex effett retroattiv fuq il-livell ta' benefiċċju mogħti. Barra minn hekk, bħalma hemm imfisser fi premessa (52) hawn fuq, dejjem skond livelli Indjani ta' kontabilità, kumpanniji jistgħu jibbukkjaw krediti DEPBS fuq bażi ta' akkumulazzjoni bħala dħul fl-istadju ta' l-operazzjoni ta' l-esportazzjoni. Finalment, bis-saħħa tal-fatt li kumpannija taf li ser tirċievi sussidju taħt id-DEPBS, u tassew tibbenefika taħt skemi oħra, il-kumpannija tkun diġà f'pożizzjoni kompetittiva vantaġġjuża għaliex tista' tirrifletti s-sussidji billi toffri prezzijiet baxxi.

(62) Il-loġika ta' l-impożizzjoni ta' dazju kumpensattiv, iżda, hi li jkunu radrizzati prattiċi inġusti ta' kummerċ ibbażati fuq vantaġġ kompetittiv illeċitu. Fid-dawl ta' dak li hu spjegat hawn fuq, hu meqjus xieraq li wieħed janalizza l-benefiċċju taħt id-DEPBS bħala t-total ta' krediti maqlugħa fuq l-operazzjonijiet kollha ta' l-esportazzjoni magħmula taħt din l-iskema matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni.

(63) Il-kummenti dwar l-iżvelar ma wasslux għal reviżjoni ta' dan l-metodu ta' kalkolu. Il-metodoloġija ġdida kienet diġà użata fil-passat riċenti mill-Komunitatjiet Ewropej per eżempju fil-kuntest tal-każ tas-sistema ta' elettrodu grafita ([1]). Barra minn hekk, il-prinċipji ta' ċertezza legali u aspettattivi leġittimi ma jipprevenux tali bidla fil-metodoloġija. L-ewwelnett, il-metodu l-ġdid ma jirriżultax f'evalwazzjoni kompluta mill-ġdid ta' l-iskema li minn dejjem kienet kumpensatorja. Tikkonċerna biss il-kalkolu ta' l-ammont tas-sussidju sabiex turi rabta mill-qrib mas-sitwazzjoni fattwali matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni partikolari. It-tieni nett, dan il-metodu hu *inter alia* l-konsegwenza ta' fatti stabbiliti mill-Kummissjoni matul stħarriġ riċenti, e.ż. l-ibbukkjar ta' krediti DEPBS fuq bażi ta' akkumulazzjoni skond *standards* ta' kontabilità Indjani u n-nuqqas ta' eżistenza *de facto* ta' skadenzi għall-applikazzjoni għal tali krediti taħt il-politika EXIM. Barra minn hekk, il-kummenti żvelati kkonfermaw li fil-mument ta' l-operazzjoni ta' esportazzjoni magħmula taħt din l-iskema, l-esportatur jikseb jedd irrevokabbli għal krediti DEPBS. Madankollu, hu mument bħal dan li hu deċiżiv u mhux l-użu sussegwenti, sabiex jistabbilixxi għoti ta' benefiċċju bħalma hu spjegat hawn fuq fil-premessa (61), għaliex esportatur li diġà hu vestit b'tali jedd ikun "aħjar" f'termini finanzjarji.

(64) Kuntrarjament għas-sottomissjoni ta' uħud mill-*produtturi esportaturi*, anki l-kreditu DEPBS maħluq permezz ta' l-esportazzjoni ta' prodotti mhux marbuta ma' dak konċernat kellu jkun ikkunsidrat fil-kalkolu ta' l-ammont kumpensatorju ta' kreditu DEPBS. Ma jeżisti l-ebda obbligu taħt id-DEPBS li jillimita l-użu ta' krediti biex ikun importat bla dazju materjal ta' użu fil-produzzjoni marbut ma' prodott speċifiku. Għall-kuntrarju, krediti DEPBS huma faċilment trasferibbli, jistgħu saħansitra jinbiegħu u jintużaw għall-importazzjoni ta' kwalunkwe oġġett li m'għandux restrizzjonijiet fuqu (il-materjal użat fil-produzzjoni tal-prodott konċernat jappartjeni għal din il-kategorija), ħlief għall-beni kapitali. Bħala konsegwenza, il-prodott konċernat jista' jibbenefika mill-krediti kollha DEPBS akkumulati.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1628/2004 tat-, ĠU L 295, 18.9.2004, p. 4 (premessa (13)).

(65) Barra minn hekk, it-tnaqqis tar-rati DEPBS li ġew wara l-perijodu ta' l-investigazzjoni ta' reviżjoni ma jistgħux ikunu meqjusa minħabba li l-Artikolu 11(1) tar-Regolament bażiku jistipula li tagħrif relatat ma' perijodu sussegwenti għall-IP ma jistax, normalment, ikun ikkunsidrat. Fil-fatt ma teżisti l-ebda garanzija li l-GOI mhux ser jżid rati DEPBS fil-futur.

(66) Fejn saru talbiet ġustifikati, drittijiet li kellhom jitħallsu biex jinkiseb is-sussidju tnaqqsu mill-krediti hekk stabbiliti sabiex jaslu għall-ammonti ta' sussidju bħala numeratur, skond l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku. Skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku dawn l-ammonti ta' sussidju kienu allokati fuq it-total ta' fatturat ta' l-esportazzjoni matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni ta' reviżjoni bħala denominatur xieraq, għaliex is-sussidju jiddependi mill-prestazzjoni ta' l-esportazzjoni u mhux mogħti b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati. Ħames kumpanniji bbenefikaw minn din l-iskema matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni ta' reviżjoni u kisbu sussidji ta' bejn 3,2 % u 8,0 % (ara t-tabella fil-premessa (154) isfel).

### 3. *Skema ta' Punti Orjentata għall-Esportazzjoni (Export Oriented Units Scheme — "EOUS")/Skema ta' Żoni Ekonomiċi Speċjali ("SEZS")*

#### (a) Bażi legali

(67) Id-dettalji ta' dawn l-iskemi jinsabu fil-kapitoli 6(EOUS) u 7 (SEZS) rispettivament tal-politika EXIM 02-07 u tal-HOP I 02-07.

#### (b) Eliġibilità

(68) Bl-eċċezzjoni ta' kumpanniji li huma purament kummerċjali, l-intrapriżi kollha li, fil-prinċipju, jidħlu għall-esportazzjoni tal-produzzjoni kollha tagħhom tal-merkanzija jew servizzi jistgħu jkunu stabbiliti taħt SEZS jew EOUS. Madankollu, kuntrarjament għas-servizzi u għall-biedja, impriżi fis-setturi industrijali jridu jilħqu livell minimu ta' investiment ta' assi fissi (10 miljun *rupees* Indjani) biex ikunu eliġibbli għall-EOUS.

#### (ċ) Implimentazzjoni prattika

(69) Is-SEZS hi l-iskema suċċessur ta' dik li kienet l-Iskema ta' Żoni ta' Proċessar għall-Esportazzjoni ("EPZS"). Is-SEZ huma enklavi bla dazju speċifikament imfassla u huma meqjusa mill-politika EXIM 02-07 bħala territorju barrani għall-iskop ta' operazzjonijiet kummerċjali, dazji u taxxi. Erbatax-il SEZ diġà joperaw u tlettax-il SEZ oħra kienu approvati biex jitwaqqfu mill-awtoritajiet Indjani.

(70) Min-naħa l-oħra, l-EOUs huma ġeografikament aktar flessibbli u jistgħu jkunu stabbiliti fi kwalunkwe post fl-Indja. Din l-iskema tikkumplimenta dik ta' l-SEZs.

(71) Applikazzjoni għal status EOU jew SEZ trid tinkludi dettalji dwar il-ħames snin li jkun imiss dwar, *inter alia*, il-kwantitajiet ippjanati ta' produzzjoni, il-valur proġettat ta' l-esportazzjoni, ir-rekwiżiti ta' l-importazzjoni u rekwiżiti lokali. Jekk l-awtoritajiet jaċċettaw l-applikazzjoni tal-kumpannija, it-termini u l-kundizzjonijiet marbuta ma' l-aċċettazzjoni jiġu kkomunikati lill-kumpannija. Il-ftehim sabiex kumpannija tkun rikonoxxuta taħt SEZ/EOU hu validu għal ħames snin. Il-ftehim jista' jiġġedded għal aktar drabi.

(72) Obbligu kruċjali ta' EOU jew ta' SEZ bħalma hu spjegat fil-politika EXIM 02-07 hu dak li jinkiseb redditu nett ta' kambju barrani (qligħ "NFE"), fejn f'perijodu ta' referenza (5 snin) il-valur totali ta' l-esportazzjoni jrid ikun ikbar mill-valur totali tal-merkanzija impurtata.

(73) Oqsma ta' EOU/SEZ huma intitolati għall-vantaġġi li ġejjin:

(i) eżenzjoni minn dazji fuq l-importazzjoni fuq kull tip ta' merkanzija (inklużi beni kapitali, materja prima u oġġetti għall-konsum) meħtieġa għall-manifattura, produzzjoni, ipproċessar, jew b'rabta ma' dan;

(ii) eżenzjoni minn dazju tas-sisa fuq oġġetti miksuba minn sorsi lokali;

(iii) rimborż ta' taxxa ċentrali fuq il-bejgħ imħallsa fuq oġġetti miksuba lokalment;

(iv) faċilità li tinbiegħ kwota mill-produzzjoni fis-suq domestiku wara pagament ta' dazji applikabbli fuq il-prodott lest, bħala eċċezzjoni għall-obbligu ġenerali li tkun esportata l-produzzjoni sħiħa;

(v) eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dħul dovuta normalment fuq profitti li saru fuq bejgħ ta' esportazzjoni skond it-Taqsima 10A jew it-Taqsima 10B ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dħul għal perijodu ta' 10 snin wara li jkunu nbdew l-operazzjonijiet tan-negozju, iżda mhux aktar tard mis-sena 2010;

(vi) possibilità ta' pussess ta' ekwità barranija ta' 100 %.

(74) Għalkemm il-vantaġġi mogħtija taħt iż-żewġ skemi jistgħu jitqabblu fil-wisa', jeżistu xi differenzi. Per eżempju, hija biss EOU li tista' tikseb 50 % tnaqqis fuq id-dazji pagabbli fuq bejgħ domestiku (bejgħ DTA), filwaqt li f'SEZ iridu jitħallsu 100 % tad-dazji fuq tali bejgħ. EOU jista' jbigħ sa 50 % tal-produzzjoni tiegħu lokalment bi prezzijiet li jirriflettu tali vantaġġ.

(75) Oqsma li joperaw taħt dawn l-iskemi jridu jkunu sorveljati minn uffiċjali tad-dwana skond it-Taqsima 65 ta' l-Att dwar id-Dwana.

(76) Skond il-liġi huma obbligati li jżommu, f'format speċifiku, kont proprju ta' l-importazzjoni kollha, tal-konsum u ta' l-użu tal-materjali kollha importati, u ta' l-esportazzjoni li kellhom. Dawn id-dokumenti għandhom ikunu sottomessi perjodikament, skond ma jkun mitlub, lill-awtoritajiet kompetenti ("rapporti tal-progress kull tliet xhur u annwali").

(77) Madankollu, "fl-ebda ħin [EOU jew SEZ] m'għandha tintalab li tqabbel kull kunsinna importata ma' l-esportazzjoni tagħha, mat-trasferimenti lil oqsma oħra, mal-bejgħ ta' DTA jew ma' ħażniet", il-paragrafu 10.2 ta' l-appendiċi 14-I u l-paragrafu 13.2 ta' l-appendiċi 14-II tal-HOP I 02-07.

(78) Bejgħ lokali jintbagħat u jkun reġistrat fuq bażi ta' awto-ċertifikazzjoni. Il-proċess tat-tluq ta' kunsinni ta' esportazzjoni ta' EOU huma sorveljati minn uffiċjal tad-dwana/sisa li hu stazzjonat b'mod permanenti fl-EOU. Il-kumpannija hi obbligata li tħallas lura lill-GOI s-salarju ta' tali uffiċjal permanenti tal-maħżen tad-dwana.

(79) Skond paragrafu 29 ta' l-appendiċi 14-II tal-HOP I 02-07 "l-attivitajiet kollha ta' l-oqsma SEZ fiż-żona, sakemm mhux speċifikat mod ieħor, inklużi l-esportazzjoni u l-importazzjoni mill-ġdid ta' merkanzija jridu jkunu sottomessi għal proċedura ta' awto-ċertifikazzjoni". Minħabba f'hekk ma jsirux testijiet ta' rutina fuq il-kunsinni għall-esportazzjoni ta' SEZ mill-awtoritajiet doganali

(80) Fil-każ preżenti, skema EOU ntużat minn wieħed mill-esportaturi kollaboraturi. Minħabba li l-iskema SEZ ma ntużatx, m'hemmx il-ħtieġa li tkun analizzata l-kumpensabilità tagħha. L-esportatur kollaboratur li uża l-iskema EOU biex importa materja prima u beni kapitali mingħajr dazji fuq l-importazzjoni, biex jakkwista oġġetti lokalment mingħajr dazju tas-sisa kif ukoll biex jakkwista rimborż tat-taxxi fuq il-bejgħ u jbigħ parti mill-produzzjoni fis-suq lokali. Għaldaqstant, ittieħdu l-vantaġġi kollha mfissra fi premessa (73) hawn fuq minn (i) sa (iv). L-esportatur konċernat gawda wkoll mill-benefiċċji taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-eżenzjoni mit-taxxa tad-dħul ta' l-iskema EOU. Madankollu, minħabba li l-eżenzjoni mit-taxxa tad-dħul imsemmija taqa' taħt l-iskema aktar wiesgħa u ġeneralment aċċessibbli ta' eżenzjoni mit-taxxa tad-dħul, l-analiżi tagħha hi spjegata fil-premessi (117) u (118) hawn taħt.

(d) Kummenti dwar it-tagħrif miġbur

(81) Mit-tagħrif miġbur, produttur esportatur wieħed sostna li l-iskema EOU għandha, jekk xejn, tkun biss kumpensatorja safejn id-dazji li jitħallsu fuq bejgħ domestiku ma jkoprux għal kollox l-ammont ta’ dazji fuq l-importazzjoni eżentati fuq il-materjali użati fil-produzzjoni mibjugħa lokalment (“remissjoni żejda”). L-esportatur hu tal-fehma li minħabba li l-iskema EOU allegatament tixbah lis-sistema Komunitarja ta’ *inward processing*, ifisser li diġà hemm sistema ta’ verifika konformi mad-dispożizzjonijiet ta’ l-Annessi I, II u III tar-Regolament bażiku. Għal dan il-għan, intqal li fil-verità l-awtoritajiet Indjani ma jitolbux li jsir tqabbil bejn il-kunsinna ta’ materjali użati fil-produzzjoni ma’ l-esportazzjoni riżultanti (ara l-premessa (77)), minħabba li mhix mandatorja biex tkun stabbilita sistema proprja ta’ verifika la skond ir-Regolament bażiku u lanqas skond il-Ftehim tal-WTO dwar Sussidji u Miżuri Kumpensatorji (“ASCM”). Barra minn hekk, l-esportatur irrefera għas-sistema interna ta’ *batch sheet* tal-kumpannija bħala dik li tipprovdi rabta ta’ tagħrif bejn id-dħul u l-ħruġ (*input-output*). L-esportatur kompla jinnota li l-bejgħ lokali tiegħu jammonta għal inqas minn 5 % tal-bejgħ li sar matul l-IP. Kien sostnut ukoll li l-valutazzjoni perjodika tal-formoli ta’ redditu tal-bejgħ ta’ kull xahar mitluba mill-GOI hi biżżejjed biex jintlaħqu l-livelli ta’ verifika stabbiliti fir-Regolament bażiku.

(82) Aktar minn hekk, kien sostnut illi (i) għal skopijiet ta’ kalkolu m’għandux jittieħed l-ammont tal-materja prima importat matul il-perijodu ta’ l-investigazzjoni tar-reviżjoni bħalma hu stipulat fil-premessa 19 tar-rapport annwali ta’ progress ta’ din l-EOU, imma l-ammont ta’ materja prima kkonsmat matul il-perijodu kif spjegat fil-premessa 20 tar-rapport, u (ii) il-perijodu ta’ allokazzjoni li jikkonċerna dazji ffrankati fuq l-importazzjoni ta’ beni kapitali, għandu jkun ibbażat fuq il-perijodu ta’ deprezzament speċifiku tal-kumpannija u mhux abbażi tal-perjodu ta’ deprezzament medju għall-*produtturi* esportaturi kollaboraturi kollha. Barra dan, kien sostnut li l-interess miżjud (rata kummerċjali prevalenti fl-Indja matul l-IP) għandu jitnaqqas għal rata medja peżata ta’ stabbiliment ta’ din l-EOU matul il-perijodu ta’ l-investigazzjoni ta’ reviżjoni.

(e) Konklużjonijiet dwar l-iskema EOU

(83) L-eżenzjonijiet ta’ EOU minn żewġ tipi ta’ dazji fuq l-importazzjoni (“dazju doganali bażiku” u “dazju doganali addizzjonali speċjali”) u r-rimborż tat-taxxa fuq il-bejgħ huma kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-GOI skond it-tifsira ta’ l-Artikolu 2(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Id-dħul tal-GOI li jkun dovut fin-nuqqas ta’ din l-iskema jiġi rinunzjat, għaldaqstant, barra dan, ikun qiegħed jingħata benefiċċju fuq l-EOU skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku għaliex l-likwidità tiġi b’hekk salvagwardjata bl-akkwist ta’ rimborż ta’ taxxa fuq il-bejgħ u minħabba li ma jsirx ħlas tal-miżati normalment dovuti.

(84) L-eżenzjoni mid-dazju tas-sisa u mid-dazju ta’ l-importazzjoni ekwivalenti (imsejħa “dazju doganali addizzjonali”) ma twassalx għal dazju maħfur li kieku jkun dovut, iżda jekk titħallas, tista’ tintuża bħala kreditu għal ħlas futur ta’ dazji (l-hekk imsejħa “mekkaniżmu CENVAT”). Għaldaqstant, dawn id-dazji m’humiex definittivi. Bis-sistema tal-kreditu “CENVAT” id-dazju definittiv hu kkalkulat fuq il-valur miżjud u mhux fuq il-materjali użati fil-produzzjoni.

(85) Għaldaqstant, huma biss l-eżenzjoni mid-dazju doganali bażiku, id-dazju doganali addizzjonali speċjali u r-rimborż tat-taxxa fuq il-bejgħ li jikkostitwixxu sussidji skond l-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku. Skond il-liġi huma dipendenti fuq il-prestazzjoni ta’ l-esportazzjoni u għalhekk meqjusa speċifiċi u kumpensatorji taħt l-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament bażiku. L-għan ta’ l-esportazzjoni ta’ EOU kif imfisser fil-paragrafu 6.1 tal-politika EXIM 02-07 hu *conditio sine qua non* biex wieħed jikseb l-inċentivi.

(86) Barra minn hekk, dawn is-sussidji ma jistgħux, kuntrarjament għal sottomissjoni magħmula minn esportatur wieħed, jitqiesu bħala sistemi legali ta’ rimborż ta’ dazji jew ta’ sostituzzjoni ta’ rimborż lura skond it-tifsira ta’ l-Artikolu 2(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Ma jikkonformawx mar-regoli iebsin imfassla fl-Anness I (punt (h) u (i)), fl-Anness II (tifsira u regoli għal rimborż) u fl-Anness III (tifsira u regoli għal sostituzzjoni ta’ rimborż) tar-Regolament bażiku. L-allegata tixbiha bejn l-iskema EOU u s-sistema Komunitarja ta’ *inward processing* hi irrilevanti f’dan il-kuntest billi s-sistema Komunitarja mhix soġġetta għall-investigazzjoni preżenti.

(87) Jekk ir-rimborż tat-taxxa fuq il-bejgħ u d-dispożizzjonijiet ta' l-eżenzjoni mit-taxxa ta' l-importazzjoni huma użati fix-xiri ta' beni kapitali, dan jagħmilhom diġà mhux konformi mar-regoli għal sistemi leġittimi ta' rimborż, għaliex dawk l-oġġetti m'humiex ikkonsmati fil-proċess tal-produzzjoni bħalma hu meħtieġ fl-Anness I punt (h) (rimborż tat-taxxa fuq il-bejgħ) u (i) (remissjoni ta' dazji fuq l-importazzjoni). L-esportatur oġġezzjona għal din l-analiżi u argumenta li la l-beni kapitali huma meħtieġa għall-produzzjoni, ma jistgħux ikunu esklużi *per ser* minn kwalunkwe rimborż ta' dazju permissibbli. Iżda dan ir-raġunament mhux rifless fil-kliem ċar ta' l-Anness I punt (h) u (i), fejn il-beni kapitali huma użati għall-produzzjoni u m'humiex ikkunsmati matulha. Dan l-argument għaldaqstant ma jreġix.

(88) Rigward il-benefiċċji l-oħra disponibbli taħt din l-iskema u minkejja li kienu miflija b'reqqa s-sottomissjonijiet magħmula mill-esportatur, kien konfermat li l-GOI m'għandux sistema effettiva ta' verifika jew tħaddim ta' proċedura li tikkonferma jekk u f'liema ammont il-materjal mixtri biex jintuża fit-tiswir tal-prodott esportat hu ħieles minn dazji u/jew minn taxxi fuq il-bejgħ (Anness II(II)(4) tar-Regolament bażiku u, fil-każ ta' skemi sostituti ta' rimborż, Anness III(II)(2) tar-Regolament bażiku).

(89) EOU jitħalla jbigħ ammont sinifikanti mill-produzzjoni tiegħu fis-suq lokali, sa 50 % tal-fatturat annwali tiegħu. Għalhekk ma jeżisti l-ebda obbligu legali ta' esportazzjoni ta' l-ammont kollu tal-prodotti lesti. Barra minn hekk, minħabba fil-proċedura ta' awto-ċertifikazzjoni, dawn l-operazzjonijiet domestiċi jsiru mingħajr is-superviżjoni u l-kontroll ta' uffiċjal tal-Gvern. Bħala riżultat, l-imħażen doganali ta' EOU m'humiex soġġetti mija fil-mija għall-kontroll fiżiku mill-awtoritajiet Indjani. Għaldaqstant, tiżdied l-importanza ta' aktar elementi ta' verifika, speċjalment li tkun stabbilita r-rabta li teżisti bejn materjali mixtrija bla dazju u użati fil-produzzjoni mal-prodotti lesti għall-esportazzjoni, sabiex l-EOU tikkwalifika bħala sistema ta' verifika ta' rimborż ta' dazji. Kien mifhum li, matul l-IP, l-EOU soġġetta għall-investigazzjoni preżenti ma bigħetx 50 % lokalment imma biss madwar 5 % tal-fatturat annwali tagħha. Dan il-fatt, iżda, ma kellux impatt fuq l-evalwazzjoni ġenerali ta' kemm hi tajba s-sistema ta' verifika mħaddma.

(90) Rigward l-introduzzjoni ta' iktar passi ta' verifika għandu jintqal, bħalma diġà ssemma fil-premessa (77) u kien ikkonfermat permezz tas-sottomissjonijiet ta' l-esportatur, illi EOU hi diġà *de jure* mhix mitluba, fl-ebda ħin, li tqabbel kull kunsinna ta' importazzjoni mad-destinazzjoni tal-prodott riżultanti korrispondenti. Huma biss tali kontrolli fuq il-kunsinna, iżda, li jipprovdu lill-awtoritajiet Indjani b'biżżejjed tagħrif dwar id-destinazzjoni finali tal-materjal użat fil-produzzjoni biex jivverifikaw li l-eżenzjonijiet mid-dazji/taxxi fuq il-bejgħ ma jaqbżux tali materjal użat fil-produzzjoni għall-esportazzjoni. M'humiex biżżejjed il-formoli tar-redditu tat-taxxa ta' kull xahar ta' bejgħ domestiku li jsiru fuq bażi awto-regolatorja u li huma eżaminati kultant żmien mill-awtoritajiet Indjani. Sistemi interni tal-kumpanniji, li jinżammu mingħajr obbligu legali taħt il-politika EXIM, e.ż. sistema ta' *batch sheets*, lanqas ma huma biżżejjed biex tibdel rekwiżit daqshekk ewlieni f'sistema ta' verifika ta' rimborż ta' dazju. Barra minn hekk, sistema ta' verifika ta' rimborż ta' dazju trid tkun mfassla u nforzata minn Gvern u t-twaqqif ta' sistema ta' tagħrif m'għandhiex titħalla fid-diskrezzjoni tat-tmexxija tal-kumpannija individwali konċernata. Intalbu rapporti ta' kontabilità magħmula mill-awtoritajiet Indjani kemm mill-kumpannija kif ukoll mill-GOI, iżda qatt ma kienu ppreżentati u għaldaqstant qatt ma setgħu jkunu sostanzjati. Konsegwentement hu kkonfermat illi, minħabba li EOU speċifikament mhix mitluba li tieħu konsiderazzjoni tar-rabta bejn il-materjali użati fil-produzzjoni u l-prodott riżultanti, ma twaqqaf l-ebda mekkaniżmu effettiv ta' kontroll mill-GOI biex jiddetermina liema u kemm kien l-ammont tal-materjali kkonsmati fil-produzzjoni għall-esportazzjoni.

(91) Ta' min iżid illi l-GOI, la wettaq eżamijiet ulterjuri fuq il-materjali użati fil-produzzjoni, għalkemm dan normalment irid isir fin-nuqqas ta' sistema effettiva ta' verifika (Anness II(II)(5) u Anness III(II)(3) tar-Regolament bażiku), u lanqas ma pprova li ma kienx hemm każ ta' rimborż żejjed. Fil-prinċipju, irid ikun imfakkar li fi sttarriġ simili, tali eżami ulterjuri għandu jitlesta qabel issir żjara ta' verifika u dan sabiex verifika tkun tista' tiżvolġi ruħha u tibbaża s-sejbiet tagħha fuqu skond l-Artikoli 11(8) u 26(1) tar-Regolament bażiku.

(f) Kalkolu ta' l-ammont tas-sussidju

(92) Għal dan il-għan, fin-nuqqas ta' sistemi permissibbli ta' rimborż ta' dazju jew ta' sostituzzjoni ta' rimborż, matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni, il-benefiċċju kumpensatorju kkorrisponda mar-remissjoni tad-dazji kollha fuq l-importazzjoni (dazju doganali bażiku u dazju doganali addizzjonali speċjali) li normalment huma dovuti ma' l-importazzjoni, kif ukoll mar-rimborż tat-taxxa fuq il-bejgħ.

(93) Kienet rifjutata t-talba ta' l-esportatur li jieħu biss konsiderazzjoni ta' l-ammont iffrankat ta' dazji u ta' taxxi fuq il-bejgħ marbuta mal-materjal użat fil-produzzjoni kkonsmat matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni. Il-konferiment tal-benefiċċju skond it-tifsira ta' l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku jseħħ diġà ma' l-akkwist bla dazju jew taxxa tal-bejgħ tal-materjal tal-produzzjoni, billi d-dazji jkunu normalment dovuti f'dak l-istadju.

(i) *Eżenzjoni minn dazji fuq l-importazzjoni (dazju doganali bażiku u dazju doganali addizzjonali speċjali) u rimborż ta' taxxa fuq il-bejgħ fuq materja prima*

(94) Rigward l-esportatur li uża l-iskema EOU, l-ammont ta' sussidju kien ikkalkulat fuq il-livelli milħuqa matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni kemm tad-dazji fuq l-importazzjoni (dazju doganali bażiku u dazju doganali addizzjonali speċjali) li ġew maħfura fuq il-materjali importati għas-settur tal-produzzjoni jiġifieri mediċinali u prodotti intermedjarji mixtrija fi kwantitajiet kbar, u kemm fuq ir-rimborż tat-taxxi fuq il-bejgħ għal dan is-settur. Drittijiet li kien hemm bżonn li jitħallsu biex jinkiseb is-sussidju kienu mnaqqsa skond l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku minn din is-somma sabiex wieħed jasal għall-ammont tas-sussidju sabiex jintuża bħala numeratur. Skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, dan l-ammont ta' sussidju kien allokat fuq fatturat ta' l-esportazzjoni ġġenerat mis-settur *bulk* tal-farmaċewtika ("settur") matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni u jservi bħala denominatur, għaliex is-sussidju hu dipendenti fuq il-prestazzjoni ta' l-esportazzjoni u mhux fuq il-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati. Il-marġini ta' sussidju miksub b'dan il-mod kien ta' 29,6 %.

(ii) *Eżenzjoni minn dazji fuq l-importazzjoni (dazju doganali bażiku u dazju doganali addizzjonali speċjali) fuq beni kapitali*

(95) Il-beni kapitali, kuntrarjament għall-materja prima, m'humiex fiżikament inkorporati fl-oġġett lest. Skond l-Artikolu 7(3) tar-Regolament bażiku, il-benefiċċju lill-kumpannija investigata kien ikkalkulat fuq l-ammont ta' dazji doganali mhux imħallsa fuq beni kapitali mifruxa fuq perijodu korrispondenti ma' dak tad-deprezzament normali tal-valur ta' tali beni kapitali fl-industrija tal-prodott konċernat. Sabiex ikun determinat tali perijodu ta' deprezzament, ittieħdet medja peżata tal-perijodi ta' deprezzament ta' l-esportaturi kollaboraturi kollha. It-talba ta' l-EOU investigati f'dan il-każ li tuża perijodu ta' deprezzament speċifiku għall-kumpannija partikolari ġiet miċħuda għaliex "normali" mhuwiex sinonimu ma' "individwali" imma għal "medja rappreżentattiva". L-ammont ikkalkulat b'dan il-mod, attribwibbli għall-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni, kien bilanċjat biż-żieda ta' interessi relattivi matul l-istess żmien sabiex jinkiseb il-valur tal-vantaġġ u għalhekk jistabbilixxi l-benefiċċju sħiħ ta' din l-iskema għal min irċivieh. L-ammont ta' interess miżjud kien ibbażat fuq ir-rata ta' interess kummerċjali matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni fl-Indja. It-talba ta' l-esportatur li juża r-rata l-aktar baxxa tal-medja ma wasslet għall-ebda differenza fir-riżultat, jiġifieri l-marġini ta' sussidju baqa' l-istess. Drittijiet li tħallsu għax meħtieġa biex jinkiseb is-sussidju kienu mnaqqsa skond l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku minn din is-somma sabiex wieħed jasal għall-ammont tas-sussidju bħala numeratur. Skond l-Artikolu 7(2) u 7(3) tar-Regolament bażiku dan l-ammont ta' sussidju kien diġà allokat fuq il-fatturat ta' l-esportazzjoni ġġenerat mis-settur matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni bħala denominatur, għaliex is-sussidju hu dipendenti fuq il-prestazzjoni ta' l-esportazzjoni u mhux fuq il-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati. Il-marġini tas-sussidju miksub b'dan il-mod kien ta' 1,3 %.

(96) Għaldaqstant, it-total tal-marġini ta' sussidju taħt l-iskema EOU għall-kumpannija konċernata jammonta għal 30,9 %.

4. *Skema ta' Promozzjoni ta' Esportazzjoni ta' Beni Kapitali ("EPCGS")*

(a) Bażi legali

(97) Deskrizzjoni dettaljata ta' l-EPCGS tinsab fil-kapitolu 5 tal-politika EXIM 02-07 u fil-kapitolu 5 tal-HOP I 02-07.

(b) Eliġibilità

(98) Esportaturi manifatturi, esportaturi negozjanti "marbuta ma" manifatturi li jagħtu appoġġ u ma' fornituri ta' servizzi huma eliġibbli għal din l-iskema.

(ċ) Implimentazzjoni prattika

(99) Kumpannija titħalla timporta beni kapitali (ġodda — u minn April 2003 — beni kapitali *second-hand* li għandhom sa 10 snin) b'rata mnaqqsa ta' dazju taħt kondizzjoni ta' obbligu ta' esportazzjoni. Għal dan il-għan il-GOI joħroġ liċenza EPCGS b'applikazzjoni u pagament ta' dritt. Minn April 2000, l-iskema tipprovdi rata mnaqqsa ta' dazju fuq l-importazzjoni ta' 5 % applikabbli għall-beni kapitali kollha importati taħt l-iskema. Sa Marzu 2000 kienu applikabbli rata effettiva ta' dazju ta' 11 % (inkluża *surcharge* ta' 10 %) u, fil-każ ta' importazzjoni ta' valur għoli, rata żero ta' dazju. Sabiex jintlaħaq l-obbligu ta' l- esportazzjoni, il-beni kapitali importati jridu jintużaw biex jipproduċu ċertu ammont ta' oġġetti għall-esportazzjoni matul ċertu żmien.

(100) Min għandu liċenza EPCGS jista' wkoll iġib beni kapitali minn sorsi lokali. F'każ bħal dan, manifattur lokali ta' beni kapitali jista' jgawdi mill-benefiċċju ta' importazzjoni bla dazju ta' komponenti meħtieġa għall-manifattura ta' tali beni. B'mod alternattiv, il-manifattur lokali jista' jitlob lid-detentur tal-liċenza EPCGS il-benefiċċju ta' esportazzjoni meqjusa fir-rigward tal-provvista tal-beni kapitali.

(d) Kummenti dwar it-tagħrif imwassal

(101) Fit-tagħrif imwassal, il-GOI u produttur esportatur issottomettew illi (i) il-perijodu ta' deprezzament għall-beni kapitali allegatament ma kienx żvelat lill-partijiet interessati (ii) ma kinux spjegati b'mod xieraq ir-raġunijiet għaliex u safejn kellu jiżdied l-interess sabiex wieħed jasal għall-ammont tad-dazju kumpensattiv.

(e) Konklużjoni dwar l-Iskema EPCG

(102) L-EPCGS tagħti sussidji skond kif imfisser fl-Artikolu 2(1)(a)(ii) u fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. It-tnaqqis fid-dazju jikkostitwixxi kontribut finanzjarju mill-GOI, billi din il-konċessjoni tnaqqas id-dħul tad-dazju mill-GOI li mod ieħor kien ikun dovut. Barra minn hekk, it-tnaqqis tad-dazju jibbenefika lill-esportatur minħabba li d-dazji ffrankati fuq l-importazzjoni jtejbu l-likwidità tiegħu.

(103) Barra dan, skond il-liġi, l-EPCGS tiddependi fuq il-prestazzjoni ta' l-esportazzjoni billi tali liċenzi ma jistgħux jinkisbu mingħajr impenn ta' esportazzjoni. Għaldaqstant hi meqjusa speċifika u kumpensattiva skond l-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament bażiku.

(104) Fl-aħħar mill-aħħar, din l-iskema ma tistax titqies bħala sistema permissibbli ta' rimborż ta' dazji jew waħda sostituta ta' rimborż skond it-tifsira ta' l-Artikolu 2(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Il-beni kapitali m'humiex koperti mill-iskop ta' tali sistemi permissibbli bħalma jindika l-Anness I, punt (i) tar-Regolament bażiku minħabba li m'humiex ikkunsmati fil-produzzjoni ta' l-oġġetti għall-esportazzjoni.

(f) Kalkolu ta' l-ammont tas-sussidju

(105) L-ammont tas-sussidju kien ikkalkulat kif spjegat fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament bażiku skond id-dazji tad-dwana mhux imħallsa fuq beni kapitali importati mifruxa fuq żmien li jirrifletti l-perijodu normali ta' deprezzament ta' tali beni kapitali fl-industrija ta' l-antibijotiċi. Skond il-prassi stabbilita, l-ammont ikkalkulat b'dan il-mod li hu attribwit għall-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni, kien bilanċjat biż-żieda ta' l-interess matul l-istess perijodu sabiex jirrifletti l-valur sħiħ tal-vantaġġ miksub matul iż-żmien. Ir-rata ta' l-interess kummerċjali matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni fl-Indja kienet meqjusa xierqa għal dan l-iskop. Drittijiet li kellhom jitħallsu sabiex jinkiseb dan is-sussidju tnaqqsu minn din is-somma, skond l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku, sabiex jinkiseb l-ammont tas-sussidju bħala numeratur. B'konformità ma' l-Artikolu 7(2) u 7(3) tar-Regolament bażiku dan l-ammont ta' sussidju kien allokat fuq il-fatturat ta' l-esportazzjoni matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni bħala denominatur għaliex is-sussidju hu dipendenti fuq il-prestazzjoni ta' l-esportazzjoni u ma ngħatax skond il-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati. Erba' kumpanniji bbenefikaw minn din l-iskema matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni. Is-sussidji miksuba kienu insinifikanti.

(106) Minħabba li l-EPCGS mhux ser tiġi kkumpensata f'dan il-każ, mhux meħtieġ li jingħataw tweġibiet għat-tagħrif miġbur.

5. *Skema ta' Krediti għall-Esportazzjoni ("ECS")*

(a) Bażi Legali

(107) Id-dettalji ta' din l-iskema kienu spjegati fiċ-Ċirkulari Prinċipali IECD Nru 5/04.02.02/2002-03 (Kreditu ta' l-esportazzjoni f'munita barranija) u *ċ-Ċirkulari Prinċipali* IECD Nru 4/04.02.02/2002-03 (Kreditu ta' l-esportazzjoni fil-munita *Rupee*) tal-Bank tar-Riżervi ta' l-Indja (*Reserve Bank of India -"RBI"*), li hi indirizzata lill-banek kummerċjali kollha fl-Indja.

(b) Eliġibilità

(108) Esportaturi manifatturi u esportaturi negozjanti huma eliġibbli għal din l-iskema.

(ċ) Implimentazzjoni prattika

(109) Taħt din l-iskema, l-RBI iwaqqaf b'mod mandatarju, il-livell massimu li jista' jintlaħaq tar-rati ta' l-interess applikabbli għall-krediti ta' l-esportazzjoni, kemm f'*rupees* Indjani jew f'muniti barranin, li banek kummerċjali jistgħu jimponu fuq esportatur "bl-iskop li jagħmlu l-kreditu aċċessibbli għall-esportaturi b'rati internazzjonali kompetittivi". L-ECS tikkonsisti f'żewġ sotto-skemi, l-Iskema ta' Kreditu għall-Esportazzjoni ta' Qabel it-Tbaħħir, li tkopri krediti mogħtija lill-esportatur biex jiffinanzja x-xiri, ipproċessar, manifattura, ippakkjar u/jew tbaħħir ta' merkanzija qabel l-esportazzjoni, u l-Iskema ta' Kreditu ta' l-Esportazzjoni ta' Wara t-Tbaħħir, li tipprovdi għal self kapitali li għandu l-għan li jiffinanzja riċevibbli ta' l-esportazzjoni. L-RBI jiggwida wkoll lill-banek biex jagħtu ċertu ammont mill-kreditu bankarju nett tagħhom għall-iffinanzjar ta' l-esportazzjoni.

(110) Bħala riżultat ta' dawn il-Ċirkolari Prinċipali ta' l-RBI, l-esportaturi jistgħu jiksbu krediti ta' l-esportazzjoni b'rati ta' interess preferenzali mqabbla mar-rati ta' interess għal krediti kummerċjali ordinarji ("krediti ta' flus"), li huma mfassla purament minn kondizzjonijiet tas-suq. F'dan ir-rigward, iċ-Ċirkulari Prinċipali fuq Krediti ta' l-Esportazzjoni *Rupee* tinnota li "l-ogħla limiti ffissati għal interessi fuq kreditu estiżi għall-esportaturi kif deċiż f'din iċ-Ċirkolari huma inqas mir-rati massimi ta' self li normalment huma imposti fuq min jissellef u huma, għaldaqstant, indikati bħala li jagħtu konċessjoni f'dan is-sens." Id-differenza fir-rati tista' titnaqqas għal kumpanniji li għandhom tariffi tajbin ta' kreditu. Fil-fatt, kumpanniji li għandhom tariffa għolja jistgħu jkunu f'pożizzjoni li jiksbu krediti ta' l-esportazzjoni u krediti ta' flus bl-istess kondizzjonijiet.

(d) Kummenti dwar it-tagħrif miġbur

(111) Fit-tagħrif miġbur, żewġ esportaturi li ħadu benefiċċji taħt din l-iskema sostnew li l-ECS mhix sussidju kumpensattiv. Huma ssottomettew li (i) sussidju kumpensattiv jirrikjedi trasferiment ta' fondi pubbliċi, (ii) ir-rati tal-krediti ECS huma mfassla skond is-suq minħabba li banek kummerċjali differenti joffru rati ta' interess li huma differenti b'mod sinifikanti u (iii) rati ta' interess marbuta ma' krediti ta' flus huma ogħla minn dawk tal-krediti ta' l-esportazzjoni għaliex l-iffinanzjar ta' l-esportazzjoni hu inqas riskjuż u fil-każ ta' krediti ta' l-esportazzjoni f'munita barranija, minħabba li l-muniti barranin huma konvertiti aktar faċli mir-*rupee* u jista' jkollhom inflazzjoni aktar baxxa, intqal li dan ikollu impatt fuq ir-rati ta' l-interess.

(112) Barra dan, esportatur wieħed sostna, u mingħajr ma pprovda xi kalkolu ġdid fuq il-marġini tas-sussidju, li għal skopijiet ta' kalkoli għandhom jintużaw ir-rati ta' banek oħra li m'humiex dawk identifikati matul iż-żjara ta' verifika bħala l-banek ewlenin, u fi kwalunkwe każ għandhom ikunu biss l-inqas rati għall-esportazzjoni u għall-krediti ta' flus li jitqabblu. Esportatur ieħor argumenta, mingħajr ma ressaq xi evidenza, li l-ammont ta' self għandu jitnaqqas b'25 %, perċentwali li allegatament tirrappreżenta l-kapital tiegħu, anki jekk fil-kontijiet tiegħu dan kien identifikat bħala kapital barrani.

(e) Konklużjoni fuq l-ECS

(113) L-ewwelnett, ir-rati ta' interess preferenzali ta' kreditu ECS imfassla miċ-Ċirkulari Prinċipali ta' l-RBI msemmija fil-premessa (107) jistgħu jnaqqsu l-ispejjeż ta' l-interess ta' esportatur rispett għall-ispejjeż tal-krediti mfassla purament mill-kondizzjonijiet tas-suq u b'hekk jagħtu vantaġġ skond it-tifsira ta' l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Ġie konkluż li ngħata vantaġġ biss fil-każ ta' dawk l-esportaturi kollaboraturi fejn kienet teżisti din id-differenza fir-rati. Kuntrarjament għas-sottomissjonijiet imsemmija hawn fuq, id-differenzi fir-rati ma jistgħux ikunu spjegati mill-imġiba pura tas-suq tal-banek kummerċjali. L-iffinanzjar ta' l-esportazzjoni mhuwiex *per ser* aktar żgur mill-iffinanzjar domestiku. Fil-fatt, is-soltu jiġi meqjus bħala aktar riskjuż u l-kwantità ta' sigurtà mitluba għal ċertu kreditu, irrispettivament mill-oġġett finanzjarju, tirrappreżenta għażla purament kummerċjali ta' bank kummerċjali. Id-differenzi fir-rati fir-rigward ta' banek differenti huma riżultat tal-metodu ta' l-RBI li jiffissa rati ta' self massimi għal kull wieħed mill-banek kummerċjali. Aktar minn hekk, kieku ma kienx għaċ-Ċirkulari Prinċipali ta' l-RBI, il-banek kummerċjali ma jkunux obbligati li jgħaddu xi rati ta' interess għal krediti ta' l-esportazzjoni forsi aktar vantaġġjużi f'muniti barranin lil min issellef fil-qasam tal-finanzjament għall-esportazzjoni. Biex wieħed jgħid fil-qosor x'kien ir-rispons għal dawn is-sottomissjonijiet, għandu jiġi mfakkar li l-objettiv taċ-Ċirkolari Prinċipali ta' l-RBI hu dak li jipprovdi finanzjament għall-esportazzjoni permezz ta' "rati internazzjonali kompetittivi" u li l-RBI innifsu jqis ir-rati ta' kreditu għall-esportazzjoni bħala "konċessjonarji". It-tieni nett, u minkejja l-fatt li l-krediti preferenzali taħt l-ECS huma mogħtija mill-banek kummerċjali, dan il-vantaġġ jissarraf f'kontribut finanzjarju minn gvern skond kif imfisser fl-Artikolu 2(1)(iv) tar-Regolament bażiku. F'dan il-kuntest, għandu jkun innotat li la l-Artikolu 2(1)(iv) tar-Regolament bażiku u lanqas l-ASCM ma jirrikjedu li jkunu mħallsa l-kontijiet pubbliċi, eż. rimborż tal-banek kummerċjali mill-GOI, biex ikun stabbilit li ngħata vantaġġ ta' sussidju, imma l-vantaġġ jingħata biss permezz tad-direzzjoni tal-Gvern sabiex jitwettqu l-funzjonijiet imsemmija fil-punti (i), (ii) jew (iii) ta' l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku. L-RBI hu korp pubbliku u allura jaqa' taħt it-tifsira ta' "gvern" kif stipulat fl-Artikolu 1(3) tar-Regolament bażiku. Hu 100 % proprjetà tal-gvern, jesegwixxi objettivi ta' politika pubblika, eż. politika monetarja, u t-tmexxija tiegħu hi appuntata mill-GOI. L-RBI jiggwida korpi privati minħabba li l-banek kummerċjali huma marbuta bil-kondizzjonijiet, *inter alia*, l-ogħla livell ta' rati ta' interess fuq krediti għall-esportazzjoni kif stipulati miċ-Ċirkulari Prinċipali ta' l-RBI u d-dispożizzjonijiet ta' l-RBI li banek kummerċjali jridu jipprovdu ċertu ammont mill-kreditu nett bankarju tagħhom għall-iffinanzjar ta' l-esportazzjoni. Din id-direzzjoni tobbliga lill-banek kummerċjali li jwettqu funzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(1)(a)(i) tar-Regolament bażiku, f'dan il-każ self fil-forma ta' finanzjament preferenzali għall-esportazzjoni. Dan it-trasferiment daqshekk dirett ta' fondi fil-forma ta' self taħt ċertu kondizzjonijiet jkun normalment vestit fil-Gvern, u l-prassi, fl-ebda sens reali, ma tvarja minn prassi normalment segwita mill-gvernijiet skond l-Artikolu 2(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku. Dan is-sussidju hu meqjus speċifiku u kumpensattiv billi r-rati ta' interess preferenzali huma biss aċċessibbli għall-finanzjament ta' operazzjonijiet għall-esportazzjoni u huma għalhekk dipendenti fuq il-prestazzjoni għall-esportazzjoni kif previst fl-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament bażiku.

(f) Kalkolu ta' l-ammont tas-sussidju

(114) L-ammont tas-sussidju ġie kkalkulat skond id-differenza bejn l-interess imħallas fuq il-krediti għall-esportazzjoni użati matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni u l-ammont li kien ikun pagabbli kieku l-istess rati ta' interess kienu applikabbli għall-krediti kummerċjali ordinarji użati minn kumpannija partikolari. Dan l-ammont ta' sussidju (numeratur) kien allokat fuq il-fatturat totali ta' l-esportazzjoni matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni bħala denominatur skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, minħabba li s-sussidju hu dipendenti fuq il-prestazzjoni ta' l-esportazzjoni u ma kienx mogħti skond il-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati. Ma setgħetx tintlaqa' oġġezzjoni mhux sostanzjata li saret tard minn esportatur wieħed, li l-ammont ta' kreditu kif verifikat matul iż-żjara fuq il-post għandu jitnaqqas b'25 % għaliex allegatament kien jikkonsisti f'fondi proprji ta' l-esportatur, ħaġa li ma ssemmiet la qabel jew lanqas waqt iż-żjara. Għandha tiġi wkoll miċħuda t-talba li, rigward il-banek li jsellfu, jintuża tagħrif ġdid minflok dak it-tagħrif ipprovdut waqt iż-żjara ta' verifika, u dan għaliex tali informazzjoni ma kenitx aċċessibbli fi żmien propizju u ma kenitx soġġetta għall-verifika. Fi kwalunkwe każ, dan l-esportatur ma ssostanzjax it-talba tiegħu li l-finanzjament għall-esportazzjoni kien biss miksub mill-banek kummerċjali bl-aktar kondizzjonijiet favorevoli. Sitt kumpanniji ħadu vantaġġ mill-benefiċċji taħt l-ECS. Huma akkwistaw sussidji sa 2,3 %.

6. *Skemi ta' Taxxa fuq id-Dħul*

(a) Skema ta' Eżenzjoni mit-Taxxa fuq id-Dħul ("EITES")

(i) *L-Artikolu 80HHC ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dħul 1961 ("ITA")*

(115) Kien stabbilit li erba' mill-esportaturi investigati rċevew il-benefiċċju ta' eżenzjoni parzjali fuq it-taxxa tad-dħul fuq profitti miksuba minn bejgħ esportat matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni. Il-bażi legali għal din l-eżenzjoni hi l-Artikolu 80HHC ta' l-ITA.

(116) Din id-dispożizzjoni ta' l-ITA kienet abolita mis-sena ta' stima 2005-2006 (jiġifieri għas-sena finanzjarja mill-1 ta' April 2004 sal-31 ta' Marzu 2005) 'il quddiem. Bħala riżultat, 80HHC ta' l-ITA mhux ser tikkonferixxi xi benefiċċju fuq l-applikant wara l-31 ta' Marzu 2004. Filwaqt li erba' mill-esportaturi investigati gawdew minn din l-iskema fil-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni, minħabba li kienet sussegwentement irtirata, mhux ser tkun meqjusa kumpensattiva skond l-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku.

(ii) *L-Artikoli 10A u 10B ta' l-ITA*

(117) Tibqa' applikabbli sal-31 ta' Marzu 2010 u għall-ewwel għaxar snin mill-bidu tal-produzzjoni, l-eżenzjoni sħiħa mit-taxxa fuq id-dħul fuq il-profitti miksuba mill-bejgħ esportat ta' intrapriżi ġodda li jinsabu f'SEZ, f'Żona ta' Kummerċ Ħieles, jew *parks* teknoloġiċi ta' *hardware* elettroniku u ta' *software* (l-Artikolu 10A ta' l-ITA) jew f'EOU (l-Artikolu 10B ta' l-ITA).

(118) Kumpannija waħda gawdiet minn benefiċċji taħt l-artikolu 10B ta' l-ITA f'dawn l-aħħar għaxar snin, fejn bdiet fis-sena finanzjarja 1993-1994. Għal din ir-raġuni mhix ser tibqa' eliġibbli għall-benefiċċji taħt l-artikolu 10B ta' l-ITA mis-sena finanzjarja 2003-2004 'il quddiem. Għalhekk, skond l-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, din l-iskema mhix ser tkun meqjusa kumpensattiva għall-każ preżenti.

(b) Inċentiv tat-Taxxa fuq id-Dħul għal Riċerka u Żvilupp ("ITIRAD")

(i) *Bażi legali*

(119) Id-deskrizzjoni dettaljata ta' l-ITIRAD tinstab fl-artikolu 35(2AB) ta' l-ITA.

(ii) *Eliġibilità*

(120) Huma eliġibbli taħt din l-iskema kumpanniji involuti fil-qasam tal-bijo-teknoloġija jew tal-manifattura ta' mediċini, farmaċewtika, kompjuters u *software* tal-kompjuter, apparat tat-telekomunikazzjoni, ħelikopters, ajruplani jew oġġetti oħra skond kif jistgħu jkunu notifikati.

(iii) *Implimentazzjoni prattika*

(121) Għal kull spiża (minbarra dik tal-prezz ta' l-art u l-bini) fuq faċilitajiet ta' riċerka u żvilupp *in-house* kif approvati mid-Dipartiment tar-Riċerka Xjentifika u Industrijali tal-GOI, hu previst tnaqqis ta' somma ekwivalenti għal 150 % ta' l-ispejjeż minfuqa *de facto* għal skopijiet ta' taxxa fuq id-dħul. Għaldaqstant, permezz ta' tnaqqis ta' 50 % fuq spejjeż fittizji (jiġifieri spejjeż li ma ntefqux realment), il-bażi u sussegwentement il-piż tat-taxxa fuq id-dħul jitnaqqas artifiċjalment.

(iv) *Kummenti fuq it-tagħrif miġbur*

(122) Skond it-tagħrif miġbur, esportatur wieħed li rċieva benefiċċji taħt din l-iskema, issottometta li ma tistax tkun kumpensatorja għaliex (i) għalkemm l-ITIRAD hi tassew limitata għal ċerti setturi, mhix speċifika skond l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku, billi l-intrapriżi kollha f'dawn is-setturi huma eliġibbli u (ii) spejjeż magħmula wara l-31 ta' Marzu 2005 ma jibbenefikawx mill-iskema skond l-artikolu 35(2AB) is-subartikolu (5) ta' l-ITA.

(v) *Konklużjoni dwar l-ITIRAD*

(123) L-ITIRAD tipprovdi sussidji skond it-tifsira ta' l-Artikolu 2(1)(a)(ii) u l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. It-tnaqqis artifiċjali tal-bażi tat-taxxa fuq id-dħul skond l-artikolu 35(2AB) ta' l-ITA tikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja mill-GOI, minħabba li tnaqqas id-dħul mit-taxxa tad-dħul li kieku kien ikun dovut. Barra dan, it-tnaqqis tat-taxxa fuq id-dħul jagħti vantaġġ lill-kumpannija għaliex din ittejjeb il-likwidità tagħha.

(124) Fit-tagħrif miġbur il-GOI sostna u tenna mingħajr ma ssostanzja l-argument, li l-eliġibilità għall-ITIRAD hi bbażata fuq kriterji oġġettivi u allura l-iskema mhix speċifika. Iżda l-mod ċar kif inhu miktub l-artikolu 35(2AB) ta' l-ITA jindika li l-ITIRAD hi speċifika *de jure* skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament bażiku u għaldaqstant hi kumpensattiva. L-eliġibilità għal din l-iskema mhix immexxija minn kriterji oġġettivi, li huma newtrali skond kif elenkat fl-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament bażiku. Il-benefiċċji taħt din l-iskema huma aċċessibbli biss għal ċerti setturi industrijali msemmija fil-premessa (120) hawn fuq; il-GOI m'għamilx l-iskema aċċessibbli għas-setturi kollha. Bil-maqlub għas-sottomissjoni magħmula minn esportatur wieħed, tali limitazzjoni tfisser speċifiċità, billi l-kategorija "grupp ta' industriji" fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku b'mod sinonimu tiddeskrivi restrizzjonijiet marbuta mas-setturi. Din ir-restrizzjoni mhix ekonomika fin-natura tagħha u għandha applikazzjoni orizzontali bħal per eżempju, in-numru ta' impjegati u d-daqs ta' l-intrapriża.

(125) Barra minn dan, it-talba li l-ispiża involuta wara l-31 ta' Marzu 2005 twassal għal eżenzjoni mill-iskema ma jfissirx li mhix kumpensatorja skond it-tifsira ta' l-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku. Fil-mument tal-finalizzazzjoni tal-konklużjonijiet ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni ma ħariġx li din l-iskema kienet diġà irtirata, lanqas li l-esportatur mhux ser jibqa' jieħu benefiċċji mill-ITIRAD. Għall-kuntrarju, l-ITIRAD kienet fis-seħħ matul is-sena sħiħa ta' stima 2005/2006 (jiġifieri s-sena finanzjarja 2004/2005), u tista' tkompli tagħti aktar benefiċċji. Barra minn hekk, l-esportatur ma ssostanzjax it-talba tiegħu illi t-tul ta' l-iskema mhux ser jiġġedded mill-GOI. Fil-fatt, l-iskema kienet diġà mġedda fil-passat ([1]). M'hemm l-ebda ħjiel li tali tiġdid mhux ser jseħħ fil-futur permezz ta' xi Att dwar il-Finanzi, b'mod partikolari minħabba li l-GOI la waqt il-konsultazzjoni u lanqas fil-kummenti tiegħu mgħoddija mat-tagħrif miġbur ma ta xi ħjiel li mill-31 ta' Marzu 2005 l-iskema sejra (i) tiskadi u (ii) ma tinbidlix b'xi għajnuna komparabbli ta' ħelsien mit-taxxa tad-dħul.

([1]) L-Att dwar il-Finanzi Indjan 1999 (*The Indian Finance Act 1999*) tawwal l-applikazzjoni mill-2000 għall-2005.

(vi) *Kalkolu ta' l-ammont tas-sussidju*

(126) L-ammont ta' sussidju kien ikkalkulat skond id-differenza bejn it-taxxa fuq id-dħul matul il-perijodu ta' stħarriġ tar-reviżjoni kemm bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 35(2AB) ta' l-ITA jew mingħajrha. Dan l-ammont ta' sussidju (numeratur) kien allokat fuq il-fatturat totali matul il-perijodu ta' stħarriġ tar-reviżjoni bħala denominatur skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, minħabba li dan is-sussidju japplika għall-bejgħ kollu lokali u għall-esportazzjoni, u ma ngħatax skond il-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati. Il-marġinu tas-sussidju stabbilit għal kumpannija waħda li rċeviet benefiċċji taħt l-ITIRAD kien ta' 1,5 %.

## III. **Skemi Reġjonali**

### 1. *Skemi ta' Inċentivi Industrijali (Industrial Incentive Schemes — "IIS") tal-Gvernijiet ta' Gujarat u Punjab*

(127) L-Istati ta' Gujarat u Punjab jagħtu inċentivi, lil intrapriżi industrijali eliġibbli, fil-forma ta' eżenzjoni u/jew differiment tat-taxxa fuq bejgħ u xiri sabiex iħeġġu l-iżvilupp industrijali f'żoni fi ħdan dawn l-Istati li ekonomikament għadhom mhux żviluppati. Minħabba li dawn l-iskemi huma virtwalment identiċi, ser jkunu meqjusa flimkien.

(a) Bażi legali

(128) Id-deskrizzjoni dettaljata ta' dawn l-iskemi bħalma hi applikata mill-Gvern ta' Gujarat ("GOG") u l-Gvern tal-Punjab ("GOP") tinstab fir-Riżoluzzjoni tal-GOG Nru. INC-1090-1023-(2)-I(GR No 2) tas-16 ta' Ottubru 1990 u fir-Riżoluzzjoni GOP Nru. 15/43/96-5IB/2238 ta' l-20 ta' Marzu 1996 rispettivament.

(b) Eliġibilità

(129) Kumpanniji li waqqfu stabbiliment industrijali ġdid jew qegħdin jespandu fuq skala ikbar stabbiliment industrijali eżistenti f'żoni li għadhom lura fl-iżvilupp huma eliġibbli biex jibbenefikaw taħt dawn l-iskemi. Minkejja dan, jeżistu listi eżawrjenti ta' industriji li m'humiex eliġibbli sabiex kumpanniji f'ċerti oqsma ta' operazzjonijiet ma jitħallewx igawdu mill-inċentivi.

(ċ) Implimentazzjoni prattika

(130) Taħt dawn l-iskemi, il-kumpanniji jridu jinvestu f'żoni li għadhom lura fl-iżvilupp. Dawn iż-żoni, li jirrappreżentaw ċerti unitajiet territorjali fiż-żewġ Stati, huma kklassifikati skond l-iżvilupp ekonomiku tagħhom f'kategoriji differenti filwaqt li fl-istess ħin hemm żoni esklużi jew "projbiti" mill-applikazzjoni ta' l-iskemi ta' inċentivi. Il-kriterji ewlenin li jistabbilixxu l-ammont ta' inċentivi huma d-daqs ta' l-investiment u ż-żona li fiha qiegħda jew ser tkun allokata l-intrapriża.

(131) L-inċentivi jistgħu jingħataw fi kwalunkwe mument minħabba li m'hemmx limitu ta' żmien la fuq il-formola ta' l-applikazzjoni għall-inċentivi u lanqas fit-twettiq tal-kriterji kwantitattivi.

(d) Kummenti fuq it-tagħrif ikkomunikat

(132) Wara li ngabar it-tagħrif, żewġ esportaturi li rċivew benefiċċji taħt l-IIS, issottomettew illi l-IIS (i) mhix sussidju għall-esportazzjoni, (ii) tikkostitwixxi biss kumpens għal spejjeż oħra dovuti għan-nuqqas ta' infrastruttura xierqa fiż-żoni mmarkati bħala li għadhom lura fl-iżvilupp u (iii) fil-każ ta' esportatur wieħed li ma baqax jibbenefika mill-iskema mill-5 ta' Lulju 2003.

(e) Konklużjoni dwar l-IIS

(133) Dawn l-iskemi jipprovdu sussidji skond it-tifsira ta' l-Artikoli 2(1)(a)(ii) u 2(2) tar-Regolament bażiku. Huma jikkostitwixxu kontribut finanzjarju mill-GOG u mill-GOP rispettivament, billi l-inċentivi mogħtija jnaqqsu d-dħul mit-taxxa li kieku kien ikun dovut u skond il-każ preżenti jfissru eżenzjonijiet mit-taxxi fuq il-bejgħ u fuq ix-xiri. Barra dan, dawn l-inċentivi jagħtu benefiċċju lill-kumpannija għaliex itejbulha l-qagħda finanzjarja minħabba li ma jitħallsux it-taxxi li kieku jkunu dovuti.

(134) Barra minn hekk, l-iskemi huma speċifiċi b'mod reġjonali fis-sens ta' l-Artikolu 3(2)(a) u 3(3) tar-Regolament bażiku billi huma disponibbli biss għal ċerti kumpanniji li jkunu investew f'żoni ġeografiċi immarkati fil-ġurisdizzjoni ta' l-Istati konċernati. M'humiex disponibbli għal kumpanniji li jinsabu barra minn dawn iż-żoni u, ta' min jgħid ukoll, il-livell ta' benefiċċju jvarja skond iż-żona konċernata.

(135) Il-GOI mhux ta' l-istess fehma fejn, qabelxejn, argumenta li l-kummerċ internazzjonali *per ser* mhux soġġett għat-taxxa fuq il-bejgħ bħalma hu diġà stipulat mill-Kostituzzjoni Indjana. Bħala riżultat, il-GOI sostna li tali skemi ma jwasslux għal telf ta' dħul li kieku jkun dovut rigward l-operazzjonijiet għall-esportazzjoni u, bħala konsegwenza, m'għandhomx ikunu kumpensattivi. Minkejja dan, u kuntrarjament għal dak li kien sottomess wara l-għoti tat-tagħrif minn żewġ esportaturi f'dan ir-rigward ukoll, l-iskema ma kenitx eżaminata bħala sussidju għall-esportazzjoni skond l-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament bażiku, jiġifieri marbuta direttament ma' l-esportazzjoni tal-prodott konċernat, imma bħala waħda speċifika f'sens ieħor (ara l-premessa (134)). M'hemmx bżonn rabta diretta bejn is-sussidju u l-prodott esportat sabiex tirrendi skema ta' sussidju f'waħda kumpensattiva. Skond l-Artikolu 1(1) tar-Regolament bażiku hu biżżejjed li wieħed jistabbilixxi rabta diretta bejn is-sussidju u l-kumpannija produttriċi. Skond il-prinċipju li "l-flus huma funġibbli", kull tip ta' sussidju domestiku simili jkollu wkoll effett fuq l-operazzjonijiet għall-esportazzjoni u dan permezz ta' prezzijiet aktar baxxi, għaliex tali sussidju jtejjeb il-likwidità ġenerali ta' kumpannija. Apparti minn dan, il-GOI ma ta l-ebda prova li l-eżenzjoni mit-taxxa ġenerali fuq il-bejgħ għall-esportazzjoni ma tkoprix ukoll passivi mit-taxxa fuq ix-xiri fuq materjali użati fil-produzzjoni. Fil-fatt, fil-każ preżenti, il-kumpanniji użaw l-IIS għat-tpaċija ta' passivi mit-taxxa fuq ix-xiri.

(136) Il-GOI kompla jisħaq li l-IIS, għalkemm ammetta li hija limitata għal ċerti reġjuni li għadhom lura fit-territorji tal-Punjab u Gujarat, m'għandhiex tkun meqjusa bħala speċifika għaliex allegatament huma ma jiffavorixxux ċerti intrapriżi fir-reġjuni magħżula apposta. Iżda l-GOI ammetta li mhux it-tipi kollha ta' produzzjoni fi ħdan dawn it-territorji magħżula huma eliġibbli għall-IIS. Fil-fatt, restrizzjoni reġjonali ta' skema ta' sussidju ta' l-istat waħedha tikkostitwixxi speċifiċità meta tkun indirizzata lejn l-intrapriżi kollha f'żoni magħżula apposta fit-territorju. Dawn it-tipi ta' skemi jiffavorixxu b'mod ċar ċertu intrapriżi fuq oħrajn għaliex kumpannija li tinsab f'reġjun eliġibbli tista' takkwista għajnuna filwaqt li l-kompetitur tagħha li jkun f'reġjun mhux eliġibbli ma jistax. Tali differenza mhix oġġettiva skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament bażiku u allura hi meqjusa speċifika minħabba li l-iskemi m'humiex applikati b'mod orizzontali fit-territorju statali.

(137) Kuntrarjament għas-sottomissjoni ta' esportatur wieħed, kumpens li allegatament sar permezz ta' l-IIS għal spejjeż żejda li daħal għalihom minħabba f'infrastruttura insuffiċjenti, ma jibdilx l-evalwazzjoni tas-sussidju bħal wieħed kumpensattiv. Tali spejjeż allegati ma ġewx sostanzjati.

(138) L-esportatur, li sostna li m'għadux aktar eliġibbli għal benefiċċji taħt l-IIS, ma ssostanzjax din l-allegazzjoni, per eżempju billi pprovda dikjarazzjoni mill-GOG. Għall-kuntarju, fir-rapporti amministrattivi tiegħu għall-2002-2003 (jiġifieri l-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni) huwa sostna illi kien qiegħed ifittex li jtawwal il-benefiċċji ta' l-IIS sas-sena 2012. Ta' min jinnota li tali estensjoni hi possibbli taħt l-IIS f'Gujarat. Il-kumpannija ma tat ebda prova li l-GOG irrifjuta din l-estensjoni.

(139) Kemm l-argumenti tal-GOI kif ukoll is-sottomissjonijiet mgħoddija fit-tagħrif miġbur ma biddlu xejn mill-fehma li l-iskemi — eżenzjoni ta' taxxi fuq bejgħ u xiri — huma kumpensattivi.

(f) Kalkolu ta' l-ammont tas-sussidju

(140) Is-sussidju kien ikkalkulat skond l-ammont ta' taxxi fuq il-bejgħ u x-xiri normalment dovut matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni, li baqa' ma tħallasx taħt dawn l-iskemi. Skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku dawn l-ammonti ta' sussidju (numeratur) kienu mogħtija fuq il-bejgħ totali matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni (denominatur) għaliex is-sussidju mhuwiex dipendenti fuq l-esportazzjoni u ma kienx mogħti skond il-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati. Matul dan il-perijodu, tliet kumpanniji bbenefikaw minn dawn l-iskemi. Huma ħadu sussidji ta' 2,4 % (2 kumpanniji) u 3,1 %.

2. *Skema ta' Eżenzjoni mid-Dazju fuq l-Elettriku (Electricity Duty Exemption scheme "EDE") tal-Gvern ta' Gujarat*

(141) L-Istat ta' Gujarat jagħti inċentivi lil intrapriżi industrijali eliġibbli, fil-forma ta' eżenzjoni mill-ħlas ta' dazju fuq l-elettriku u dan isir sabiex jinkoraġġixxi l-iżvilupp industrijali ta' żoni f'dan l-Istat li għadhom ekonomikament lura.

(a) Bażi legali

(142) It-tifsira dettaljata ta' l-iskema ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq l-elettriku applikata mill-Gvern ta' Gujarat ("GOG") hi spjegata fl-Att dwar it-Taxxa dwar l-Elettriku ta' Bombay ta' l-1958 u b'mod partikolari fl-artikoli 3(2)(vi) u 3(2)(vii)(a) u (b) ta' dan l-Att, kif emendat bl-Ordni dwar l-Adattament dwar il-Liġijiet ta' Gurajat ta' l-1960.

(b) Eliġibilità

(143) Huma eliġibbli kumpanniji li jinvestu f'żoni li għadhom lura, kemm billi jwaqqfu stabbilimenti industrijali ġodda jew billi jwettqu investiment kapitali ta' skala kbira ta' stabbiliment industrijali eżistenti.

(ċ) Implimentazzjoni prattika

(144) L-iskema hi disponibbli biss għal kumpanniji li investew f'ċerti żoni ġeografiċi magħżula fil-ġurisdizzjoni ta' l-Istat ta' Gujarat. Tagħti saħħa wkoll lill-GOG biex jeskludi kwalunkwe żona jew intrapriża industrijali ġdida mill-obbligu li tħallas dazju fuq l-elettriku. Barra minn dan, għal perijodu ta' ħames snin mid-data tal-bidu tal-proċess tal-manifattura, intrapriżi industrijali ġodda mwaqqfa f'żoni magħżula apposta huma jew eżentati mid-dazju fuq l-enerġija, jew intaxxati b'nofs ir-rata normali tad-dazju.

(d) Kummenti fuq it-tagħrif miġbur

(145) Wara l-komunikazzjoni tat-tagħrif, esportatur wieħed li rċieva benefiċċji taħt din l-iskema ssottometta li mill-4 ta' Ġunju 2004 ma baqax jibbenefika minnha. Barra minn dan, esportatur ieħor sostna li ma użax din l-iskema. Iżda għandu jkun innotat li fir-rigward ta' dan ta' l-aħħar, din l-iskema ma kenitx inkluża fl-ebda mument waqt li kien stabbilit l-ammont tiegħu tas-sussidju.

(e) Konklużjoni dwar l-EDE

(146) Din l-iskema hi sussidju skond l-Artikoli 2(1)(a)(ii) u 2(2) tar-Regolament bażiku. Tikkostitwixxi kontribut finanzjarju mill-GOG billi dan l-inċentiv inaqqas id-dħul li kieku kien ikun dovut lill-Istat. Barra dan, tagħti benefiċċju lill-kumpannija li tirċevih. Din l-iskema hi wkoll speċifika għar-reġjun skond it-tifsira ta' l-Artikoli 3(2)(a) u 3(3) tar-Regolament bażiku billi hija disponibbli biss għal kumpanniji li jkunu investew f'ċertu żoni ġeografiċi magħżula fil-ġurisdizzjoni ta' l-Istat ta' Gujarat. Barra minn hekk, kriterji u kondizzjonijiet ta' eliġibilità li jirregolaw dan l-inċentiv m'humiex miktuba ċari fil-liġi, fir-regolamenti, jew dokumenti uffiċjali oħra. Matul iż-żjarat ta' verifika kien ikkonfermat li kumpannija waħda għamlet użu mill-iskema għal perijodu ta' disa' snin. Għalkemm ġiet mitluba tagħti tagħrif ieħor barra l-Att tad-Dazju fuq l-Elettriku ta' Bombay innifsu, dan m'għamlitux, ħaġa li setgħet biddlet din l-analiżi.

(147) Il-GOI argumenta li mindu l-iskema ma baqgħetx kumpensattiva f'każ ieħor fl-1999, minħabba li kienet meqjusa orizzontali fl-applikazzjoni fl-Istat kollu, m'għandhiex issir kumpensattiva issa. Għal dan il-għan, kulma pprovdiet kienet notifika tad-Dipartiment ta' l-Industriji, l-Enerġija u x-Xogħol tal-GOM ta' l-Istat ta' Maharashtra dwar l-Att dwar id-Dazju fuq l-Elettriku ta' Bombay ta' l-1958. Iżda dan it-tagħrif ma jikkonċernax lill-Istat ta' Gujarat. Ta' min jinnota li skond din in-notifika, l-inċentiv ta' l-EDE mhux apparentament disponibbli fid-distretti/żoni kollha ta' Maharashtra, u għaldaqstant għandha tibqa' titqies reġjonalment speċifika. Kien stabbilit li esportatur wieħed mistħarreġ, li kien f'Gujarat, uża din l-iskema matul il-perijodu ta' stħarriġ tar-reviżjoni. Minħabba f'hekk, kien deċiż li din l-iskema hi kumpensattiva għal dan l-esportatur għar-raġunijiet imsemmija fil-premessa ta' qabel.

(148) L-esportatur li saħaq li mhux aktar eliġibbli għall-benefiċċji taħt l-EDE, ma ġabx provi li jissostanzjaw din l-allegazzjoni, per eżempju billi pprovda konferma tal-GOG. Għall-kuntrarju, fir-rapporti amministrattivi għall-2002-2003 (jiġifieri fil-perijodu ta' stħarriġ tar-reviżjoni) intqal illi kien qiegħed jistenna li jiġġeddu l-benefiċċji ta' l-EDE sa l-2012, kif kien sar diġà b'suċċess fil-passat għal total ta' disa' snin, minkejja l-fatt li skond il-leġislazzjoni rilevanti, il-perijodu ta' eżenzjoni għall-EDE kellu jkun ta' ħames snin. Il-kumpannija ma pprovdietx evidenza li l-GOG irrifjuta din l-estensjoni.

(f) Kalkolu ta' l-ammont tas-sussidju

(149) Il-benefiċċju mogħti lill-produttur esportatur kien maħdum skond l-ammont ta' dazju fuq l-elettriku normalment dovut matul il-perijodu ta' stħarriġ tar-reviżjoni imma li baqa' mhux imħallas taħt din l-iskema. Skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, l-ammont ta' sussidju (numeratur) kien allokat fuq it-total ta' bejgħ matul il-perijodu ta' stħarriġ tar-reviżjoni (denominatur), għaliex jirreferi għall-bejgħ kollu, domestiku u għall-esportazzjoni, u ma nħadimx fuq il-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati. Marġinu ta' sussidju ta' 0,2 % kien għalhekk stabbilit għal kumpannija waħda li rċeviet benefiċċji taħt l-EDE.

3. *Skema ta' Pakkett ta' Inċentivi ("PSI") tal-Gvern ta' Maharashtra ("GOM")*

(150) Instab li l-esportaturi produtturi ma akkwistawx benefiċċji kumpensatorji taħt il-PSI.

IV. **Ammont ta' sussidji kumpensatorji**

(151) Hi prassi konsistenti li kumpanniji relatati jitqiesu bħala entità waħda fit-tfassil ta' rata ta' sussidju. Dan għaliex il-kalkolu ta' rati individwali ta' sussidju jista' jinkoraġġixxi evitar ta' miżuri kumpensattivi biex b'hekk idgħajjef l-effett mistenni billi jħalli lill-produtturi relatati jintroduċu l-esportazzjoni tagħhom lejn il-Komunità permezz tal-kumpannija li għandha l-iktar rata individwali baxxa. Sabiex tkun evitata tali sitwazzjoni, għal kull skema l-ewwel ikun ikkalkulat ammont ta' sussidju individwali għal kull kumpannija relatata, imbagħad tittieħed medja peżata ta' dawn is-sussidji u jiġi attribwit lil kull kumpannija relatata.

(152) Żewġ esportaturi produtturi kienu meqjusa bħala kumpanniji relatati u kienet attribwita lilhom rata waħda ta' sussidju, għaliex bħala operazzjonijiet kull waħda hija f'pożizzjoni li teżerċita kontroll fuq il-kumpannija l-oħra. Skond ir-Rapporti Annwali tagħhom, teżisti parentela bejn il-persuni li jokkupaw karigi ewlenin ta' tmexxija fiż-żewġ kumpanniji u jistgħu jeżerċitaw "influwenza sostanzjali" fil-kumpanniji ta' xulxin. Skond l-i*standards* tal-kontabilità Indjani, influwenza sostanzjali tfisser il-parteċipazzjoni fid-deċiżjonijiet finanzjarji u/jew operattivi ta' l-intrapriża, u din il-parentela tikkwalifika bħala tali influwenza skond l-istess *standards* ta' kontabilità. Aktar minn hekk, skond il-liġi doganali Ewropea, il-partijiet huma meqjusa relatati meta jikkontrollaw lil xulxin jew huma membri ta' l-istess familja ([1]).

(153) Wara l-iżvelar wieħed mill-*produtturi esportaturi* ma qabilx ma' l-analiżi tal-parentela tal-partijiet kif imniżżla hawn fuq. Hu allega, mingħajr ma ġab provi, li ma teżisti l-ebda relazzjoni ta' kummerċ bejn iż-żewġ kumpanniji konċernati. Iżda l-produttur esportatur ma kkontestax id-deskrizzjoni fattwali spjegata fil-premessa (152) u lanqas ma wera għalfejn ma kellhomx ikunu meqjusa partijiet relatati minkejja dawn il-fatti. Bħala konsegwenza, it-talba kienet skartata.

Skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku, l-ammont ta' sussidji kumpensatorji espressi *ad valorem* għall-*produtturi esportaturi* mistħarrġa jvarja bejn 25,3 % u 35,1 %.

([1]) Artikolu 143(1)(e)(h) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2.7.1993 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għat-twettiq tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1). Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2286/2003 (ĠU L 343, 31.12.2003, p. 1).

(154) Bħala riżultat tal-livell għoli ta' kooperazzjoni, ir-rata ta' sussidju għall-kumpanniji kollha mhux kollaboraturi ġiet stabbilita bħala dik tal-kumpannija li għandha l-ogħla rata individwali, jiġifieri 35,1 %.

| SKEMA → | ALS | DEPBS | EOUS | EPCGS | ECS | ITIRAD | PSI | GIIS | PIIS | EDE | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| KUMPANNIJA ↓ | % | % | % | % | % | % | % | % | % | % | % |
| KDL Biotech Ltd. | 22,8 | 4,6 | xejn | negl. | 1,0 | xejn | xejn | xejn | xejn | xejn | 28,4 |
| Nectar Lifesciences Ltd. | 25,8 | 3,2 | xejn | negl. | 2,3 | xejn | xejn | xejn | 2,4 | xejn | 33,7 |
| Nestor Pharmaceuticals Ltd. | 22,0 | 3,3 | xejn | xejn | negl. | xejn | xejn | xejn | xejn | xejn | 25,3 |
| Orchid Chemicals & Pharmaceuticals Ltd. | xejn | xejn | 30,9 | xejn | 1,1 | xejn | xejn | xejn | xejn | xejn | 32,0 |
| Ranbaxy Laboratories Ltd. | 25,6 | 8,0 | xejn | negl. | negl. | 1,5 | xejn | xejn | xejn | xejn | 35,1 |
| Surya Pharmaceutical Ltd. | 25,8 | 3,2 | xejn | negl. | 2,3 | xejn | xejn | xejn | 2,4 | xejn | 33,7 |
| Torrent Gujarat Biotech Ltd. | 24,8 | xejn | xejn | xejn | xejn | xejn | xejn | 3,1 | xejn | 0,2 | 28,1 |

## D. PROBABILITÀ LI S-SUSSIDJAR JITKOMPLA JEW JIRREPETI RUĦU

(155) Skond l-Artikolu 18(2) tar-Regolament bażiku sar eżami dwar jekk l-iskadenza tal-miżuri inforzati kellhiex ir-riskju li s-sussidjar jitkompla jew li jkun ripetut.

(156) Bħalma ntqal fil-premessi (21) sa (153) hawn fuq, kien stabbilit li matul il-perijodu ta' stħarriġ tar-reviżjoni, l-esportaturi Indjani tal-prodott konċernat komplew igawdu mis-sussidju kumpensattiv mill-awtoritajiet Indjani. Fil-fatt, il-marġini ta' sussidju li nstabu matul ir-reviżjoni kienu aktar għoljin minn dawk stabbiliti matul l-investigazzjoni oriġinali, li kienu jvarjaw bejn 0 % sa 15,3 % (premessa (43) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2164/98). Kienet biss l-iskema ta' sussidji msemmija fil-premessi (115) u (116) hawn fuq (80 HHC ITA) li twaqqfet, filwaqt li f'xi każijiet oħra, il-kumpanniji individwali ma baqgħux aktar eliġibbli għal ċerti skemi. Dan kien diġà rifless fil-kalkolu tar-rati tas-sussidju. L-iskemi ta' sussidju konċernati li baqa' għadhom jagħtu benefiċċji b'ċertu rikorrenza u m'hemmx ħjiel li dawn il-programmi ser jiġu mitmuma jew mibdula fil-futur qrib. Jekk is-sitwazzjoni ma tinbidilx, l-esportaturi tal-prodott in kwistjoni ser jkomplu jirċievu sussidji kumpensattivi. Kull esportatur hu eliġibbli għal iktar minn programm wieħed ta' sussidji. F'dawn iċ-ċirkostanzi kien meqjus raġonevoli li l-Kummissjoni tikkonkludi li s-sussidjar għandu ċans jitkompla fil-futur.

(157) Minħabba illi ġie muri li s-sussidjar kompla matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni u x'aktarx li jibqa' għaddej fil-futur, il-kwistjoni tal-probabilità ta' ripetizzjoni tas-sussidjar hi irrilevanti.

## E. L-INDUSTRIJA KOMUNITARJA

### I. Produzzjoni Komunitarja

(158) Matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni, prodott simili kien manifatturat fil-Komunità minn dawn il-produtturi Komunitarji li ġejjin: Sandoz, DSM, ACS Dobfar SpA u Antibioticos S.A.. Sandoz talbu reviżjoni magħquda ta' skadenza u ta' natura temporanja tal-miżuri anti-sussidjarji fis-seħħ. DSM appoġġat it-talba filwaqt li Sandoz u DSM ikkoperaw bis-sħiħ matul l-investigazzjoni. Il-produtturi Komunitarji l-oħra la kkoperaw u lanqas opponew il-ftuħ tar-reviżjoni magħquda.

(159) Produttur kollaboratur Komunitarju importa żewġ tipi tal-prodott konċernat mill-Indja matul il-perijodu kkunsidrat, kif ukoll minn stati terzi oħra. Din l-attività ma tibdilx il-kwalifika tiegħu bħala produttur skond it-tifsira ta' l-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku. Imqabbel mal-produzzjoni Komunitarja tal-prodott simili, il-kwantitajiet importati mill-Indja matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni rrappreżentaw biss proporzjon relattivament żgħir ta' inqas minn 10 %. Barra minn hekk, l-importazzjonijiet tiegħu tal-prodott konċernat mill-Indja huma biss ta' natura temporanja minħabba li qiegħed jirristruttura l-produzzjoni tiegħu fil-Komunità u beda jipproduċi tipi tal-prodott simili li qabel kien qiegħed jimportah, *inter alia*, mill-Indja.

## II. **Tifsira ta' l-industrija Komunitarja**

(160) Il-prodott simili maħdum mill-produtturi-kollaboraturi fil-Komunità matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni kien jirrappreżenta 70,5 % tal-produzzjoni Komunitarja totali tal-prodott simili. Dawn il-kumpanniji, għalhekk, jirrappreżentaw l-industrija Komunitarja skond kif imfisser fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku. Issir referenza għalihom bħala l-"industrija Komunitarja" minn hawn 'il quddiem.

# F. **ANALIŻI TAS-SITWAZZJONI FIS-SUQ KOMUNITARJU**

## I. **Introduzzjoni**

(161) L-istatistika rilevanti ta' l-Eurostat għall-kodiċi TARIC 2941 10 10 10, 2941 10 20 10 u 2941 90 00 30 flimkien ma' tagħrif miġbur mit-tweġibiet verifikati tal-kwestjonarju dwar l-industrija Komunitarja ntużaw fl-evalwazzjoni tal-volum u tax-xejriet tal-prezzijiet.

(162) Tagħrif dwar l-industrija Komunitarja kien miksub mir-risposti mogħtija mill-produtturi kollaboraturi tal-Komunità li taw fi kwestjonarju verifikat.

(163) Fejn kien meħtieġ minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità, intużaw indiċijiet biex juru kif żviluppaw ix-xejriet.

(164) Wara l-għoti tat-tagħrif mitlub, esportatur saħaq li l-analiżi tad-danni kellha ssir skond it-tagħrif għas-suq Komunitarju wara li sar it-tkabbir mill-1 ta' Mejju 2004, jiġifieri kellu jinkludi l-10 Stati Membri ġodda.

(165) Minħabba li l-Artikolu 11(1) tar-Regolament bażiku jistipula li tagħrif marbut maż-żmien li jiġi wara IP m'għandux, normalment, jitqies, u minħabba li t-tkabbir sar wara l-IP, din is-sottomissjoni għandha tit-warrab. Fi kwalunkwe każ, it-tagħrif disponibbli juri li m'hemmx produzzjoni tal-prodott simili fl-10 Membri Stati ġodda u li setgħet tibdel is-sitwazzjoni ta' l-industrija Komunitarja.

(166) Barra dan, bħala kumment ġenerali, esportatur wieħed issottometta mingħajr ma kompla jissostanzja l-provi, li l-analiżi tad-danni kif żvelata ma qisietx il-fatturi kollha stipulati fl-Artikolu 8 tar-Regolament bażiku u ma kenitx ibbażata fuq provi diretti.

(167) Osservazzjonijiet konkreti dwar aspetti speċifiċi ta' l-analiżi tad-danni ser jkunu indirizzati fil-kuntest tal-parti rispettiva ta' l-analiżi hawn taħt. Iżda b'risposta għall-kumment ġenerali, għandu jintqal li (i) l-bażi għall-analiżi tad-danni kienu fatti verifikati appoġġati minn provi u (ii) kif jintqal aktar 'l isfel, kienu meqjusa l-fatturi relatati kollha ta' l-importazzjonijiet skond l-Artikolu 8(2) tar-Regolament bażiku, kif ukoll is-17-il indikatur imsemmija fl-Artikolu 8(5) tar-Regolament bażiku li jitkellem dwar is-sitwazzjoni ta' l-industrija Komunitarja u l-fatturi kollha magħrufa barra mill-importazzjonijiet sussidjati ta' l-Artikolu 8(7) tar-Regolament bażiku.

II. **Determinazzjoni tas-suq Komunitarju in kwistjoni**

(168) Sabiex ikun stabbilit jekk l-industrija Komunitarja sofrietx danni jew le, u biex ikun determinat il-konsum u l-indikaturi ekonomiċi varji li huma marbuta mas-sitwazzjoni li tinsab fiha l-industrija Komunitarja, sar eżami dwar jekk u safejn l-użu sussegwenti tal-produzzjoni tal-prodott simili mill-industrija Komunitarja kellu jkun meqjus fl-analiżi.

(169) Fil-fatt, il-prodott simili jinbiegħ mill-industrija Komunitarja kemm lil (i) xerrejja li m'humiex relatati u (ii) stadji aktar avvanzati fl-ipproċessar tal-forma tal-prodott fi ħdan l-istess grupp ta' kumpanniji ("entitajiet relatati"). Bejgħ lil entitajiet mhux relatati kienu meqjusa li jiffurmaw is-"suq ħieles". Bejgħ lil entitajiet relatati għal produzzjoni fi stadji aktar avvanzati fl-ipproċessar kienu meqjusa bħala użu ristrett minħabba fin-nuqqas ta' għażla ħielsa tal-fornitur.

(170) Għal dawn l-indikaturi ekonomiċi li ġejjin marbuta ma' l-industrija Komunitarja, instab li analiżi u evalwazzjoni sinifikattivi kellhom jiffukaw fuq is-sitwazzjoni attwali fis-suq ħieles: il-volum u l-prezzijiet tal-bejgħ fis-suq Komunitarju, is-sehem fis-suq, it-tkabbir, il-qligħ, il-volum ta' l-esportazzjoni u l-prezzijiet. Sabiex tingħata stampa sħiħa tas-sitwazzjoni ta' l-industrija Komunitarja, fejn kien possibbli u ġustifikat, dawn il-konklużjonijiet kienu mqabbla mat-tagħrif miġbur dwar is-suq ristrett.

(171) Rigward indikaturi ekonomiċi oħra, iżda, instab li skond l-investigazzjoni setgħu jkunu raġonevolment studjati biss b'referenza għall-attività sħiħa. Fil-fatt, il-produzzjoni (sew dik ta' suq ristrett kif ukoll ta' suq ħieles), il-kapaċità, l-użu tal-kapaċità, l-investimenti, il-ħażniet, l-impjiegi, il-produttività, il-pagi, il-ħila li jinġabar kapital, jiddependu fuq l-attività sħiħa irrispettivament minn jekk il-produzzjoni tkunx ristretta jew mibjugħa fis-suq ħieles.

(172) Żewġ esportaturi kkontestaw l-analiżi fir-rigward tas-swieq ħielsa u ristretti. Sostnew li dan ma kienx oġġettiv skond it-tifsira ta' l-Artikolu 8(2) tar-Regolament bażiku.

(173) Madankollu, il-Kummissjoni qieset li l-investigazzjoni preżenti stabbiliet separazzjoni ċara u netta bejn is-suq ħieles u dak ristrett. Fil-fatt, xerrej ristrett ma kellu l-ebda għażla ħlief li jixtri mingħand il-fornitur ristrett tiegħu. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-analiżi kellha tiffoka primarjament fuq is-suq ħieles billi l-bejgħ fis-suq ristrett ma kienx soġġett għal kompetizzjoni ma' prodotti mibjugħa fis-suq ħieles u għalhekk ma kienx affettwat mill-importazzjonijiet sussidjati. Ta' min jinnota li minkejja din id-distinzjoni ċara, l-analiżi dwar id-danni ma injoratx is-suq ristrett. Għall-kuntrarju, bħalma hu spjegat hawn isfel, is-sitwazzjoni fiż-żewġt iswieq kellha titpoġġa spalla ma' spalla sabiex tintlaħaq deċiżjoni aħħarija li tkun oġġettiva u finali dwar l-istat ta' l-industrija Komunitarja fit-totalità tagħha. Għaldaqstant, l-argument imressaq għandu jitwarrab.

III. **Konsum Komunitarju**

(174) Fil-kalkolu tal-konsum apparenti Komunitarju tal-prodott konċernat u tal-prodott simili, il-Kummissjoni żiedet:

— il-volum ta' l-importazzjonijiet totali tal-prodott konċernat u tal-prodott simili fil-Komunità kif rappurtat mill-Eurostat,

— il-volum ta' bejgħ tal-prodott simili fil-Komunità manifatturat mill-industrija Komunitarja,

— il-volum ta' l-użu ristrett tal-prodott simili mill-industrija Komunitarja,

— u, abbażi tat-tagħrif miġbur fit-talba għar-reviżjoni, il-volum previst ta' bejgħ tal-prodott simili fil-Komunità mill-produtturi l-oħra magħrufa fil-Komunità.

Kif turi t-tabella hawn taħt, il-konsum Komunitarju tal-prodott konċernat u tal-prodott simili żdied f'51 % matul il-perijodu eżaminat.

| Konsum (kg) | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | IP |
|---|---|---|---|---|---|
| Prodott konċernat u prodott simili | 2 482 053 | 3 240 481 | 3 254 464 | 3 801 666 | 3 745 549 |
| indiċi | 100 | 131 | 131 | 153 | 151 |

(175) Il-GOI u esportatur wieħed issottomettew li d-dettalji tal-konsum kif spjegati hawn fuq għandhom ikunu mgħarrfa f'aktar dettall, b'mod partikolari għal kull produttur Komunitarju u billi ssir distinzjoni bejn il-konsum ħieles u dak ristrett. Kien ukoll argumentat li l-kredibilità tat-tagħrif miġbur dwar il-produtturi Komunitarji minbarra dawk fl-industrija Komunitarja ma ġietx iċċekkjata.

(176) Ta' min wieħed jinnota li l-industrija Komunitarja tikkonsisti f'żewġ partijiet li minnhom waħda topera fis-suq ristrett. Għaldaqstant, minħabba l-Artikolu 29 tar-Regolament bażiku ("kunfidenzalità") mhux possibbli jingħata aktar tagħrif dettaljat. Rigward it-tagħrif dwar produtturi Komunitarji li ma jagħmlux parti mill-industrija Komunitarja jrid jingħad li dawn il-produtturi ma kkollaborawx ma' l-investigazzjoni. Fin-nuqqas ta' tagħrif ieħor disponibbli dwar il-kontribut tal-konsum Komunitarju, intuża t-tagħrif ipprovdut fit-talba għar-reviżjoni. Barra dan, l-ebda parti ma tat informazzjoni kunfliġġenti, u fil-verifika lanqas ma tqajmu dubbji dwar il-kredibilità tagħhom.

## IV. **Importazzjonijiet tal-prodott konċernat fil-Komunità**

### 1. *Volum, prezz, u sehem fis-suq ta' l-importazzjoni mill-Indja*

| Importazzjoni (kg) | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | IP |
|---|---|---|---|---|---|
| Prodott konċernat | 36 800 | 47 400 | 72 100 | 101 800 | 95 200 |
| indiċi | 100 | 129 | 196 | *277* | 259 |

(177) Il-volum ta' l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat żdied b'mod sinifikanti matul il-perijodu kkunsidrat. L-importazzjonijiet fil-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni kienu 159 % aktar mill-1999. Dawn l-importazzjonijiet kibru b'rata aktar mgħaġġla mit-tkabbir ġenerali tal-konsum ta' 51 %, miż-żieda fl-importazzjoni minn stati terzi barra mill-Indja ta' 13 % u miż-żieda fil-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità ta' 80 % matul l-istess perijodu. Rigward l-istatus ta' pajjiż qiegħed jiżviluppa li għandha l-Indja u d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 14(4) tar-Regolament bażiku, instab li l-volum ta' importazzjonijiet mill-Indja matul il-perijodu ta' investigazzjoni tar-reviżjoni rrappreżenta b'mod sinifikanti aktar minn 4 % ta' l-importazzjoni totali tal-prodott simili fil-Komunità.

| Medja tal-prezz ta' importazzjoni għal kull kg f' EUR | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | IP |
|---|---|---|---|---|---|
| Prodott konċernat | 34,66 | 33,94 | 35,51 | 36,57 | 35,34 |
| indiċi | 100 | 98 | 102 | 106 | 102 |

(178) Il-prezz medju ta' l-importazzjoni tal-prodott konċernat żdied bi ftit fejn laħaq l-ogħla punt fl-2002 u wara waqa' lura għal-livell ta' qabel l-2001.

| Sehem fis-suq KE | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | IP |
|---|---|---|---|---|---|
| Prodott konċernat | 1,5 % | 1,5 % | 2,2 % | 2,7 % | 2,5 % |
| indiċi | 100 | 99 | 149 | 181 | 171 |

(179) Is-sehem fis-suq tal-Komunità ta' l-importazzjoni Indjana żdied b'71 % matul il-perijodu eżaminat. Kien osservat li ż-żieda fl-indiċi kellha tammonta biss għal 66 % minflok 71 %. Din hi sottomissjoni aritmetikament valida meta bbażata fuq is-sehem tas-suq f'perċentwal meħud għad-dritt (*rounded down*). Minkejja dan, l-indiċi hawn fuq hu kkalkulat korrettament. Sabiex isir indiċjar preċiż tas-sehem tas-suq ma sarx *rounding* tal-punti perċentwali. Dan jidher ċar meta jitqabblu figuri indiċjati u punti perċentwali għall-1999 u l-2000. Dan il-metodu kien applikat b'mod konsistenti fit-tabelli kollha ta' dan ir-Regolament.

2. *Tnaqqis fil-prezzijiet*

(180) Sabiex wieħed jasal għat-tnaqqis fil-prezzijiet kien analizzat it-tagħrif dwar il-prezz matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni. Għal dan il-għan, kienu mqabbla il-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja lill-ewwel klijenti mhux relatati fuq bażi *ex-works* mal-prezzijiet tal-bejgħ tal-*produtturi esportaturi* Indjani lill-ewwel klijenti indipendenti mill-Komunità, fuq livell ta' importazzjoni CIF, u fiż-żewġ każijiet dan sar wara tnaqqis ta' skonti, rifużjonjiet u kummissjonijiet.

(181) Skond ir-risposti tal-kwestjonarju, sotto-tipi differenti tal-prodott konċernat u tal-prodott simili jistgħu jkunu definiti għal skopijiet ta' tqabbil ibbażati fuq it-tip ta' prodott (jiġifieri *amoxicillin trihydrate, ampicillin trihydrate* u *cefalexin*) u l-varjanti (jiġifieri trab jew forma kompatta).

(182) Il-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja u l-prezzijiet ta' l-importazzjoni CIF tal-*produtturi esportaturi* kienu mqabbla fuq l-istess livell kummerċjali, jiġifieri ma' dawk ta' kummerċjanti/distributuri fi ħdan is-suq Komunitarju, skond il-prezzijiet b'medja peżata għal kull sotto-tip tal-prodott. Matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni kważi kull bejgħ tal-*produtturi esportaturi* Komunitarji sar permezz ta' kummerċjanti/distributuri.

(183) Ir-riżultati tat-tqabbil, meta miktuba f'perċentwali tal-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni, urew marġini sinifikanti ta' tnaqqis fil-prezz. Fuq bażi ta' produttur esportatur, dawn il-marġini kienu jvarjaw bejn 11,5 % u 17,1 %. Minħabba f'hekk, dawn il-marġini ta' tnaqqis jindikaw pressjoni kontinwa fuq il-prezzijiet magħmula mill-importazzjoni Indjana fuq is-suq Komunitarju minkejja l-eżistenza tal-miżuri.

## V. **Is-sitwazzjoni ekonomika ta' l-industrija Komunitarja**

1. *Produzzjoni, kapaċità, u użu tal-kapaċità*

| | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | IP |
|---|---|---|---|---|---|
| Indiċi Produzzjoni | 100 | 121 | 127 | 154 | 160 |
| Indiċi Kapaċità | 100 | 117 | 123 | 148 | 157 |
| Indiċi ta' l-użu tal-kapaċità | 100 | 103 | 103 | 104 | 102 |

(184) Bħala konsegwenza taż-żieda kontinwa fil-konsum Komunitarju, il-produzzjoni ta' l-industrija Komunitarja tal-prodott simili żdiedet kontinwament fuq il-perijodu kkunsidrat. Din ix-xejra pożittiva spikkat aktar matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni meta wieħed mill-produtturi kollaboraturi Komunitarji beda l-produzzjoni ta' tip wieħed tal-prodott simili fil-Komunità li qabel kien jimportah biss.

(185) Il-kapaċità tal-produzzjoni ta' l-industrija Komunitarja wriet l-istess xejra pożittiva bħall-produzzjoni. Dan hu parzjalment dovut għal investimenti importanti f'impjant ta' produzzjoni ġdid li saru matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni minn wieħed mill-produtturi kollaboraturi Komunitarji.

(186) Ir-rata ta' l-użu tal-kapaċità kienet stabbli f'livell relattivament għoli matul il-perijodu kkunsidrat. Tali rata għolja ta' użu hi komuni f'din it-tip ta' industrija minħabba fil-proċess kontinwu tal-lottijiet utilizzat fil-manifattura tal-prodott simili u minħabba fl-użu ristrett fil-każ ta' l-industrija Komunitarja.

(187) Wara li ngħabar it-tagħrif, it-tliet esportaturi qalu li l-iżvilupp ta' dawn il-fatturi ma juri l-ebda ħjiel ta' ħsara. Iżda għandu jkun osservat illi l-konklużjoni dwar il-ħsara ma kenitx ibbażata fuq dawn il-fatturi.

2. *Volum u prezz tal-bejgħ, sehem fis-suq u tkabbir*

(a) bejgħ fis-suq ħieles

| Bejgħ fis-suq ħieles fil-Komunità | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | IP |
|---|---|---|---|---|---|
| *Indiċi* Volum | 100 | 170 | 162 | 192 | 180 |
| *Indiċi* Prezz medju tal-bejgħ | 100 | 94 | 94 | 94 | 95 |
| *Indiċi* Sehem fis-suq | 100 | 130 | 123 | 125 | 120 |

(188) Abbażi tal-progress favorevoli fil-konsum Komunitarju, il-volum ta' bejgħ fis-suq ħieles ta' l-industrija Komunitarja fil-Komunità żdied matul il-perijodu kkunsidrat. Il-volum ta' bejgħ fis-suq ħieles ta' l-industrija Komunitarja wera tkabbir ikbar minn dak tal-konsum tal-Komunità matul il-perijodu kkunsidrat. Iżda bejn l-2000 u l-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni, iż-żieda fil-volum tal-bejgħ fis-suq ħieles ta' l-industrija Komunitarja kienet inqas miż-żieda tal-konsum Komunitarju. Iż-żieda qawwija fil-volum ta' bejgħ fis-suq ħieles ta' l-industrija Komunitarja bejn l-1999 u l-2000 hu qabel xejn attribwit għall-akkwist ta' produttur ieħor Komunitarju mill-industrija Komunitarja. Minkejja dan, żieda ta' 80 % fil-volum ta' bejgħ fis-suq ħieles ta' l-industrija Komunitarja fil-Komunità matul il-perijodu kkunsidrat kienet tispikka inqas miż-żieda ta' 159 % ta' l-importazzjonijiet tal-prodott konċernat matul l-istess perijodu.

(189) Il-GOI u erba' esportaturi ppuntaw subgħajhom lejn iż-żieda ġenerali fil-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja bħala sinjal pożittiv u saħqu li l-konklużjonijiet milħuqa dwar id-danni ma jistgħux jorbtu fuqu. Komplew isostnu li t-tqabbil f'termini relattivi bejn il-prestazzjoni ta' l-industrija Komunitarja ma' wieħed mill-esportaturi Indjani ser jiżvija l-konklużjonijiet minħabba d-differenza sinifikanti fid-daqs tal-kompetituri.

(190) Bi tweġiba għal dawn is-sottomissjonijiet għandu jkun innotat illi l-iżvilupp fil-volum tal-bejgħ ma kienx meqjus fil-każ preżenti bħala fattur ewlieni li jindika kemm kienu d-danni mġarrba. Iżda billi t-tkabbir fil-bejgħ għall-industrija Komunitarja jista' jkun attribwit prinċipalment għal akkwist fl-2000, jiġifieri l-integrazzjoni tal-bejgħ ta' ex-kompetitur aktar milli bejgħ ġdid, lanqas ma jista' jitqies bħala indikatur ta' nuqqas ta' ħsara. Barra minn hekk, fl-2001 u matul l-IP, il-volum ta' bejgħ ta' l-industrija Komunitarja fis-suq ħieles naqas.

(191) Minkejja ż-żieda fid-domanda indikata mill-konsum fil-Komunità, il-prezzijiet medji tal-bejgħ fis-suq ħieles ta' l-industrija Komunitarja naqas bejn l-1999 u l-2000. Dan jindika li hemm pressjoni mill-kompetituri fuq il-prezzijiet. Il-prezzijiet baqgħu tista' tgħid stabbli fil-livelli l-baxxi sa l-aħħar tal-perijodu ta' stħarriġ tar-reviżjoni għalkemm it-talba kompliet tikber.

(192) Il-GOI u tliet esportaturi sostnew li l-iżvilupp tal-prezzijiet għandu jkun meqjus bħala pożittiv mill-industrija Komunitarja.

(193) Din l-istqarrija ma tistax tiġi aċċettata. Fil-fatt, matul il-perijodu meqjus l-industrija Komunitarja ma kienet fl-ebda ħin fil-pożizzjoni li tikseb livelli ta' prezzijiet mhux dannużi.

(194) L-industrija Komunitarja żiedet sehemha fis-suq bi 30 % mill-1999 sa l-2000 b'detriment għall-ishma tas-suq li kellhom il-produtturi Komunitarji l-oħra u esportaturi minn stati terzi barra mill-Indja. Iżda s-sehem tas-suq ta' l-industrija Komunitarja waqa' mill-2000 sal-perijodu ta' stħarriġ tar-reviżjoni meta laħaq l-aktar livelli baxxi tiegħu mill-1999. Dan il-perijodu ħabat ma' żieda qawwija fit-tkabbir ta' l-ishma ta' importazzjonijiet mill-Indja.

(195) Esportatur saħaq li t-tnaqqis fis-sehem tas-suq ta' l-industrija Komunitarja fl-2001 u fl-IP huwa insinifikanti fid-dawl taż-żieda fl-2000 u kompla jirreferi għaż-żieda ġenerali fis-sehem tas-suq matul il-perijodu kkunsidrat.

(196) Iżda din is-sottomissjoni ma tistax tiġi aċċettata għaliex hija mibnija fuq perspettiva iżolata li tqabbel l-1999 ma' l-IP u iktar u iktar tinjora n-natura eċċezzjonali taż-żieda fl-2000. Ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni mingħand dan l-esportatur għaliex m'għandux jitqies negattiv dan l-iżvilupp ta' sehem l-industrija Komunitarja fis-suq ħieles wara l-2000, liema żvilupp kien wieħed ta' digressjoni ovvja.

(197) F'dan il-kuntest, żewġ esportaturi oħra sostnew li, ladarba kien hemm żvilupp aktar pożittiv fis-suq ristrett, dan għandu jwassal għal għażla maħsuba mill-industrija Komunitarja li tippreferi timxi lejn is-suq aktar lukrattiv tal-formoli farmaċewtiċi preparati.

(198) Dan l-argument ma jistax jintlaqa' minħabba li jinjora ż-żieda fil-ħażna li setgħet kienet mibjugħa fis-suq ħieles.

(b) bejgħ ristrett

| Bejgħ ristrett fil-Komunità | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | IP |
|---|---|---|---|---|---|
| Indiċi Volum | 100 | 88 | 124 | 180 | 189 |
| Indiċi Medja tal-prezz tal-bejgħ | 100 | 102 | 104 | 102 | 99 |
| Indiċi Sehem fis-suq | 100 | 67 | 95 | 117 | 125 |

(199) Filwaqt li l-volum tal-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità żdied bi 80 % matul il-perijodu studjat, il-bejgħ fis-suq ristrett żdied b'89 %. Ta' min jinnota li mill-2001 kiber is-suq ristrett ta' l-industrija Komunitarja, filwaqt li s-sitwazzjoni tiegħu fis-suq ħieles nistgħu ngħidu baqgħet ma nbidlet xejn. Dan jikkoinċidi ma' dħul qawwi ta' importazzjonijiet mill-Indja fis-suq ħieles, li jagħti x'jifhem li l-industrija Komunitarja għażlet li tibdel is-swieq ta' l-inqas sa ċertu limitu sabiex tkun evitata kompetizzjoni diretta ma' l-importazzjonijiet sussidjati tal-prodott konċernat bi prezzijiet baxxi.

(200) Imġiba simili tista' tiġi osservata meta wieħed iqabbel xejriet fit-tkabbir tas-sehem fis-suq ta' l-industrija Komunitarja kemm fis-suq ħieles kif ukoll dak ristrett. Dan għal darb'oħra iżid ir-rilevanza strateġika tas-suq ristrett għall-industrija Komunitarja mill-2001.

(201) Filwaqt li l-prezzijiet fis-suq ħieles bdew jonqsu diġà fl-2000, il-prezzijiet ta' trasferiment fis-suq ristrett komplew jiżdiedu bil-mod sa l-2001. Iżda sa mill-2002, il-prezzijiet fis-suq ristrett ħadu xejra 'l isfel ukoll. Dan jista' jkun spjegat bil-fatt li l-prezzijiet tat-trasferiment ġeneralment ma rranġawx irwieħhom daqshekk malajr, għaliex m'humiex influwenzati minn kompetizzjoni diretta. Ta' min jinnota li ċ-ċaqliq globali tal-prezzijiet fis-suq ħieles u l-bejgħ ristrett matul il-perijodu eżaminat huma l-istess.

3. *Ħażniet*

| Stokks | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | IP |
|---|---|---|---|---|---|
| Indiċi | 100 | 74 | 100 | 141 | 161 |

(202) Il-livelli ta' ħażniet fl-aħħar tas-sena ta' l-industrija Komunitarja rigward il-produzzjoni niżlu b'26 % mill-1999 sa l-2000 iżda imbagħad żdiedu drastikament b'aktar minn 115 % lejn tmiem il-perijodu ta' stħarriġ tar-reviżjoni. Din iż-żieda saret fl-istess żmien meta l-importazzjoni mill-Indja rduppjat.

(203) Il-GOI u erba' esportaturi saħqu li ż-żieda fil-ħażniet ma kenitx għolja b'mod anormali u allura ma deherx li kien hemm ħsara. Barra dan, il-metodu ta' użu tal-livelli ta' ħażniet skond kif ikunu fl-aħħar tas-sena kien kontestat. Minflok kienu ssuġġeriti indikaturi aktar xierqa bħal tressiq ta' livelli ta' ħażniet medji jew ħażniet espressi f'termini tan-numru ta' ġranet ta' bejgħ.

(204) B'risposta għal din is-sottomissjoni għandu jkun innotat illi kienet applikata l-metodoloġija *standard* tal-Komunità li tikkwantifika livelli ta' ħażniet, metodu oġġettiv u magħmul skond l-obbligi tal-WTO. It-talba biex jintuża metodu ieħor ma kenitx sostanzjata u għalhekk is-suġġeriment li tintuża metodoloġija alternattiva kienet rifjutata. It-tieni nett, abbażi tal-fatti verifikati, ma jistax jiġi miċħud li l-livelli tal- ħażniet żdied drastikament.

4. *Qligħ*

(a) bejgħ fis-suq ħieles

| Qligħ (Bejgħ fis-suq ħieles tal-Komunità) | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | IP |
|---|---|---|---|---|---|
| Indiċi | – 100 | 113 | 239 | 146 | 87 |

(205) Il-qligħ ta' l-industrija Komunitarja espress f'termini ta' redditu ta' bejgħ nett fis-suq ħieles tjieb b'mod sinifikanti minn sitwazzjoni ta' telf fl-1999. Wara l-impożizzjoni tal-miżuri eżistenti fl-1998, il-qligħ żdied sa l-2001, imma mbagħad iddeterjora drastikament aktar qrib il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni. Barra dan, ta' min jinnota li l-industrija Komunitarja ma kienet fl-ebda ħin matul il-perijodu eżaminat f'pożizzjoni li tilħaq lanqas nofs il-marġini ta' profitt li, skond l-investigazzjoni oriġinali, setgħet raġonevolment tilħaq fin-nuqqas ta' l-importazzjoni sussidjata, jiġifieri 15 %. Il-progress tal-qligħ u b'mod partikolari t-tnaqqis tiegħu mill-2002 hu kkunsidrat importanti ħafna minħabba li jaffettwa l-livell tar-riżorsi finanzjarji disponibbli għall-industrija Komunitarja għall-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp li huma meħtieġa għal iktar titjib fil-proċessi tal-produzzjoni ta' prodotti eżistenti u ta' l-iżvilupp ta' prodotti ġodda.

(206) Il-GOI u erba' esportaturi ressqu kummenti dwar l-analiżi tal-qligħ. Kien sostnut illi (i) l-industrija Komunitarja kisbet livelli raġonevoli ta' qligħ, (ii) li marġini ta' qligħ mhux dannuż ta' 10 % (ara l-premessa (260)) ikun għoli wisq u minflok 5 % jkun biżżejjed, (iii) it-tnaqqis fil-qligħ jista' jkun fuq kollox attribwit għall-politika ta' investiment ta' l-industrija Komunitarja, (iv) l-attivitajiet ta' *start up* ta' wieħed mill-partijiet jikkwalifikaw għal dannu li hu awto-inflitt u (v) illi t-tiswir tal-qligħ kellu jkun żvelat għal kull produttur Komunitarju.

(207) Ta' min wieħed itenni li l-industrija Komunitarja fl-ebda ħin matul il-perijodu eżaminat ma kienet meqjusa f'pożizzjoni li tikseb marġini ta' qligħ raġonevoli bħalma ntqal qabel. Għalhekk, id-deterjorament mill-2002 kompla jaggrava sitwazzjoni li diġà ma kenitx sew. Barra minn hekk, skond iċ-ċirkustanzi speċjali tas-settur farmaċewtiku, marġini ta' qligħ ta' 5 % hu meqjus bħala li mhux biżżejjed. L-industrija Komunitarja ġabet provi li tista' takkwista figuri komparabbli ta' qligħ ta' iktar minn 10 % għal mediċini bl-ingrossa. Tali livelli ta' qligħ huma meħtieġa għas-settur farmaċewtiku biex joffrulu sostenibilità birriżorsi finanzjarji li hemm bżonn biex iwettaq tiġdid farmaċewtiku bir-riskji tiegħu ekonomiċi li huma kemm inerenti kif ukoll għolja. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' marġini raġonevoli ta' qligħ miksuba mill-industrija Komunitarja ma jistgħux jiġu mfissra sempliċement permezz tal-politika tagħha ta' investiment. Kien biss produttur Komunitarju wieħed li kien f'fażi ta' *start up* matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni, imma l-ebda parti ma kisbet marġini raġonevoli ta' qligħ. Fl-aħħarnett, b'riferenza għall-Artikolu 29 tar-Regolament bażiku ("kunfidenzalità") mhux possibbli jkunu żvelati aktar dettalji.

(b) bejgħ ristrett

| Qligħ (Bejgħ ristrett fil-Komunità) | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | IP |
|---|---|---|---|---|---|
| Indiċi | 100 | 482 | 564 | 431 | 325 |

(208) Ix-xejriet fil-qligħ tal-bejgħ ristrett isegwu l-istess linja, għalkemm fuq livell aktar għoli, jiġifieri żieda sa l-2001 u wara reġistrar ta' tnaqqis. Id-differenzi fil-livelli ta' qligħ jistgħu jkunu qabel kollox marbuta mal-fatti illi (i) l-ispejjeż ta' bejgħ ġenerali u amministrattivi ("SG&A") għall-bejgħ ristrett huma inqas għaliex ma joħolqux spejjeż ta' kummerċjalizzazzjoni, u (ii) għal prezzijiet aktar għolja ta' trasferiment meta mqabbla mal-prezzijiet fis-suq ħieles. Fin-nuqqas ta' livelli aktar għolja ta' profitt miksuba mill-bejgħ ristett, l-industrija ssib ruħha f'sitwazzjoni finanzjarja ġeneralment agħar.

5. *Investimenti, redditu fuq l-investiment, likwidità u l-ħolqien ta' kapital*

| | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | IP |
|---|---|---|---|---|---|
| Indiċi Investimenti | 0 | 100 | 300 | 1 123 | 351 |
| Indiċi Redditu fuq l-investiment | – 100 | 160 | 286 | 161 | 91 |
| *Indiċi* Flus fl-idejn | 100 | 186 | 71 | 160 | 33 |

(209) Wara l-1999 l-industrija Komunitarja baqgħet tinvesti fil-manifattura tal-prodott simili. B'mod partikolari fl-2002 investiet b'saħħa f'teknika ġdida ta' produzzjoni sabiex tibqa' kompetittiva, ittejjeb il-livelli ambjentali u ta' sigurtà u żżid il-kapaċitajiet ta' produzzjoni.

(210) Mill-1999 sa l-2001, jiġifieri wara l-impożizzjoni tal-miżuri, ir-redditu fuq l-investiment tjieb. Minn dakinhar, iżda, beda nieżel drastikament. Għalkemm dan jista' jkun parzjalment kaġun tal-fażi *start-up* ta' impjant wieħed ġdid tal-produzzjoni, is-sitwazzjoni mhux sodisfaċenti tal-qligħ ikkawżata mill-pressjoni tal-prezzijiet tal-kompetituri kkontribwiet għal din is-sitwazzjoni.

(211) Matul il-perijodu eżaminat, il-varjazzjonijiet tal-likwidità ġġenerati mill-bejgħ tal-prodott simili huma sa ċertu punt il-konsegwenza tal-politika ta' investiment ta' l-industrija Komunitarja matul dan iż-żmien. Iżda t-tnaqqis drastiku fil-likwidità bejn l-2002 u l-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni ma jistgħux jitfissru biss b'dan il-fattur. Il-pressjoni tal-prezzijiet eżerċitata mill-kompetituri kkontribwiet ukoll għall-iżvilupp mhux sodisfaċenti tal-likwidità.

(212) L-industrija Komunitarja ma esperjenzat l-ebda diffikultà sinifikanti biex tkabbar il-kapital.

(213) Waqt il-ġbir tat-tagħrif il-GOI u l-esportaturi qalu li (i) t-tagħrif hawn fuq kellu jingħata separatament għal kull produttur Komunitarju, (ii) l-abilità li jkun maħluq il-kapital ma kienet issostni l-ebda sejbien ta' ħsara, (iii) illi l-likwidità allegatament ma tistax issegwi dawn ix-xejriet speċjalment meta wieħed jikkunsidra x-xejriet tar-redditu fuq l-investimenti u l-qligħ u għandu għalhekk jerġa' jkun eżaminat u (iv) l-analiżi ma tkunx kompluta jekk ma jkunx hemm aktar elementi ta' prova.

(214) Bi tweġiba għal dawn is-sottomissjonijiet għandu jkun imfakkar illi skond l-Artikolu 29 tar-Regolament bażiku ("kunfidenzalità") ma jistax ikun mikxuf it-tagħrif dwar kull produttur Komunitarju. Rigward il-ħila ta' ħolqien tal-kapital, ma saret l-ebda konklużjoni negattiva dwar dannu. Safejn hi kkonċernata s-sottomissjoni dwar il-likwidità, l-indiċi rispettiv kif imsemmi hawn fuq kien konfermat wara eżami mill-ġdid li sar b'reqqa. Dwar l-osservazzjoni ġenerali li l-analiżi rigward il-fatturi msemmija hawn fuq hija insuffiċjenti, wieħed għandu jinnota li (i) s-sejbien ta' danni mhux bilfors hu bbażat fuq dawn l-indikaturi u (ii) li s-sottomissjoni ma ppruvatx għaliex aktar elaborazzjoni setgħet tbiddel il-konklużjoni ġenerali.

6. *Impjiegi, produttività u pagi*

| | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | IP |
|---|---|---|---|---|---|
| *Indiċi* Impiegi | 100 | 101 | 101 | 187 | 185 |
| *Indiċi* Produttività | 100 | 120 | 127 | 83 | 86 |
| *Indiċi* Pagi | 100 | 103 | 106 | 185 | 178 |

(215) L-impjiegi marbuta mal-prodott simili baqgħu stabbli sa l-2001 iżda żdiedu ħafna fl-2002 grazzi għat-twaqqif ta' impjant ta' produzzjoni ġdid fil-Komunità minn wieħed mill-produtturi kollaboraturi tal-Komunità. L-ammont sħiħ tal-pagi mexa fuq l-istess xejra. Iżda l-produttività għal kull ħaddiem, għalkemm żdiedet sa l-2001, naqset fl-2002. Dan seta' faċilment ikun marbut mal-fażi ta' *start-up* ta' l-impjant il-ġdid ta' produzzjoni. Ma nstab l-ebda ħjiel ta' tnaqqis fl-effiċjenza matul l-investigazzjoni.

(216) Il-GOI u erba' esportaturi saħqu li x-xejriet fl-impiegi, fil-produttività u fil-pagi ma jsostnux il-konklużjoni ta' sejbien ta' dannu materjali fil-każ preżenti.

(217) Iżda għandu jkun innotat illi l-ebda konklużjoni simili ma saret għall-impiegi u għall-produttività. Rigward il-pagi, kien biss l-ammont totali ta' pagi li żdied. Skond il-medja għal kull impjegat, il-pagi saħansitra tnaqqsu bi ftit (ara t-tabella hawn taħt). Dan juri li (i) ma seħħ l-ebda żvilupp pożittiv fuq l-impjegati u (ii) l-industrija Komunitarja hi determinata li tkun effiċjenti fl-ispejjeż tagħha.

| | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | IP |
|---|---|---|---|---|---|
| *Indiċi* Pagi għal kull impjegat | 100 | 103 | 105 | 99 | 96 |

7. *Kobor tas-sussidju u rkupru minn sussidju passat*

(218) Meta jitqies il-volum u b'mod partikolari l-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet issussidjati mill-Indja, l-impatt ta' l-ammont attwali ta' sussidjar, li hu sinifikanti, ma jistax jitqies negliġibbli.

(219) F'dan il-kuntest il-GOI u tliet esportaturi qalu li l-marġini tas-sussidju ġew imkabbra żżejjed.

(220) Iżda skond kif spjegat fil-premessi (153) u (154) hawn fuq, l-investigazzjoni wriet li l-ammont tas-sussidji kumpensattivi espressi *ad valorem* għall-*produtturi esportaturi* investigati jvarja bejn 25,3 % u 35,1 %. Dan hu sejbien ċar ta' sussidjar sinifikanti.

(221) Is-sitwazzjoni ta' l-industrija Komunitarja tjiebet matul iż-żmien ikkunsidrat. Iżda ma rkupratx kompletament minn sussidjar passat u baqgħet dgħajfa.

VI. **Konklużjoni dwar is-sitwazzjoni ekonomika ta' l-industrija Komunitarja**

(222) Bejn l-1999 u l-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni, il-volum ta' importazzjonijiet sussidjati tal-prodott konċernat żdied b'mod sinifikanti b'159 % u s-sehem tagħhom fis-suq Komunitarju żdied b'70 %. Dan l-iżvilupp jikkuntrasta ma' dak inqas favorevoli għall-esportaturi minn pajjiżi oħra u għall-industrija Komunitarja. L-importazzjoni minn pajjiżi oħra għas-suq Komunitarju żdiedet biss b'7 % matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni u sehemhom fis-suq anki naqas b'29 %. Il-volum tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja żdied bi 80 % u sehemha fis-suq żdied b'20 % matul iż-żmien mistħarreġ. Iżda dan l-iżvilupp pożittiv jista' jkun attribwit essenzalment għall-akkwist ta' produttur ieħor Komunitarju mill-industrija Komunitarja fl-2000. Mill-2001 ix-xejra fl-iżvilupp tas-sehem fis-suq għall-industrija Komunitarja kompliet tkun suġġett ta' digressjoni. Wieħed seta' jinnota li fl-2000 l-industrija Komunitarja ma laħħqitx, f'termini relattivi, maż-żieda fil-konsum Komunitarju u l-progress b'saħħtu tal-kompetituri Indjani fis-suq Komunitarju.

(223) F'dan il-kuntest wieħed għandu jqis li l-prezzijiet medji ta' l-importazzjonijiet sussidjati mill-Indja kienu konsistentement inqas minn dawk ta' l-industrija Komunitarja matul il-perijodu eżaminat. Barra minn hekk, matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni, il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mill-pajjiż konċernat kienu inqas minn dawk ta' l-industrija Komunitarja. Fuq bażi medja peżata, it-tnaqqis fil-prezzijiet matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni kien bejn 11,5 % u 17,1 %.

(224) Bħala konsegwenza ta' din il-pressjoni tal-prezzijiet magħmula mill-importazzjonijiet sussidjati Indjani, l-industrija Komunitarja ma kienet fl-ebda ħin meqjusa f'pożizzjoni li tilħaq livelli ta' prezzijiet mhux dannużi matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni. Għalkemm il-qligħ ta' l-industrija Komunitarja għall-bidu tjieb wara d-dħul tal-miżuri, iddeterjora mill-2001 u l-livell attwali hu ferm inqas minn dak li seta' kien milħuq raġonevolment fin-nuqqas ta' importazzjonijiet sussidjati, jiġifieri 10 % tal-fatturat (ara l-premessa (260)). Iżda hu biss livell aċċettabbli ta' qligħ li ser jħalli lill-industrija Komunitarja f'pożizzjoni vijabbli b'mod sostenibbli.

(225) Din ix-xejra negattiva għall-industrija Komunitarja toħroġ ċara wkoll fl-istampa mfassla mix-xejriet tar-redditu fuq l-investiment u tal-likwidità.

(226) Rigward bejgħ ristrett, l-għażla ta' l-industrija Komunitarja li tbigħ parti mill-produzzjoni tagħha fis-suq ristrett taha ċ-ċans li żżomm il-livelli għoljin milħuqa fl-użu tal-kapaċità. Użu għoli bħal dan iwassal għal tnaqqis fl-ispiża tal-produzzjoni minħabba fl-ekonomiji ta' skala. Barra dan, kif diġà spjegat, ix-xejriet fil-volumi tal-bejgħ, fil-prezzijiet u fis-sehem tas-suq bejn is-suq ħieles u dak ristrett ma tantx varjaw b'mod sinifikanti. Fin-nuqqas ta' qligħ aktar għoli miksub mill-industrija fil-bejgħ ristrett, l-industrija tkun f'qagħda finanzjarja ferm agħar. Għalhekk, l-użu ristrett ma jikkontribwixxix għas-sitwazzjoni dannuża. Għall-kuntrarju, mingħajr suq ristrett, is-sitwazzjoni dannuża ta' l-industrija Komunitarja tista' tkun aktar agħar minn hekk.

(227) Żewġ esportaturi qatgħuha li wieħed ma jistax jikkonkludi li l-bejgħ fis-suq ristrett ma tax daqqa ta' id lis-sitwazzjoni dannuża ta' l-industrija Komunitarja għaliex il-prezzijiet tal-bejgħ ristrett huma allegatament mhux ta' min jorbot fuqhom, jiġifieri l-qligħ tal-bejgħ ristrett kien ikun għoli wisq u mistħajjel.

(228) Madankollu, qligħ aktar għoli fis-suq ristrett ma kienx primarjament ir-riżultat ta' prezzijiet ta' trasferiment aktar għolja, imma huwa b'mod partikolari attribwit għal SG&A aktar baxxi (ara l-premessa (208)). Barra minn hekk, din is-sottomissjoni tinjora l-effetti ta' l-ekonomiji ta' skala. Għaldaqstant ma tistax tibdel il-konklużjoni li l-bejgħ ristrett ma kellux sehem fil-ħsara.

(229) Bħala riżultat, kien hemm qbil illi, ġeneralment, l-industrija Komunitarja sofriet danni materjali skond l-Artikolu 8(1) tar-Regolament bażiku. Għandu jkun imfakkar illi l-Artikolu 8(5) tar-Regolament bażiku ma joħloqx il-bżonn li l-indikaturi ekonomiċi kollha għall-industrija Komunitarja għandhom ikunu negattivi sabiex tkun stabbilita ħsara materjali. Barra minn hekk, mhux l-indikaturi ekonomiċi kollha għandhom l-istess piż. Il-qligħ, iżda, hu wieħed mill-indikaturi ekonomiċi ewlenin billi jifforma l-għan aħħari ta' kull intrapiża ekonomika. Fil-każ preżenti kienu stabbiliti livelli ta' qligħ inqas milli mistenni. Indikatur ieħor importanti li juri ħsara u li għandu impatt qawwi fuq il-qligħ hu l-livell ta' prezzijiet. Matul il-perijodu eżaminat l-industrija Komunitarja qatt ma kienet f'pożizzjoni li tikseb livelli ta' prezzijiet mhux dannużi fis-suq ħieles u dan minħabba fi pressjoni esterna ta' prezzijiet, l-aktar minn importazzjonijiet mill-Indja sussidjati b'mod aggressiv.

## VII. **Effett ta' l-importazzjonijiet sussidjati**

(230) Fl-2000, l-Indja tilfet il-pożizzjoni tagħha bħala t-tieni l-akbar esportatur lejn is-suq Komunitarju għal perijodu interim, x'aktarx minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri, filwaqt li ta' min jinnota li esportaturi mill-Oman rebħu sehem fis-suq. Iżda, minn dak iż-żmien, l-esportaturi Indjani mhux talli rkupraw il-pożizzjoni tagħhom, imma talli matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni saħansitra ħadu t-tmun f'idejhom bħala l-akbar esportaturi lejn il-Komunità.

(231) Dan it-tkabbir fil-volum ta' l-importazzjonijiet sussidjati mill-Indja, b'mod partikolari mill- 2002, ikkoinċida mal-fatt li fl-2002 il-qligħ ta' l-industrija Komunitarja żdied meta mqabbel ma' l-2001, jiġifieri b'madwar 36 %. Instab illi, matul dan iż-żmien, produttur wieħed Komunitarju stabbilixxa impjant ġdid u sab ruħu f'fażi ta' *start-up* li seta' kellha effett fuq il-qligħ tiegħu matul dak il-perijodu. Iżda nstab ukoll li produttur ieħor tal-Komunità, li ma kienx f'fażi ta' *start-up*, sab ma' wiċċu tnaqqis sinifikanti fil-qligħ ta' 17 % meta mqabbel ma' l-2001, li kompla tnaqqas matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni. Iktar, bħalma kien spjegat fil-premessa (207), l-industrija Komunitarja ma kienet fl-ebda ħin f'pożizzjoni li tilħaq livelli ta' prezzijiet mhux dannużi. Għall-kuntrarju, u għal darba oħra fl-2002, l-industrija Komunitarja kellha tbaxxi l-prezzijiet sabiex tħares sehemha fis-suq.

(232) Meta ngħata t-tagħrif, tliet esportaturi qalu li s-sehem ta' l-importazzjonijiet Indjani fis-suq Komunitarju, 2,5 % matul l-IP, u l-volum tagħhom fir-rigward ta' l-importazzjonijiet totali, 8,4 % matul l-IP, fejn it-tnejn li huma naqsu ftit meta mqabbla ma' l-2002, kienu jkunu żgħar u marġinali wisq biex ikollhom xi impatt dannuż l-aktar fir-rigward tas-sehem ikbar tas-suq li għandha l-industrija Komunitarja. Barra minn hekk, kien sostnut illi l-analiżi mfissra f'termini relattivi setgħet tat impressjoni ħażina minħabba li l-Indja bdiet minn livell vera baxx fl-1999 b'1,5 % sehem mis-suq u 3,7 % volum ta' l-importazzjonijiet.

(233) Bi tweġiba għal din is-sottomissjoni, għandu jitqies li kemm is-sehem tas-suq kif ukoll il-volum ta' l-importazzjonijiet ta' l-Indja matul l-IP kienu 'l fuq sew mil-livelli *de minimis* stabbiliti fl-Artikoli 10(11) u 14(4) tar-Regolament bażiku, u għaldaqstant dan jista' jkollu effett kawżali. Skond l-Artikolu 8(6) tar-Regolament bażiku, effett kawżali jista' jkun muri mod ieħor jew permezz tal-volum ta' l-importazzjonijiet jew bil-livell tal-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet sussidjati. Dan l-impatt fuq il-livell tal-prezz jista' jidher b'mod ċar fil-każ preżenti. Bħalma kien diġà stabbilit matul l-investigazzjoni oriġinali, il-prodott taħt il-lenti hu oġġett neċessarju fi kwantitajiet kbar, hu sensittiv immens għall-prezz u jwieġeb malajr għal kwalunkwe pressjoni negattiva. F'każijiet simili, kwantitajiet żgħar jistgħu jaffettwaw il-prezzijiet fis-suq. Fil-fatt f'dan il-każ, matul il-perijodu kkunsidrat, il-prezzijiet Indjani stabbilixxew il-medja tal-punt ta' referenza tal-pressjoni tal-prezz.

(234) Kien għalhekk ikkonfermat li l-importazzjonijiet issussidjati mill-Indja kellhom impatt negattiv konsiderevoli fuq is-sitwazzjoni ta' l-industrija Komunitarja matul il-perijodu meqjus, b'mod partikolari f'termini ta' qligħ.

## VIII. **L-impatt ta' fatturi oħra**

### 1. *Importazzjonijiet minn stati terzi*

| Importazzjonijiet minn stati terzi | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | IP |
|---|---|---|---|---|---|
| Volum (kg) | | | | | |
| Indja | 36 800 | 47 400 | 72 100 | 101 800 | 95 200 |
| Indiċi | 100 | 129 | 196 | 277 | 259 |
| Oman | 77 400 | 119 700 | 85 100 | 88 400 | 93 500 |
| Indiċi | 100 | 155 | 110 | 114 | 121 |
| Stati Uniti | 11 100 | 2 800 | 16 600 | 106 300 | 70 000 |
| Indiċi | 100 | 25 | 149 | 932 | 631 |
| Ċina | 0 | 3 900 | 21 800 | 75 600 | 63 000 |
| Indiċi | 0 | 100 | 559 | 1 938 | 1 615 |
| Korea ta' Isfel | 19 800 | 75 300 | 40 200 | 54 500 | 45 000 |
| Indiċi | 100 | 380 | 203 | 275 | 227 |
| Singapor | 0 | 4 600 | 128 300 | 62 700 | 37 700 |
| Indiċi | 0 | 100 | 2 789 | 1 363 | 820 |
| Prezz medju ta' l-importazzjoni għal kull kg (€) | | | | | |
| Indja | 34,66 | 33,94 | 35,51 | 36,57 | 35,34 |
| Indiċi | 100 | 98 | 102 | 106 | 102 |
| Oman | 36,10 | 36,21 | 39,30 | 39,15 | 38,34 |
| Indiċi | 100 | 100 | 109 | 108 | 106 |
| Stati Uniti | 74,87 | 115,35 | 108,90 | 101,40 | 48,74 |
| Indiċi | 100 | 154 | 145 | 135 | 65 |
| Ċina | 0,00 | 188,97 | 116,06 | 68,22 | 58,59 |
| Indiċi | 0 | 100 | 61 | 36 | 31 |
| Korea ta' Isfel | 34,84 | 37,52 | 37,66 | 45,59 | 48,06 |
| Indiċi | 100 | 108 | 108 | 131 | 138 |
| Singapor | 0,00 | 76,88 | 57,47 | 57,47 | 51,28 |
| Indiċi | 0 | 100 | 75 | 75 | 67 |

(235) L-importazzjonijiet tal-prodott eżaminat minn pajjiżi barra mill-Indja żdiedu b'7 % biss bejn l-1999 u l-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni, jiġifieri ħafna inqas mir-rata li biha żdied il-konsum tal-Komunità. Fost dawn il-pajjiżi, l-Oman, l-Istati Uniti, iċ-Ċina, il-Korea ta' Isfel u Singapor huma l-fornituri ewlenin tas-suq Komunitarju. Iżda l-prezzijiet medji tagħhom ta' l-importazzjonijiet huma ħafna ogħla mill-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet Indjani u anki mill-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja, ħlief għall-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mill-Oman. Dawn ta' l-aħħar għandhom livell li jista' jitqabbel mal-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja imma ż-żieda fis-sehem tas-suq ta' l-Oman matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni kienet ħafna inqas evidenti minn dik ta' stati terzi.

(236) Wara l-għoti tat-tagħrif, il-GOI u żewġ esportaturi oħra qalu li d-dazju kumpensattiv li hemm fuq l-importazzjonijiet Indjani kellu jkun meqjus meta tqabblu l-prezzijiet medji tal-bejgħ. Dan allegatament kellu jwassal għal livelli ta' prezzijiet kważi l-istess bejn dawk Indjani u ta' l-Oman. Barra dan, kien osservat illi l-prezzijiet medji minn uħud mill-istati terzi, fejn spikkaw l-Istati Uniti u ċ-Ċina, naqsu b'mod sinifikanti matul il-perijodu kkunsidrat filwaqt li *inter alia* żdiedu l-prezzijiet Indjani. Esportatur ieħor argumenta wkoll illi t-tnaqqis fil-volum ta' importazzjonijiet mill-Indja bejn l-2002 u l-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni ma kinux meqjusa sew fl-analiżi, illi l-istati terzi l-oħra kienu l-fornituri ewlenin u li l-prezzijiet medji mill-Korea ta' Isfel u l-Indja kienu l-istess mill-1999 sa l-2001.

(237) Rigward id-dazju kumpensatorju oriġinali li kien hemm, għandu jkun innotat illi l-maġġoranza kbira ta' l-importazzjonijiet mill-Indja kienu jew soġġetti għal rata żero ta' dazju jew għal rata ta' dazju li xorta twassal għal medja inqas fil-prezzijiet ta' ħatt l-art mil-livelli medji tal-prezzijiet mill-Oman. Għaldaqstant, il-prezzijiet medji mill-Oman ma kellhomx l-istess saħħa ta' pressjoni tal-prezzijiet. Barra minn hekk, il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mill-istati terzi l-oħra kollha kienu wkoll medjament aktar għoljin mil-livelli tal-prezzijiet Indjani matul il-perijodu eżaminat li, għal darba oħra jidentifika b'mod ċar lill-Indja bħala s-sors ewlieni ta' pressjoni fuq il-prezzijiet. Mill-aspett ta' volum, hi korretta l-osservazzjoni li l-Indja ma kenitx l-uniku għajn ta' importazzjoni ewlenija matul il-perijodu kollu taż-żmien ikkunsidrat. Iżda ta' min ifakkar li l-Indja hi l-uniku pajjiż soġġett għall-miżuri. Dan kellu tassew impatt fuq il-qagħda tan-negozju tal-prodott konċernat. Barra minn hekk, minkejja l-miżuri, l-importazzjonijiet Indjani kibru b'ċertu saħħa mill-2001 u l-Indja rkuprat il-pożizzjoni tagħha bħala t-tieni l-akbar esportatur fl-2002 sabiex saret anki l-akbar wieħed matul l-IP. Għaldaqstant, it-tnaqqis żgħir fl-importazzjonijiet Indjani bejn l-2002 u l-IP ma kellu l-ebda effett fuq is-suq, li eventwalment ippremja l-politika tal-prezzijiet Indjana. Minħabba f'hekk ma jistgħux jintlaqgħu dawn l-argumenti. Kien għalhekk ikkonfermat illi l-importazzjonijiet minn stati terzi ma setgħu ħolqu l-ebda dannu lill-industrija Komunitarja, liema dannu seta' kisser l-effett kawżali bejn l-importazzjonijiet issussidjati mill-Indja u d-dannu sofrut mill-industrija Komunitarja.

2. *Żvilupp tal-konsum tas-suq Komunitarju*

(238) Il-konsum tal-prodott mistħarreġ fis-suq Komunitarju żdied b'51 % matul iż-żmien ikkunsidrat. Għalhekk, id-dannu sofrut mill-industrija Komunitarja ma jistax ikun attribwit għal tnaqqis tat-talba fis-suq Komunitarju.

3. *L-esportazzjoni ta' l-industrija Komunitarja*

(239) Il-prestazzjoni fl-esportazzjoni ta' l-industrija Komunitarja kibret b'16 % matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni. Il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni ta' l-industrija Komunitarja kienu bħala medja 10 % sa 15 % aktar għoljin mill-prezzijiet tal-bejgħ fil-Komunità. Għaldaqstant, l-esportazzjoni ta' l-industrija Komunitarja ma setgħetx tikkontribwixxi għas-sitwazzjoni dannuża.

(240) F'dan il-kuntest il-GOI u esportatur wieħed qalu li skond it-tweġibiet għall-kwestjonarju, l-industrija Komunitarja semmiet il-kompetizzjoni iebsa maħluqa mill-kompetituri Indjani fi swieq ta' stati terzi li wasslet biex l-industrija Komunitarja tbaxxi l-prezzijiet u titlef sehemha fis-suq ta' stati terzi, argument li *prima facie* għandu jikkontradixxi l-konklużjoni msemmija hawn fuq. Għalhekk, fuq dak li ntqal fl-evalwazzjoni ta' l-industrija Komunitarja, m'għandu jkun hemm l-ebda dannu għas-suq Komunitarju jew rabta kawżali ma' l-importazzjonijiet Indjani.

(241) F'dan ir-rigward, ta' min jgħid li ġaladarba hemm tkabbir dinji fis-suq ta' tali prodotti, m'hemm l-ebda kontradizzjoni bejn xi tnaqqis fil-prezzijiet ta' l-esportazzjoni u t-telf min-naħa ta' l-industrija Komunitarja fis-sehem tas-suq fi stati terzi, lanqas il-fatt li l-volum ta' tali esportazzjonijiet attwalment żdied u li l-prezzijiet tagħhom kienu ogħla minn dawk ta' l-industrija Komunitarja għall-bejgħ fil-Komunità. Għaldaqstant għalkemm il-prestazzjoni fl-esportazzjoni ta' l-industrija Komunitarja setgħet marret aħjar mingħajr il-kompetizzjoni tas-suq fi stati terzi ta' l-esportazzjoni Indjana bi prezzijiet baxxi sussidjati, m'hemm l-ebda ħjiel illi minħabba kif marret fl-esportazzjoni, l-industrija Komunitarja ma kenitx soġġetta għal kompetizzjoni dannuża tal-prezzijiet fis-suq Komunitarju, sitwazzjoni li essenzalment kienet ikkawżata mill-importazzjonijiet Indjani bi prezzijiet baxxi u sussidjati. Għaldaqstant l-argument għandu jiġi miċħud.

4. *Kompetittività ta' l-industrija Komunitarja*

(242) L-industrija Komunitarja hi kompetitur importanti għall-prodott konċernat bħalma juri sehemha fis-suq u investiet kontinwament biex iżżomm il-produzzjoni tiegħu fuq quddiem nett fit-teknoloġija. It-tnaqqis fil-produttività għal kull ħaddiem fuq bażi ta' kg wara l-2001 jista' jkun attribwit esklussivament għall-fażi ta' *start-up* ta' l-impjant ta' produzzjoni ġdid ta' wieħed mill-produtturi Komunitarji. Għalhekk huwa biss ta' natura temporanja. Bħala riżultat, ma kien hemm l-ebda ħjiel li n-nuqqas ta' kompetittività seta' kisser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet mill-Indja u d-dannu mġarrab mill-industrija Komunitarja.

5. *Użu Ristrett*

(243) Bħalma ntqal fil-premessa (226), kien deċiż li l-użu ristrett ma kellux sehem fis-sitwazzjoni dannuża. Għall-kuntrarju, mingħajr suq ristrett, is-sitwazzjoni dannuża ta' l-industrija Komunitarja setgħet kienet saħansitra agħar.

## Ġ. POSSIBILITÀ TA' KONTINWAZZJONI JEW TA' RIPETIZZJONI TAL-ĦSARA

(244) Skond l-Artikolu 18(2) tar-Regolament bażiku sar eżami dwar jekk l-iskadenza tal-miżuri infurzati setgħetx twassal għal kontinwazzjoni jew ripetizzjoni tal-ħsara.

(245) Bħalma kien spjegat fil-premessi (161) sa (243), kien stabbilit li matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni u minkejja l-miżuri fis-seħħ, l-industrija Komunitarja kompliet issofri danni kkawżati mill-importazzjonijiet issussidjati tal-prodott konċernat. Il-livell ta' tneħħija tal-ħsara matul l-investigazzjoni preżenti varja bejn 17,3 % u 48,1 % u hu aktar għoli minn dak stabbilit matul l-investigazzjoni oriġinali (bejn 12,6 % u 28,9 %), minkejja l-fatt li f'din ir-reviżjoni l-marġini raġonevoli ta' profitt għall-industrija tal-Komunità tnaqqas b'terz meta mqabbel ma' l-investigazzjoni oriġinali (ara l-premessa (260) isfel). Barra dan, l-investigazzjoni wriet li minkejja l-bejgħ domestiku u l-esportazzjoni lejn pajjiżi oħra, xorta kien għad hemm kapaċità mhux utilizzata sinifikanti għall-prodotti investigati fl-Indja, speċjalment ma' esportaturi li kienu soġġetti għal rati ta' dazji għoljin fil-Komunità. Għaldaqstant kienet meqjusa raġonevoli l-konklużjoni li l-importazzjonijiet sussidjati u bi prezz baxx mill-Indja setgħu jkomplu jiżdiedu u għalhekk kien hemm ċans li d-dannu seta' jitkompla fil-futur kieku l-miżuri kellhom jiġu fi tmiem.

(246) Minħabba li l-industrija Komunitarja għadha ssofri dannu materjali kawżat minn importazzjonijiet sussidjati minkejja l-eżistenza ta' miżuri, ma kienx meħtieġ aktar stħarriġ tal-possibilità li l-ħsara tirrepeti ruħha.

## H. INTERESS TAL-KOMUNITÀ

### I. Introduzzjoni

(247) Ġie meqjus jekk kienx hemm raġunijiet validi għaliex kellu jiġi konkluż li mhux fl-interess tal-Komunità li jitkomplew il-miżuri applikati fil-każ partikolari. Għal din ir-raġuni u skond l-Artikolu 31(1) tar-Regolament bażiku, kien meqjus l-impatt potenzali tal-miżuri fuq il-partijiet kollha involuti fl-investigazzjoni. Sabiex jiġi kkunsidrat jekk hux fl-interess tal-Komunità li l-miżuri jitkomplew, intbagħtu kwestjonarji lil utenti u lil importaturi tal-prodott konċernat, u lil fornituri qrib is-sors tal-materja prima użati fil-produzzjoni tal-prodott simili.

## II. L-interess ta' l-Industrija Komunitarja

(248) Bħalma ntqal qabel, l-industrija Komunitarja li qiegħda tipproduċi l-prodott simili qiegħda kontinwament iżżid il-produzzjoni tagħha. Dan kien possibbli grazzi għat-tkabbir kontinwu ta' investimenti magħmula mill-industrija Komunitarja sabiex iżżomm il-kapaċità tagħha li tikkompeti minħabba li tappartjeni għall-kompetituri ewlenin tal-prodott mistħarreġ. Ta' min ifakkar illi matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni, l-industrija Komunitarja espandiet il-faċilitajiet tagħha ta' produzzjoni, waqqfet fabbrika ġdida fil-Komunità u ħejjiet pjanijiet għat-twaqqif ta' faċilità oħra ġdida fil-Komunità. Dan il-proċess ta' investiment kontinwu mill-industrija tal-Komunità qiegħed jiġi mhedded b'mod partikolari minn żvilupp mhux sodisfaċenti tal-qligħ tagħha kkawżat mill-pressjoni kontinwa tal-prezzijiet magħmula mill-importazzjonijiet Indjani tal-prodott konċernat fis-suq tal-Komunità.

Hu mifhum li mingħajr il-miżuri fis-seħħ li jilqgħu għall-effetti ta' l-importazzjonijiet sussidjati, l-industrija Komunitarja ser tkompli tiffaċċja tnaqqis fil-prezzijiet u għaldaqstant ikun hemm tnaqqis fil-prezzijiet bl-impatt negattiv tagħha fuq il-qligħ, fuq ir-redditu ta' l-investimenti u fuq il-likwidità. Eventwalment dan kollu jista' jqiegħed il-vijabilità ta' l-industrija Komunitarja f'riskju. Konsegwentement ġie konkluż illi n-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-miżuri ma jkunx fl-interess ta' l-industrija Komunitarja.

## III. Interess ta' l-importaturi/negozjanti

(249) Inbagħtu kwestjonarji lill-importaturi/negozjanti kollha tal-prodott konċernat li huma magħrufa imma wieħed biss minn dsatax bagħat tweġiba. Madankollu, l-importatur kollaboratur ma kkummentax dwar l-impatt potenzali tat-tkomplija tal-miżuri fuq in-negozju tiegħu. Jidher li, skond it-tagħrif miġbur, l-importaturi/negozjanti fil-Komunità jixtru l-prodott mistħarreġ mingħand varjetà ta' sorsi. Minħabba li m'hemm l-ebda differenza fundamentali fil-kwalità bejn il-prodott importat mill-Indja u dak miksub minn kwalunkwe sors ieħor, kien meqjus li l-importaturi/negozjanti fil-Komunità mhux ser ikollhom diffikultà jakkwistaw il-prodott minn sorsi differenti jekk il-miżuri jitkomplew. Barra dan, l-importatur kollaboratur hu attivament involut fil-kummerċ ta' varjetà kbira ta' prodotti oħra u għaldaqstant mhux jiddependi b'mod vitali fuq il-prodott konċernat. Għalkemm il-bejgħ tiegħu tal-prodott konċernat matul il-perijodu kkunsidrat żdied b'saħħa (seba' darbiet fil-volum), dan il-bejgħ jirrappreżenta biss parti żgħira mill-fatturat totali tiegħu (madwar 1,4 % matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni). Fl-aħħarnett, l-importatur ma indikax jekk f'każ li jitkomplew il-miżuri jkunx hemm impatt fuq l-impjiegi minħabba li l-attivitajiet ta' l-importazzjoni m'humiex intensivi fir-rigward ta' xogħol.

(250) Għalkemm l-importaturi/negozjanti jistgħu ma jkunux favur il-miżuri, jista' jiġi konkluż, skond it-tagħrif disponibbli, li tali interess li possibbilment jippermetti l-waqfien tal-miżuri ma jaqbiżx l-interess attwali ta' l-industrija Komunitarja li tkompli tindirizza prassi inġusti u dannużi tal-kummerċ Indjan bħalma hu spjegat fil-qosor fil-premessa (248).

## IV. Interess tal-fornituri qrib is-sors

(251) Sabiex ikun evalwat l-effett li jista' jkollha t-tkomplija tal-miżuri kumpensattivi fuq il-fornituri qrib is-sors ta' l-industrija Komunitarja, tqassam kwestjonarju lil kull fornitur magħruf bħala tali. Intbagħtu total ta' sitt kwestjonarji li minnhom kien hemm żewġ tweġibiet. Dawn il-fornituri qrib is-sors, li jipprovdu l-aktar *glucose* u *dextrose* lill-industrija Komunitarja, huma favur it-tkomplija tal-miżuri. Għalkemm l-industrija Komunitarja ma tappartjenix għall-aktar klijenti importanti ta' dawn il-fornituri qrib is-sors, dan in-negozju xorta jagħti sehmu fl-impjiegi u fil-qligħ tal-fornituri qrib is-sors. Jekk l-industrija Komunitarja tnaqqas jew anki twaqqaf il-produzzjoni tal-prodott simili tkun qiegħda tirriskja l-benefiċċju ta' din it-tip ta' relazzjoni kummerċjali.

(252) Għaldaqstant, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe tagħrif li jsostni l-kuntrarju, kien deċiż li t-tkomplija tal-miżuri ser issostni l-interessi tal-fornituri qrib is-sors.

V. **Interess ta' l-utenti**

(253) Intbagħtu kwestjonarji lil ħames utenti Komunitarji magħrufa tal-prodott konċernat, jiġifieri kumpanniji farmaċewtiċi. Il-Kummissjoni talbet, fost tagħrif ieħor, il-kummenti tagħhom dwar jekk it-tħollija ta' l-infurzar tal-miżuri tkunx ta' interess għall-Komunità u kif dawn il-miżuri ser ikomplu jaffettwawhom. Iżda ma kienu riċevuti l-ebda risposti għall-kwestjonarju u għalhekk l-ebda kumment ma sar magħruf. Meta wieħed iqis li l-utenti jistgħu jiksbu l-prodott mistħarreġ mhux biss mill-Indja iżda wkoll minn sorsi oħra, u ladarba kien hemm nuqqas ta' tagħrif dwar l-impatt ekonomiku tal-miżuri fuq in-negozju stess ta' l-utenti (per eżempju, l-impjiegi, il-qligħ, il-politika ta' l-investiment), ma kienx possibbli jkun stabbilit l-ebda interess li għandu xi importanza partikolari għall-utent.

(254) Għalkemm — minkejja s-silenzju tagħhom — l-utenti mhux bilfors huma favur il-miżuri, skond it-tagħrif miġbur mill-partijiet kollaboraturi interessati, l-ebda interess sostanzjat ta' l-utenti fit-twaqqif tal-miżuri ma jista' jirbaħ lill-interess attwali ta' l-industrija Komunitarja li tkompli tindirizza prassi inġusti u dannużi tal-kummerċ Indjan bħalma hu spjegat fil-qosor fil-premessa (248).

(255) Esportatur wieħed sostna li l-interessi tal-konsumaturi fil-Komunità ma tteħdux bis-serjetà biżżejjed u għalhekk l-analiżi ta' l-interessi Komunitarji ma saritx skond l-Artikolu 31 tar-Regolament bażiku. Intqal li l-interessi tal-konsumaturi jistgħu jiġu mittiefsa jekk il-produtturi ta' formoli farmaċewtiċi jgħaddu minn xi allegata żieda fil-prezzijiet minħabba fiż-żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-forom finali tad-doża.

(256) B'risposta għal din is-sottomissjoni wieħed għandu jfakkar li l-ebda għaqda tal-konsumatur ma kkummentat matul l-investigazzjoni. Barra dan, il-konsumaturi tal-Komunità ġeneralment għandhom assigurazzjoni medika. M'hemm l-ebda prova soda li l-miżati ta' l-assigurazzjoni medika jistgħu jintlaqtu ħażin b'xi mod sinifikanti minħabba f'diċerija ta' żieda fl-ispejjeż ta' ċertu formulazzjonijiet farmaċewtiċi ta' antibijotiċi. Barra dan, mhux ċar safejn il-manifatturi ta' ċerti formulazzjonijiet farmaċewtiċi antibijotiċi, jiġifieri l-utenti, jistgħu jifilħu għal żieda fl-ispejjeż. F'dawn iċ-ċirkostanzi mhux possibbli li wieħed jistabbilixxi jekk it-tkomplija tal-miżuri tmurx kontra l-interessi ta' l-istess importanza tal-konsumaturi.

VI. **Konklużjoni**

(257) Wara li kienu eżaminati l-interessi varji involuti, kien deċiż li minn perspettiva ta' l-interess ġenerali tal-Komunità, l-ebda interess ma jirbaħ lil dak li għandha l-industrija Komunitarja li tkompli bil-miżuri. Bl-effetti tat-tkomplija tal-miżuri wieħed għandu jistenna li l-industrija Komunitarja jkollha ċ-ċans ittejjeb il-qligħ tagħha għal livell raġonevoli u li tkompli bil-programm tagħha ta' investimenti fi ħdan il-Komunità li jkompli jagħti l-frott fl-impjiegi u fil-kompetittività tas-suq. Min-naħa l-oħra, skond it-tagħrif disponibbli, ma nstab li kien hemm l-ebda interess kuntrarju mill-partijiet l-oħra konċernati fil-Komunità (jiġifieri importaturi/negozjanti, fornituri qrib is-sors, utenti u konsumaturi) li għandu xi importanza ewlenija.

## I. **MIŻURI KUMPENSATORJI**

(258) Rigward il-konklużjonijiet milħuqa dwar it-tkomplija tas-sussidjar, id-danni u l-interess tal-Komunità, hu meqjus xieraq li jinżammu miżuri kumpensatorji fuq l-importazzjonijiet tal-prodott konċernat mill-Indja. Sabiex ikun determinat il-livell ta' dawn il-miżuri kienu kkunsidrati r-rati ta' sussidju msemmija matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni u l-ammont ta' dazju meħtieġ biex jelimina d-dannu sostnut mill-industrija Komunitarja.

I. **Livell ta' tneħħija tad-dannu**

(259) Iż-żieda meħtieġa fil-prezz sabiex twarrab id-dannu kienet determinata skond kull kumpannija billi ġew imqabbla l-prezzijiet ta' importazzjoni medji peżati tal-prodott konċernat mal-prezz mhux dannuż tal-prodott simili mibjugħ mill-industrija Komunitarja fis-suq tal-Komunità. Id-differenza fil-prezz kienet espressa bħala perċentwali tal-valur ta' l-importazzjonijiet CIF.

(260) Il-prezz mhux dannuż ġie stabbilit billi ttieħed il-kost medju peżat tal-produzzjoni ta' l-industrija Komunitarja flimkien ma' marġini ta' profitt ta' 10 %. Dan il-marġini ta' profitt, li hu terz inqas minn dak meħud fl-investigazzjoni oriġinali (ara l-premessa (205)), jirrifletti l-marġini ta' profitt li jista' jinkiseb mill-gruppi tal-prodott simili ta' l-industrija Komunitarja li mhuwiex soġġett għal kompetizzjoni inġusta. Minħabba ż-żieda fil-kompetizzjoni kien deċiż li dan kien il-minimu xieraq u raġonevoli milħuq minflok dak ta' marġini ta' profitt ta' 15 % stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali. Dan il-qligħ jippermetti lill-industrija Komunitarja li tinvesti aktar fir-riċerka u fl-iżvilupp sabiex tibqa' kompetittiva.

## II. **Il-forma u l-livell tal-miżuri**

(261) Fin-nuqqas ta' ċirkostanzi partikolari, l-impożizzjoni tat-tip ta' dazju *standard*, jiġifieri *ad valorem* kienet meqjusa xierqa.

(262) Rigward il-livell ta' dazju, fil-każ ta' erbgħa mill-esportaturi kollaboraturi, ir-rata ta' sussidju kienet ogħla mil-livell ta' tneħħija tad-dannu. Għalhekk skond l-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, safejn hija affettwata l-importazzjoni ta' dawn l-erba' esportaturi u sabiex ma tibqax tkun milquta ħażin l-industrija Komunitarja, kien meqjus xieraq li jiġi applikat l-inqas dazju li jirrifletti l-livell ta' tneħħija tad-dannu. Ir-rati ta' dazju applikabbli għall-importazzjonijiet minn dawn l-esportaturi għandha tvarja bejn 17,3 % u 30,3 %. Fejn jidħlu t-tliet esportaturi l-oħra, il-livelli ta' tneħħija tad-dannu kienu ogħla mir-rati stabbiliti ta' sussidju u dan wassal biex il-miżuri meħuda f'dan ir-rigward ikunu bbażati fuq din is-sitwazzjoni finali. Ir-rati ta' dazju applikabbli għall-importazzjonijiet minn dawn l-esportaturi għandhom ivarjaw bejn 25,3 % u 32 %. Ladarba l-livell ta' kollaborazzjoni ta' l-esportaturi Indjani kien għoli (aktar minn 80 %), il-livell ta' dazju għall-kumpanniji l-oħrajn kollha għandu jkun stabbilit għal-livell tal-kumpannija li għandha l-ogħla rata ta' dazju individwali, jiġifieri 32 %.

(263) Ir-rati ta' dazju kumpensattiv għall-kumpanniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament jirriflettu s-sitwazzjoni misjuba matul ir-reviżjoni fejn jidħlu l-esportaturi kollaboraturi. Għaldaqstant, huma unikament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott konċernat maħdum minn dawn il-kumpanniji. L-importazzjonijiet tal-prodott konċernat manifatturat minn xi kumpannija oħra li mhix imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, fosthom entitatjiet relatati ma' dawk imsemmija b'mod speċifiku, ma jistgħux igawdu minn dawn ir-rati u għandhom ikunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli "għall-kumpanniji l-oħra kollha".

(264) Kull talba li titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati ta' dazju kumpensattiv individwali (per eżempju, wara bidla fl-isem ta' l-entità jew wara t-twaqqif ta' produzzjoni ġdida jew ta' entitajiet ta' bejgħ) għandhom ikunu indirizzati lill-Kummissjoni [1] mill-aktar fis flimkien mat-tagħrif kollu rilevanti, b'mod partikolari xi tibdil fl-attivitajiet tal-kumpannija marbuta mal-produzzjoni, bejgħ domestiku u għall-esportazzjoni assoċjat ma', per eżempju, bidla fl-isem jew bidla fil-produzzjoni u entitajiet ta' bejgħ. Jekk ikun xieraq, u wara laqgħa mal-Kumitat Konsultattiv, ir-Regolament jiġi emendat billi tkun aġġornata l-lista tal-kumpanniji li jgawdu mir-rati ta' dazju individwali,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Dazju kumpensatorju definittiv qiegħed għaldaqstant jiġi impost fuq importazzjonijiet ta' *amoxicillin trihydrate*, ta' *ampicillin trihydrate* u ta' *cefalexin* li m'humiex ippakkjati f'dożi imkejla jew f'forom jew ippakkjar għal bejgħ bl-imnut skond il-Kodiċi NM ex 2941 10 10 (kodiċi TARIC 2941 10 10 10), ex 2941 10 20 (kodiċi TARIC 2941 10 20 10) u ex 2941 90 00 (kodiċi TARIC 2941 90 00 30) li joriġinaw mill-Indja.

[1] Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali tal-Kummerċ, Direttorat B J-79 5/17, Rue de la Loi/Wetstraat 200, B-1049 Brussel.

2. Ir-rata ta' dazju applikabbli għall-prezz nett liberu fuq il-fruntiera tal-Komunità, qabel id-dazju fuq l-importazzjonijiet prodotti fl-Indja mill-kumpanniji elenkati hawn taħt, għandha tkun kif ġej:

— 17,3 % għal KDL Biotech Ltd., Mumbai (kodiċi addizzjonali TARIC: A580),

— 28,1 % għal Nectar Lifesciences Ltd., Chandigarh (kodiċi addizzjonali TARIC: A581),

— 25,3 %% għal Nestor Pharmaceuticals Ltd., New Delhi (kodiċi addizzjonali TARIC: A582),

— 30,3 % għal Ranbaxy Laboratories Ltd., New Delhi (kodiċi addizzjonali TARIC: 8221),

— 28,1 % għal Torrent Gujarat Biotech Ltd., Ahmedabad (kodiċi addizzjonali TARIC: A583),

— 28,1 % għal Surya Pharmaceuticals Ltd., Chandigarh (kodiċi addizzjonali TARIC: A584),

— 32 % għall-kumpanniji l-oħrajn kollha (kodiċi addizzjonali TARIC: 8900).

3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji doganali għandhom japplikaw.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data li ssegwi l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Mejju 2005.

*Għall-Kunsilll*
*Il-President*
J. KRECKÉ